# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Mejju 2007 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 62 SENA * Nru. 888



Iż-Żwieġ, l-Omm, u l-Familja



It-tieġ tagħkom...
Palazzo Margherita
...kif dejjem xtaqtuh!
Naħdmu wkoll tiġijiet barra mill-istabbiliment tagħna.
Għal aktar informazzjoni żuru l-website
www.palazzomargherita.com
jew ċemplu fuq 21555 737

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 888***
***Mejju 2007***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**

*e-mail*: gozopress@onvol.net

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
Kummentarju (1) • 6
X'għadda minn għalina • 8
Riflessi • 14
Kummentarju (2) • 15
Il-Kliem fin-Numri • 17
Attwalità • 18
Kummentarju (3) • 20
Lenti fuq il-Ħajja Madwarna • 22
Sfidi ta' Żmienna • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
Il-Misteru tal-Knisja (4) • 28
Il-Biedja f'Għawdex (55) • 30
Pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa • 32
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin: Fontana • 34
Mill-Knisja fid-Dinja • 36
Għawdex 300 sena ilu (154) • 37
Għawdxin li għadna niftakru (43) • 38
Xhieda Nisranija • 40
Letteratura Għawdxija • 41
Kotba minn Għawdex • 42
Passiġġata Biblika (26) • 43
L-Istorja tal-Mediċina (14) • 45
Irqaqat mill-Imgħoddi • 47
Ħrejjef ta' Żmienna • 48
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49
Imkejjen Għawdxin (1): Il-Lunzjata • 50


**Ritratti:** *Hajr lil Joe Zammit, George Scerri, Alvin Scicluna, Max Xuereb, John Cordina, Joseph Vella, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*




# *Fejn toqgħod l-Intenzjoni Retta?*

*Malta u Għawdex qegħdin jgħixu fl-istennija tat-3 ta' Ġunju meta l-Q.T. Papa Benedittu XVI ser jiddikjara qaddis lis-saċerdot Ġorġ Preca. Hu l-ewwel Malti maħtur uffiċjalment mill-Knisja bħala kampjun tal-qdusija.* ***Dun Ġorġ huwa magħruf bħala "il-predikatur ta' l-intenzjoni retta",*** *għaliex din il-virtù kienet ħafna għal qalbu u saħaq fuqha b'tagħlimu, b'kitbietu u b'ħajtu.*

***"Il-kawża ta' kull azzjoni hija l-intenzjoni u hi l-intenzjoni li tagħti lil għemilna moralità. Il-karattru ta' l-azzjoni huwa dejjem jew tajjeb jew ħażin".*** *Għemil indifferenti ukoll jista' jkollu fini tajjeb jew ħażin. Għal Dun Ġorġ, kull azzjoni tajba, u wkoll kull azzjoni indifferenti, magħmula b'intenzjoni retta hi dik imwettqa għall-glorja t'Alla. Dan l-aspett spiritwali huwa l-ogħla livell ta' l-intenzjoni retta, u l-aktar wieħed nobbli. Dan huwa grad ta' qdusija, li meta jseħħ fuq livell personali, jġib konverżjoni radikali, u li kieku, bil-grazzja t'Alla, kellu jseħħ f'soċjetà, ikebbes fiha dak in-nar li dwaru jitkellem Kristu, meta jgħid, "u kemm nixtieq li dan diġà qabad."*

*Ċertament, l-intenzjoni retta fuq il-proposta spiritwali ta' Dun Ġorġ, ma timplikax deċiżjoni ħafifa jew xi "lifestyle" komdu. Madankollu, ukoll jekk mhux fil-grad daqstant għoli u qaddis ta' Dun Ġorġ, ir-responsabbiltajiet soċjali ta' kull wieħed u waħda minna, id-dmirijiet tagħna lejn il-ġid komuni, ukoll kontinwament jeżiġu azzjoni taħt l-ilġiem ta' l-intenzjoni retta. Imma fejn toqgħod, fil-gżejjer tagħna, l-intenzjoni retta? Forsi fil-qasam politiku, meta fil-konfront, bla ma jehda u mingħajr riżerva, il-partiti jimminaw l-kredibilità ta' xulxin? F'dawk iċ-ċittadini li jużaw id-dritt tal-vot bħala rikompens jew ritaljazzjoni personali? Fejn toqgħod l-intenzjoni retta? Forsi f'dawk il-programmi televiżivi li jxandru t-taparsijiet tal-kuntentezza u jbigħuhom b'realtà; li ma jsibux mod kif iħalltu s-sabiħ ma' l-utli, l-edukattiv mad-divertenti? Forsi toqgħod fil-karità marbuta mal-lotteriji; jew fl-imħabba sfruttata minn konsumiżmu sesswali? Fejn toqgħod l-intenzjoni retta? Fil-kummerċ? Fin-negozji? Fir-reklamar?*

*Ħalli ma nagħtix tweġiba, u bħalma jtenni Dun Ġorġ għal kull eżempju fil-Każistika tiegħu:* ***"Huwa s-Sinjur Alla li jiġġudika".***

*Imma s-soċjetà Maltija jiswielha jekk tieqaf ftit u taħseb fuq il-prinċipji ta' Dun Ġorġ dwar l-intenzjoni retta. Ngħixu aħjar ma' xulxin kieku nħaddmu mqar xi ftit mill-proposti tiegħu dwar din il-virtù; kieku jirnexxielna nifhmu aktar u aħjar li* ***"s-silenzju huwa l-arka ta' l-intenzjoni retta"*** *u li* ***"mhux il-virtù, iżda l-kawża tal-virtù għandha l-ħlas quddiem Alla".*** *Dan jgħodd għal kull wieħed u waħda minna; u jgħodd ħafna wkoll għal min jikteb xi editorjal!*

*Fil-festa ta' San Ġorġ Preca, hu xieraq li nistiednu l-intenzjoni retta biex dejjem aktar tgħammar fina ...u fostna, f'kull ma nagħmlu.*

**Joseph W. Psaila**

www.gozodiocese.org



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

**Mis-Seminarista Richard Farrugia**

## *It-Tfal*

"It-tfal huma t-tama tal-futur tal-Knisja! It-tfal għandhom dritt għall-ħajja spiritwali u kull min huwa responsabbli mit-tfal għandu jirrispetta dan id-dritt billi jgħin lit-tfal jgħarfu l-ġmiel ta' Alla u jitgħallmu l-lingwaġġ li bih jitkellem ma' Alla u dwar Alla." Dan il-kliem li r-Ragħaj Spiritwali tagħna għamel nhar il-Ħadd, 29 t'April 2007 waqt il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla ġewwa Għajnsielem jesprimi kemm dawn il-membri żgħar tal-familja ta' Alla huma importanti fil-ħajja tal-Knisja. Hawn ta' min isemmi l-ħidma ta' tant għalliema, katekisti, għaqdiet ta' l-appostolat, għaqdiet parrokkjali u skejjel fid-djoċesi tagħna sabiex it-tfal jirċievu edukazzjoni mibnija fuq il-valuri nsara. Hu minħabba din l-attenzjoni lejn it-tfal u studenti li Mons. Isqof sikwit iżur xi skejjel li hawn fil-gżira tagħna. Matul ix-xahar ta' April hu kellu l-okkażjoni li jmexxi ċelebrazzjoni fl-iskola Agius de Soldanis nhar it-3 tax-xahar, filwaqt li l-Ġimgħa 13, żar lill-istudenti fil-klassijiet tagħhom ġewwa l-istess skola. Nhar is-26 t'April hu ltaqa' ma' l-istudenti ta' l-iskola primarja tal-Qala.





*Mons. Isqof ikellem lill-istudenti tal-Gruppi tal-Vokazzjonijiet fis-Seminarju s-Sibt 30 t'April 2007.*



It-tfal għandhom id-dritt li jinstemgħu fil-komunitajiet ekkleżżjali. Kien għalhekk li fid-Djoċesi t'Għawdex ftit ilu twaqqaf Kunsill tat-Tfal biex dan jgħin lill-Knisja lokali tifhem il-ħtiġijiet tat-tfal u hekk tipprova tagħti tweġiba għalihom. Dan ġie mwaqqaf f'laqgħa li saret it-Tlieta, 10 t'April fil-Kurja Djoċesana. Dan il-Kunsill, iffurmat minn żewġ delegati mill-Parroċċi kollha ta' Għawdex, jirrappreżenta t-tfal kollha taħt it-tlettax-il sena. Hija xewqa ta' Mons. Isqof li dak li seħħ fuq livell ta' djoċesi, jiġri ukoll fuq livell ta' parroċċa.

## *Missirijiet spiritwali*

Id-djoċesi tagħna hi mbierka b'numru sabiħ ta' saċerdoti msejħa sabiex jirgħu l-poplu ta' Alla fdat lilhom. Mument tassew sabiħ fejn is-saċerdoti tal-Knisja tagħna ngabru madwar l-Isqof kienet il-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka filgħodu li saret fl-ewwel jiem ta' dan ix-xahar. Hemm, fil-Knisja Katidrali, Mons. Isqof fakkar lis-saċerdoti dwar id-dmir tal-paternità li huma għandhom lejn il-merħla; lejn il-Poplu ta' Alla. Mons. Grech saħaq li "aħna s-saċerdoti filwaqt li nistgħu nitgħallmu ħafna mill-missirijiet ta' din id-dinja, ma nistgħux nitraskuraw r-relazzjoni tagħna mal-Missier ta' Sidna Ġesu' Kristu u mal-Missier tagħna. Anzi hija minn din il-komunjoni tagħna mal-Missier li aħna nistgħu nispiraw fiduċja fl-ulied. Huwa propju minn dan it-twaħħid tagħna mal-Missier li aħna nistgħu nnisslu ulied ġodda permezz tal-kelma u tas-sagramenti". F'dan il-jum li fih is-saċerdoti ġeddu mill-ġdid il-wegħdiet saċerdotali tagħhom, fid-



*Mument ta' talb waqt il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla, Għajnsielem il-Ħadd 29 t'April 2007.*

djoċesi kollha sar talb speċjali għalihom u saret il-ġabra biex ngħinu anki materjalment lis-saċerdoti tagħna.

Wieħed mill-mezzi li jgħinu sabiex is-saċerdoti jaħdmu fl-għalqa tal-Mulej id f'id ma' l-Isqof huwa l-Kunsill Presbiterali li hu magħmul minn saċerdoti li jirrappreżentaw il-ħmistax-il parroċċa tad-djoċesi tagħna u li minn żmien għal żmien jiltaqa' bl-għan li jġib il-quddiem l-għaqda u l-ħidma fost is-saċerdoti. Dan ix-xahar, il-Kunsill Presbiterali ltaqa' is-Sibt, 14 t'April.

Il-Ħadd, 29 t'April 2007 id-djoċesi tagħna ssieħbet mal-Knisja kollha fil-Jum Dinji ta' talb għall-Vokazzjonijiet. B'rabta ma' dan, is-Sibt 28 t'April saret laqgħa għall-gruppi tal-vokazzjonijiet kollha t'Għawdex ġewwa s-Seminarju, Victoria.



## Il-Ġimgħa Mqaddsa

Matul l-ewwel ġimgħa t'April il-Knisja ċċelebrat il-Ġimgħa Mqaddsa. Il-Ħadd 1 t'April saret *Via Sagra* djoċesana fuq l-għolja Ta' Għammar quddiem is-santwarju Ta' Pinu. Fiha ħa sehem il-poplu, saċerdoti u Mons. Isqof. It-Tlieta, 3 t'April kien Jum Penitenzjali fid-djoċesi kollha. Fil-parroċċi saru ċelebrazzjonijiet penitenzjali u bosta resqu lejn is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Il-Ħamis beda t-Tridu Qaddis ta' l-Għid. Bejn il-Ħamis u l-Ġimgħa kienu ħafna dawk li għamlu l-viżti tas-seba' knejjes. Bħalma qal Mons. Isqof fil-Ġimgħa l-Kbira ġewwa l-Knisja Katidrali: "Jien timmeraviljani l-affluwenza tan-nies f'dan it-tridu tal-Għid. Hija



*Via Sagra Djoċesana : il-Ħadd, 1 t'April 2007*

sorprendenti l-parteċipazzjoni ta' eluf ta' nies f'attivitajiet liturġiċi jew paraliturġiċi li għandhom x'jaqsmu mal-misteru tal-Għid! Imma bis-sinċerità kollha, nistgħu ngħidu li dawn il-persuni huma serjament impenjati biex jimmaturaw fil-vokazzjoni nisranija tagħhom? Għalhekk, għal darba oħra nappellalkom biex naħdmu flimkien ħalli negħlbu din il-pjaga ta' l-injoranza reliġjuża; għax jekk intaffu l-injoranza tal-Kelma t'Alla, inkunu nistgħu mhux biss ma nkattrux is-slaleb biex insallbu n-nies fuqhom, imma bħal Qaddej Sofferenti inkunu nistgħu nerfgħu l-piż tal-bniedem sofferenti".

Is-Sibt filgħodu Mons. Isqof mexxa ċ-ċelebrazzjoni tas-Siegħa ta' l-Omm fis-Santwarju Ta' Pinu, u filgħaxija fil-knejjes kollha saret il-Velja Qaddisa ta' l-Għid. Fil-priedka tiegħu l-Katidral nhar l-Għid il-Kbir, ir-Ragħaj Spiritwali tagħna ħeġġeġ sabiex il-Knisja f'Għawdex tkun tassew komunità paskwali. Hu għamel appell biex bħala nsara ngħinu lill-bniedem modern jiskopri lil Alla. Hawn semma bħala esperjenza konkreta l-fondazzjoni ARKA, kif ukoll il-preżenza tar-refuġjati u l-immigranti f'pajjiżna: "Il-Knisja lanqas tista' tibqa' muta u tibqa' indifferenti jekk dawn il-persuni li għandhom bżonn ta' għajnuna bħalma kellhom id-dixxipli ta' Emmaws, jibqgħu ma jsibuhiex. Meta qed ngħid il-Knisja, nifhem ilkoll kemm aħna. Anke dan l-impenn favur il-bniedem sofferenti ta' llum huwa mod kif aħna nistgħu nlaqqgħu lil bniedem ma' Kristu Irxoxtat. Dan huwa element li jikkaretterizza lil komunità paskwali. Dawn huma l-awgurji li nixtieq inħallilkom f'dan il-jum li jimmarka s-sena liturġika kollha tagħna".






*Kummentarju (1)*

# *F'Jum il-Mezzi ta' Komunikazzjoni Soċjali fl-20 ta' Mejju*



## *Lejn xi forma ta' omelija djalogata?*

*minn Mons. Salv Grima*

**Aktar ma bdew għaddejjin is-snin u magħhom żdiedu dawn il-mezzi li bihom il-bniedem jikkomunika, il-Knisja f'dawn l-aħħar 40 sena għażlet il-Ħadd fuq l-Axxensjoni tal-Mulej biex turina x'għandu jkun l-aħjar użu tagħhom permezz ta' messaġġ mill-Q.T. il-Papa.**

F'pajjiżna l-mezzi awdjoviżivi mhux biss żdiedu imma lanqas baqgħu lura milli jkunu kompetittivi tant li minn żmien għall-ieħor joħorġu ċ-ċifri dwar liema programmi jkunu l-iktar segwiti. Ir-riżultati jitkellmu weħidhom iżda l-ebda programm s'issa mhu jaqbeż il-190,000 semmiegħ li qed ikollha l-omelija tal-Ħadd, skond l-aħħar ċensiment tal-quddies li sar f'Novembru 2005.

Wara xi żmien meta l-omelija kienet għaddejja mill-għarbiel tal-ġudizzju uman, anki fi spirtu kristjan ta' dawk li jmorru l-quddiesa tal-Ħadd, wieħed ma jiċħadx il-fatt li seta' sar xi forma ta' titjib, xejn xejn inħolqot xi ftit iktar attenzjoni fost dawk li huma responsabbli mill-messaġġ tal-Vanġelu li għandu jitwassal lill-komunità nisranija.

Soltu nħobbu nitfgħu ħarsitna fuq Kristu, bħala l-Lehen il-Maħbub, u bħall-Qaddis Dun Ġorġ Preca nistħajluna nistaqsu kif kien iġib ruħu l-Imgħallem tagħna kieku kien minflokna. Konna ninteressaw ruħna mhux biss mill-kontenut jew mill-importanza tal-messaġġ, dwar il-kategorija tas-semmiegħa jew iċ-ċirkostanzi varji li kellu, imma wkoll dwar il-metodu jew sengħa li bihom kien jinqeda biex jikkomunika ma' ta' madwaru.



Għalkemm insibu diskorsi twal li l-evanġelisti jpoġġuhomna bħallikieku Kristu qalhom f'okkażjoni waħda, bla ma kellu min jinterrogah, kif ukoll oħrajn miġbura minn biċċiet qosra, xorta ma jonqsux dawk id-drabi fejn huwa u jitkellem jieħdu sehem diversi individwi f'forma ta' djalogu ma' Kristu. Dan ġara mhux biss meta kienu jpoġġulu domandi biex jimbarazzawh u li minnhom insibu kemm irridu, iżda wkoll meta per eżempju tkellem ma' dawk dwar is-sejħa tagħhom u jekk setgħux jimxu warajh (*ara Lq. 9, 57-62*), dwar min jista' jsalva ( *ara Mt. 19, 16-30* ), dwar kemm-il darba naħfru (*ara Mt. 18, 21ss*), fit-tul ma' Nikodemu u mas-Sammaritana (*ara Ġw. 3, 1ss. 4, 1ss*) jew dwar liema hu l-ikbar kmandament (*ara Mk. 12, 28-34)* u tant oħrajn.

Wieħed jintebaħ kemm kliem Kristu kien minsuġ f'interventi anki ġenwini għalkemm spontanji, fil-privat u fil-pubbliku. B'daqshekk wieħed m'għandux jikkonkludi li mhemmx x'jikkonsidra jekk kellu japplika dan ma' l-omelija fil-ħin tal-quddiesa. Jeħtieġ li jiġi mħares l-iskop ta' l-omelija, osservat it-tul tal-ħin, segwiti ċerti normi liturġiċi u dejjem rispettati s-semmiegħa li jkunu. L-istil ta' xi forma ta' djalogu fl-omelija lanqas ma jeskludi l-ħtieġa ta' laqgħat barranin, konferenzi varji jew diskorsi oħrajn għall-komunità fejn hu iktar possibbli u jibqa' iktar lok għal diskussjoni djalogata jew mistoqsijiet min-naħa tal-pubbliku li jkun.

Ħaġa ma teskludix lill-oħra ladarba nafu kemm bl-omelija għadu jintlaħaq l-ikbar għadd ta' semmiegħa, ħafna iktar mill-għaqdiet jew laqgħat oħrajn, alavolja dan il-mezz jista' dejjem jitjieb. Madwarna qed naraw kemm il-*media*, bħalma







huma t-televiżjoni u r-radju, u mhux anqas ħafna *"web-sites"* fuq il-kompjuter qed iservuna ta' lezzjoni. Dan mhux biss meta jxandru programmi diretti bil-linji telefoniċi miftuħa għas-semmiegħa kollha biex jipparteċipaw ma' oħrajn, imma wkoll fil-mod kif jippreżentaw is-suġġett bis-sehem ta' membri fil-*panel,* b'interventi qosra minn dawk preżenti, intervisti u qsim ta' fehmiet, li lkoll joffru biex il-programm ikun interessanti u joħloq iktar riflessjoni u diskussjoni u hekk jingħata aħjar il-messaġġ dwar l-importanza tas-suġġett li jkun.

Lanqas mhu l-każ li wieħed għandu jqabbel l-omelija ma' dan il-metodu, u għal diversi raġunijiet. Pero' xorta l-omelija tista' tkun imwieżna b'dak li jgħin biex titwassal aħjar, iktar u iktar meta hija l-ispjega tal-Kelma tal-Ħajja. Huwa hawn li ċ-ċelebrant, skond il-ħin limitat għal waqt il-quddiesa u bla ma tkun issagrifikata l-azzjoni liturġika li tkun, jista' jħejji huwa stess minn 2 sa 3 domandi qosra biex isurulu minn saċerdot ieħor jew mill-istess animatur. Din ma ssirx mingħajr preparazzjoni xierqa, bla ma teskludi bilfors xi metodi oħra utli u addattati wkoll għall-istess għan.

L-istess jista' jsir f'każ ta' Pastorali ta' l-Isqfijiet fejn, flok omelija djalogata, din tinqara b'mod alternat minn tnejn. Eżempji oħra li ġie li twettqu huma dawk waqt eżerċizzi fir-Randan, konferenzi waqt korsijiet ta' tagħlim, jew f'xi novena jew tridu ta' xi ċirkostanza jew festa. L-għan jibqa' dejjem wieħed biex il-messaġġ nisrani jitwassal b'mod iktar interessanti u biex iżomm l-attenzjoni u dik l-aspettattiva tas-semmiegħa.

Żgur li l-eżempju tal-Papa Benedittu XVI, għalkemm ma kienx il-każ ta' l-omelija, serva biex jintlaħaq aħjar l-iskop mixtieq meta f'diversi okkażjonijiet l-udjenza tiegħu kienet tikkonsisti f'domandi u tweġibiet, bħalma għamel reċentement per eżempju mas-seminaristi ta' Ruma (*17-2-2007*) u ftit wara mal-kleru kollu nhar it-22 ta' Frar li għadda. Ta' min jiżen u jirrifletti!

PMC TOURS

**24 ta' Lulju- 1 t'Awissu**
**BUDAPEST-VIENNA-PRAGA**
**23 – 30 t'Awissu**
**MILAN-RIVA-VENEZIA-PADOVA**
**VERONA-DOLOMITI-GARDALAND**
**10 – 15 ta' Settembru**
**LOURDES-FATIMA-LISBONA**
**Bookings:J.Portelli Ent. 108 St.John Str.**
**Valletta. T.21253577 2-21247016-21561212**
**INSURANCE B'XEJN LIL MIN JIBBUKKJA KMIENI**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Wirja ta' Saħħa u Sigurtà għat-Tfal fl-Iskejjel Għawdxin*

Għat-tieni sena konsekuttiva fil-Kumpless Sportiv fir-Rabat, Għawdex ittellgħet wirja dwar Saħħa u Sigurtà bis-sehem tal-iskejjel kollha ta' Għawdex.

Din il-wirja bl-isem ta' *'Feel Safe Be Safe'*, kienet immirata biex iżżid l-għarfien fuq l-importanza tal-Ħarsien tas-Saħħa fil-ħajja ta' kuljum kif ukoll biex toffri tagħrif u tagħlim lill-pubbliku fuq il-ħtieġa ta' ambjent san għall-istudenti u ħaddiema fl-iskejjel.

Waqt li kienet qed tinawgura din il-wirja, Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, qalet li ż-żieda tal-*'Health and Safety'* bħala suġġett fil-kurrikulu kien milqugħ tajjeb kemm mill-istudenti, kif ukoll mill-ġenituri u mill-edukaturi. Hija qalet ukoll li hi responsabbiltà kollettiva tagħna lkoll li nassiguraw li t-tfal tagħna jiġu mgħallmin dwar l-importanza tal-Ħarsien tas-Saħħa. Dan it-tagħlim għandu jibda minn meta t-tfal ikunu ta' età żgħira sabiex hekk ikunu mħarrġa biżżejjed kif iġibu ruħhom meta jiġu ffaċċjati mill-perikli li jistgħu jiltaqgħu magħhom. Hija saħqet dwar l-importanza li jiżdied l-għarfien dwar is-saħħa u s-sigurtà fost il-ġenituri, studenti u l-pubbliku b'mod ġenerali filwaqt li rreferiet dwar l-attenzjoni li l-Ministeru tagħha kontinwament jagħti biex jassigura ambjent aktar sigur fl-iskejjel Għawdxin.

F'din il-wirja wieħed seta' jifli diversi taqsimiet mtella' minn entitajiet differenti li kienu jinkludu *charts* magħmula mill-istudenti fil-*Gozo College*, *workshops* li fihom ħadu sehem studenti mill-iskejjel sekondarji Għawdxin, kif ukoll wirjiet mill-iskwadra tal-klieb tal-Pulizija, oħra fl-ewwel għajnuna mis-Soċjetà tas-Salib l-Aħmar kif ukoll wirja ta' tifi tan-nar u *abseiling* mit-Taqsima tal-Protezzjoni Ċivili.

Matul iż-żmien tal-wirja ntwera preżentazzjoni elettronika filwaqt li l-*Gozo College* organizza kompetizzjoni li kienet tikkonsisti f'erbgħa attivitajiet li fihom ipparteċipaw tfal mill-iskejjel kollha t'Għawdex, kemm dawk tal-Gvern kif ukoll tal-Knisja.

Il-wirja kienet miftuħa bejn l-Erbgħa 28 u l-Ġimgħa 30 ta' Marzu.












## *"Iċ-Ċena tas-Sinjur Ġesù" - Wirja Speċjali fil-MUSEUM tan-Nadur*

Fil-MUSEUM tas-Subien tan-Nadur, reġgħet għal darb'oħra, din is-sena, ittellgħet il-Wirja taċ-Ċena tas-Sinjur Ġesù. Fetħet nhar Ħadd il-Palm, 1 t'April u baqgħet għall-wiri sa nhar il-Ġimgħa l-Kbira, 6 t'April. Tlettax-il figura ta' Ġesu' flimkien ma' l-Appostli, xogħol l-artist żagħżugħ Naduri James Azzopardi.



*Iċ-Ċena tas-Sinjur Ġesù - wirja li kienet miftuħa għall-pubbliku fil-MUSEUM tas-Subien, in-Nadur.*

L-istorja tal-Mejda ta' l-Appostli li l-Museum tas-subien itella' kull sena bdiet qisha b'kumbinazzjoni. Kien ir-Randan tas-sena 1989 meta ħarġet l-aħbar fin-Nadur li l-Mejda ta' l-Appostli li kienet is-soltu ssir ma kinitx ser tittella' dik is-sena. Iż-żgħażagħ tal-Museum ħassew li nħoloq vojt u riedu jimlewh. Nibtet ix-xewqa li jagħmluha huma. Iżda la kellhom tagħrif bibliku u wisq inqas l-għodda meħtieġa biex wieħed itella' wirja bħal dik. Imma kien hemm ħafna entużjażmu u minkejja l-limitazzjonijiet kollha l-wirja ttellgħet u min żarha ħa pjaċir. Kien l-ewwel attentat. Fqir għall-aħħar imma kien il-bidu.

Is-sena ta' wara kien hemm ħafna iktar preparazzjoni. Il-mejda ssawret aħjar u nħoloq ambjent bibliku biex jagħti iktar ħjiel dwar is-sala li fiha saret l-aħħar ikla tal-Mulej. U hekk kull sena bdew isiru oġġetti marbuta ma' din il-ġrajja. Intgħażel drapp addattat għall-purtieri, il-mejda setgħet titgawda iżjed u l-ikel kien kollu bibliku. Anke l-oġġetti li bdew jiġu esebiti kellhom rabta ma' dawk iż-żminijiet li fihom għex Ġesù. In-numru ta' dawk li jżuruha kompla jikber kull sena u dan ħajjar lill-organizzaturi li jagħmlu l-ewwel statwa '*life-size*' li naturalment kienet tal-Mulej innifsu. Kien l-Għid tas-sena 1998. Ħarġet statwa stupenda li tagħha James Azzopardi, l-artist skultur Naduri għandu għax ikun kburi.

Issa n-nies riedu l-istatwi l-oħra u fi ftit xhur inqalgħu bosta benefatturi li riedu jħallsu għal xi appostlu partikolari. Wara sentejn James lesta l-istatwi ta' San Pietru, San Ġakbu, San Ġwann u San Filippu. Fis-sentejn ta' wara, 2001-2003 James lesta t-tmienja l-oħra. Kollha juru ħila u sengħa artistika.

Tiskanta kif kull sena l-organizzaturi jirnexxielhom joħolqu ambjent ġdid...qatt ma jkun ripetizzjoni ta' dak li jkun sar qabel. Imma dejjem bibliku fis-sura tiegħu. Tant li malli wieħed jidħol jaraha jistħajlu daħal fis-sala fejn l-Imgħallem għamel l-aħħar ikla tiegħu u donnu tisimgħu jtenni l-kliem: "Dan hu Ġismi....dan hu Demmi".

Meta tkellimna ma' Anthony Mercieca, qalilna "li din hi x-xewqa ta' l-organizzaturi, li kull min jidħol jara l-mejda ta' l-appostli jħossu qrib l-Imgħallem waqt li dan bl-ikbar imħabba kien qed iħabbar li ser jibqa' magħna għal dejjem." Mercieca żid jgħid illi "għall-membri din il-wirja tissejjaħ iċ-Ċena tas-Sinjur Ġesù....għax hekk kien jirreferi għall-aħħar ikla tal-Mulej il-fundatur Dun Ġorġ Preca li b'rispett lejn il-Mulej kien iħobb iżidlu t-titlu...is-Sinjur."

## *Programm ta' xogħol f'Kerċem mill-Kunsill Lokali Ġdid*



*Is-Sindku Joe Grima*

Nhar it-Tlieta 3 t'April, fis-7.00 ta' filgħaxija, saret l-ewwel laqgħa tal-Kunsill Lokali elett fir-raħal ta' Kerċem, wara l-elezzjonijiet li saru f'Marzu.

Iltqajna mas-Sindku Joe Grima u tlabnieh il-programm ta' xogħol li mistenni jwettaq il-Kunsill f'dawn it-tlett snin li ġejjin. Is-Sur Grima qalilna li l-prijorità ewlenija tal-ħidma tal-Kunsill għal dawn it-tlett snin li ġejjin ser terġa' tingħata lill-qasam infrastrutturali, b'mod speċjali l-bini ta' toroq ġodda. Fi Triq l-Avukat Anton Calleja għandu jsir proġett kbir li jinkludi t-twessiegħ tal-parti perikoluża li tmiss ma' Triq Qasam San Pawl. Dan ser isir flimkien mal-Ministeru għal Għawdex. Ix-xogħol f'din it-triq għandu jinkludi wkoll it-tkomplija tal-*Water Culvert* li jibda minn dak li kien sar fi Triq Qasam San Pawl u jingħaqad ma' dak ta' Triq San Pietru u San Pawl u b'hekk tkun solvuta l-problema kbira tal-għargħar li ilha snin kbar tolqot iċ-ċentru tar-raħal. Din it-triq ser tinkesa wkoll bit-tarmak. Toroq oħra identifikati biex jinksew bit-tarmak huma dawk tal-*Housing Estate*, jiġifieri Triq il-Ħorġ, Triq is-Summien u Triq Wenzu Mintoff. Proġett ieħor infrastrutturali kbir huwa dak tal-Ġnien li ser jinbena fl-*area* tal-*Housing Estate* - preċiżament fi Triq il-Ħorġ. L-*area* identifikata, li bħalissa hija mitluqa, minbarra li ser tinbidel f'post ta' rikreazzjoni, għandha sservi wkoll ta' post fejn ikunu jistgħu jiġu organizzati attivitajiet ta' divertiment u rikreazzjoni. Dan il-proġett għandu jsir b'għajnuna tal-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali u l-Ministeru għal Għawdex. Proġetti oħra infrastrutturali huma dawk tat-tkomplija tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku fi Pjazza Orvieto. Huwa ttamat li jingħata spinta lill-ewwel sular li fih ser jilqa' l-uffiċini tal-Kunsill, Għassa tal-Pulizija, Berġa u Librerija.

Matul din l-amministrazzjoni għandu wkoll jitkompla l-programm ta' bini ta' għadd ta' ħitan tas-sejjieħ kemm fit-triq li twassal sal-Għadira ta' San Raflu, kif ukoll f'diversi toroq oħra madwar ir-raħal. Għandu jsir ukoll proġett ieħor ta'

bini ta' ħitan tas-sejjieħ u ta' tisbiħ fi Triq it-13 ta' Diċembru u Triq Qasam San Ġorġ - b'mod speċjali ħdejn in-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu. Ser jitkompla wkoll il-programm ta' bini ta' bankini ġodda u r-restawr ta' oħrajn skond il-ħtieġa. Dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-*Construction & Maintenance Unit* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

Il-qasam edukattiv ser ikompli jingħata l-ispinta li jixraqlu. Ser tkompli tiġi organizzata Skola Sajf li tant kienet suċċess fis-snin li għaddew u ser ikomplu jittieħdu inizjattivi oħra b'risq it-tfal u l-istudenti tar-raħal ta' Kerċem, anke permezz ta' attivitajiet *extra* kurrikulari fosthom permezz ta' attivitajiet sportivi u ambjentali. Pilastru ieħor importanti li fuqu huwa mibni l-Kunsill Lokali Kerċem huwa dak tal-komunikazzjoni mill-qrib mar-residenti . Dan isir permezz ta' diversi inizjattivi fosthom l-attivitajiet "Viċin il-Kostitwenti" organizzati kull sena f'Jannar u Frar, il-ħarġiet kulturali u edukattivi madwar Malta u Għawdex u l-laqgħat ta' informazzjoni li jsiru minn żmien għal żmien.

Il-qasam kulturali wkoll ser ikompli jingħata attenzjoni partikolari. Żewġ attivitajiet ewlenin huma Jum Kerċem u Jum Santa Luċija. Dawn isiru f'Lulju u Diċembru rispettivament. Matulhom jingħataw ukoll l-unuri Ġieħ Kerċem u Ġieħ Santa Luċija. Ikompli jingħata spazju mistħoqq lit-talent lokali fl-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill. Jiġu mistiedna wkoll artisti oħra magħrufa sabiex jipparteċipaw f'diversi attivitajiet. Il-festi tal-Karnival ikomplu jiġu organizzati bl-aħjar mod possibbli f'serata apposta li tinkludi wkoll kompetizzjonijiet għall-isbaħ kostum u l-isbaħ karru.

Il-Kunsill Lokali ser ikompli joffri s-servizzi kollha neċessarji sabiex ir-residenti jinqdew aħjar u jsibu min jismagħhom u jgħinhom fil-ħtiġijiet tagħhom. Dan ser isir b'sistema ta' *customer care* effiċjenti offruta mill-uffiċċju tal-Kunsill stess. B'hekk ir-residenti jħossuhom aktar qrib l-amministrazzjoni lokali li għaliha huma vvutaw u eleġġew fl-aħħar elezzjonijiet lokali ta' Marzu.

## *Lino Spiteri f'Għawdex bil-ktieb ġdid tiegħu*



*Flimkien mas-Segretarju Ġenerali ta' l-Alternattiva Demokratika (the green party), Victor Galea.*

Diversi kienu dawk l-Għawdxin,minn kull sfera tal-ħajja, ħaddiema ta' l-id, *managers* ta' banek, għalliema, eks għalliema, tobba, persuni fin-negozju tal-bini, membri t'Għaqdiet voluntarji kif ukoll is-Segretarju Ġenerali ta' l-Alternattiva Demokratika *the green party*, Victor Galea, li nhar l-Erbgħa 11 t'April, wara nofsinhar, marru l-*Bargate Bookshop*, Victoria, sabiex il-pubblikazzjoni tal-ġabra ta' memorji ta' Lino Spiteri "Jien u Għaddej fil-Politika", tiġi awtografata mill-awtur innifsu.



*Lino Spiteri ma' l-Għawdxin. Jidhru faċċata, mix-xellug għal-lemin Victor Galea u Joe Sultana.*

Is-Sur Spiteri sab ħin jitkellem ma' dawk kollha li marru ħdejh u anke wħud fakkruh fi żmienhom meta f'xi snin kienu anke għalliema fi skejjel f'Malta. Ħafna minn dawk li marru ħadu magħhom kotba oħra ta' l-istess awtur sabiex jawtografahomlom. Għawdex hu nieqes ħafna minn inizjattivi ta' din ix-xorta.

## *Żjara ta' korteżija minn Pulizija Maltin lill-Isqof t'Għawdex*



Nhar l-Erbgħa, 11 t'April, membri ta'l-Eżekuttiv, ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta (M.P.A.) għamlu żjara ta' korteżija lill-Mons. Isqof Mario Grech, fil-Kurja Djoċesana, Victoria. Matul din iż-żjara ġew diskussi diversi suġġetti. L-Assoċjazzjoni wasslet ukoll il-kummenti li rċiviet mill-kollegi tagħha għawdxin li huma kuntenti ħafna li l-E.T Mons.Mario Grech huwa l-mexxej spiritwali għad-djoċesi ta' Għawdex u li l-Korp tal-Pulizija bħala bnedmin u ħaddiema f'nazzjon nisrani dejjem ippruvaw iżommu l-fuq il-motto tal-Korp "DOMINE DIRIGE NOS". Fl-aħħar tal-laqgħa l-President ta' l-Assoċjazzjoni, il-kuntistabbli Stephen Camilleri ppreżenta statwa tar-redentur lill-Mons. Isqof Grech, maħduma mill-Kuntistabbli Pierre Bugeja.

Fir-ritratt mix-xellug għal-lemin jidhru, il-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija il-kuntistabbli Stephen Camilleri, l-assistent kummissarju Paul Sammut, l-RSM Charles Zammit, l-E.T. l-Isqof Mario Grech, is-Supretendent Antonello Grech, l-ispettur Charles Abdilla, il-kuntistabbli Pierre Bugeja, il-kuntistabbli Martin Pace u s-segretarju ġenerali ta' l-assoċjazzjoni is-surġent Geoffrey Attard McCarthy.

## *Wirja ta' l-Arti b'xeni realistiċi ta' Għawdex*


*Il-Kappella ta' l-Għonq.*

Il-Fondazzjoni Belt Victoria, bejn il-Ġimgħa 13 t'April u l-Ħadd 6 ta' Mejju, tellgħet Wirja ta' l-Arti ta' Peter Heywood minn Yorkshire l-Ingilterra, fil-Banca Giuratale, Victoria. Dan wara stedina li saritlu mill-fundatur tal-Fondazzjoni, is-Sależjan Għawdxi, Fr Charles Cini. Għal Heywood din hi l-ewwel wirja tiegħu f'Għawdex. Peter jittama li din il-wirja ma tkunx l-ewwel waħda, imma waħda minn ħafna li jittama li jtella' f'Għawdex. Il-pitturi esebiti f'din il-Wirja huma xeni realistiċi t'Għawdex. Fosthom wieħed jista' jammira l-Kappella ta' l-Għonq, Victoria; il-Pjazza ta' Santa Luċija ddominata mill-bini tal-Knisja u ċ-Ċentru Pastorali; diversi toroq u galleriji kif ukoll bandisti waqt marċ tard filgħaxija.


*Bandisti waqt marċ*


*Bini antik li jista' jiġi nnotat hekk kif wieħed ikun ser iħalli Triq l-Assunta, ir-Rabat, min-naħa t'isfel.*


*Il-villaġġ ta' Santa Luċija*

## *Żjara mill-Kor tal-Katidral ta' Canterbury fil-Bażilika ta' San Ġorġ*

Nhar is-Sibt 14 ta' April fl-għaxija l-Bażilika ta' San Ġorġ Martri, fir-Rabat, Għawdex, kienet mimlija għall-kunċert mill-Kor tal-Katidral ta' Canterbury fl-ewwel żjara f'pajjiżna. Dan hu l-kor tal-knisja prinċipali anglikana, fejn ikantaw kuljum u anke f'okkażjonijiet speċjali.

It-18-il tifel u t-12-l-adult, flimkien ma' l-organista James Norrey, kienu tassew impressjonanti fil-mod kif wasslu repertorju vast b'xogħlijiet ta' Weelkes, Byrd, Phillips, Allegri, Biebl, Scarlatti, Langlais, Naylor, Britten, Swayne, Lauridsen, Goodall u Handel. Id-direttur David Flood ikkonkluda l-programm ta' siegħa skorruta b'innu tal-*maestro di cappella* l-Professur Joseph Vella li kien ikkomponieh għall-kor tal-bażilika *Laudate Pueri*.


*Il-Kor flimkien ma' l-Arċipriet tal-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ, Mons. Ġużeppi Farrugia u ma' Dun George J. Frendo.*

L-udjenza, immexxija mill-President tal-Kamra Anton Tabone, il-Ministru Giovanna Debono u s-Sindku Robert Tabone, uriet l-entużjażmu tagħha permezz ta'ċapċip meritat. Sintendi kienu preżenti ukoll rappreżentanti mis-Soċjetà La Stella u l-Kapitlu ta' San Ġorġ. Dun George J. Frendo (assistent *maestro di cappella* u direttur tal- *Laudate Pueri*), li żamm il-kuntatti għall-organizzazzjoni tal-mawra f'Għawdex, introduċa s-serata.



*Il-Kor ta' Canterbury waqt id-debut tiegħu.*

Fl-aħħar tal-kunċert, l-arċipriet Mons Ġużeppi Farrugia ddeskriva l-okkażjoni bħala djamant ieħor fl-istorja dehbija ta' San Ġorġ, unur għall-bażilika, sinjal ekumeniku u glorja għal Alla. Semma anki li l-katidral ta' Canterbury hi knisja mill-iktar prominenti fid-dinja nisranija u li l-komunità anglikana f'Għawdex kienet ġiet dedikata lill-Madonna u San Ġorġ fl-istess bażilika mill-isqof Geoffrey Rowell fl- 2005.

Il-membri tal-Kor u l-grupp ta' magħhom kellhom imbagħad ikla fid-Dar Parrokkjali, binja sabiħa li dalwaqt tkun lesta għal kollox biex isservi anki ta' residenza għas-saċerdoti.

L-għada, il-Ħadd filgħodu, il-Kor kompla jpaxxi billi kanta waqt il-konċelebrazzjoni kapitulari sollenni fil-festa tal-Ħniena Divina. Ippresieda Mons Farrugia, flimkien ma' 10 konċelebranti oħra -

fosthom monsinjuri u kanonċi. Tħajru jingħaqdu ma' l-assemblea diversi anglikani li jgħixu Għawdex: hekk semgħu lill-kor fl-introjtu, fl-offertorju, fil-kanoni bil-Latin u waqt it-tqarbin. Verament kienet liturġija li televak!

Ta' min ifakkar li anki l-Kor tal-*Cappella Sistina* kien ġie jagħti kunċert fil-Bażilika. Barra minn irġiel professjonisti li iżda għandhom karriera oħra separata, dan ta' Canterbury jikkonsisti minn subien ta' bejn id-9 u t-12-il sena. Dawn it-tfal jgħixu hemmhekk stess u jistudjaw fl-iskola *St Edmund's*. Jikkunċertaw qabel u wara l-iskola u jkantaw l-Għasar kuljum! Barra minn hekk, ikollhom lezzjonijiet individwali tal-vuċi u jitgħallmu żewġ strumenti.




*Uħud minn dawk preżenti. Fl-ewwel filliera jidhru l-mistiedna distinti.*

## *Mijiet ta' familji jattendu l-Fiera Festa ta' l-Għadira f'Kerċem*

Mijiet ta' familji Għawdxin u Maltin, kif ukoll għadd ta' turisti, nhar il-Ħadd, 15 t'April, imlew l-inħawi tal-Għadira ta' San Raflu, fir-raħal ta' Kerċem, u pparteċipaw fit-23 edizzjoni ta' din il-fiera popolari li ssir kull sena Ħadd fuq l-Għid il-Kbir.



L-attività, li kienet mifruxa fuq nofs ta' nhar sħiħ kienet tikkonsisti fi *stands* ta' rebħ ta' rigali għad-dar, rebħ ta' gidien, lotteriji, għadd ta' logħob għat-tfal u żgħażagħ, dawriet fuq il-*pony* u t-*train*, *kidi-rides*, *balloon making*, ikel, xorb u ġelat. Kien hemm ukoll is-servizz ta' trasport mir-Rabat lejn l-Għadira u lura. L-organizzazzjoni kienet waħda tajba ħafna u dawk kollha li kienu preżenti ħadu gost b'dak li kien offrut. L-ambjent ta' l-Għadira ta' San Raflu huwa uniku, it-temp kien wieħed eċċezzjonali u dawn komplew jgħinu biex l-attività tirnexxi. Il-qliegħ li jibqa' mill-Fiera jmur għall-fond biex tiġi organizzata l-Festa Titulari tal-Madonna tas-Sokkors. Din il-Fiera tiġi organizzata mill-Kumitat tal-Festa Kerċem.



## *L-44 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla f'Għajnsielem*



*Waqt il-Korteo. Jidhru mix-xellug għal-lemin l-Arċipriet Emeritus Mons. Ewkaristiku Sultana, 'chaplain' tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla f'Għawdex; l-Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem, Mons. Frankie Bajada' Mons. Isqof Mario Grech; id-Dumnikan, Dun Joe Vassallo, 'Chaplain' Nazzjonali tax-Xirka u ċ-ċerimonjier ta' Mons. Isqof, Dun Salv Tabone.*

*Mima mtella' mit-tfal tal-Parroċċa t'Għajnsielem.*



L-44 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla sar fil-Parroċċa tal-Madonna ta' Loreto, f'Għajnsielem, bejn is-Sibt 14 u l-Ħadd 29 t'April. Kellu bħala motto *"Mulej is-sebħ tiegħek jgħannih fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib"* (Salm 8,3). Il-Kungress laħaq il-qofol tiegħu l-Ħadd 29 t'April, filgħodu, meta fil-knisja parrokkjali t'Għajnsielem, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Sollenni. Il-Kor Lauretana anima l-funzjoni permezz tal-kant.



*L-Istatwa tar-Ragħaj it-Tajjeb tiddomina l-Pjazza tal-Madonna Ta' Loreto.*

Filgħaxija telaq korteo mill-pjazza tad-Deħra bis-sehem tal-*Victoria Scout Group* u l-Banda San Ġużepp. Hekk kif il-korteo wasal fi Pjazza Madonna ta' Loreto, ittella' programm varjat li kien jinkludi merħba mill-Arċipriet Frankie Bajada, mima mtella' mit-tfal tal-parroċċa, indirizz minn żewġ żgħażagħ li din is-sena ser jitilgħu ma' sħabhom iż-żgħażagħ Għajnselmiżi ġewwa Loreto għall-laqgħa kbira mal-Papa Benedittu XVI fl-1 u t-2 ta' Settembru, qari tal-Kelma t'Alla, diskors mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech u Barka Sagramentali. Il-kant tmexxa mill-Kor Lauretana bil-parteċipazzjoni tal-Kor Sant' Antnin u korijiet oħra. Mijiet ta' nies attendew bi ħġarhom għal din il-manifestazzjoni.

## *Wirja ta' pittura u skultura ta' Nicholette Vella*


*Nicholette Vella turi x-xogħlijiet tagħha lil Ministru Giovanna Debono.*

Nhar is-Sibt, 14 t'April, f'waħda mis-Swali tal-Wirjiet, fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex, fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, infetħet uffiċjalment mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, wirja ta' pittura u skultura magħmula minn Nicholette Vella. Il-wirja bl-isem ta' '*Diversity*' baqgħet miftuħa sal-Ħadd, 6 ta' Mejju . Fil-wirja kien hemm selezzjoni ta' xogħolijiet li din l-artista Għawdxija għamlet f'dawn l-aħħar erba' snin. Minkejja li Nicholette ilha tieħu sehem f'wirjiet kollettivi għal bosta snin kemm fil-gżejjer Maltin kif ukoll barra minn Malta, din hija l-ewwel wirja personali tagħha.


*Skultura minn dawk li kienu esebiti.*

Waħda mill-ewwel affarijiet li jolqtuk fix-xogħlijiet ta' Nicholette hija il-preżenza tal-forma umana. Wieħed jista' jgħid li il-forma umana kienet omnipreżenti f'din is-selezzjoni ta' xogħlijiet. Ħafna mill-pitturi esibiti kienu biss bl-iswed u bl-abjad. Ftit kien hemm xogħol bil-kulur. In-nuqqas ta' kuluri u ta' dettall żejjed ta ċertu semplicita' lil dawn ix-xogħlijiet. Din il-karatteristika ssaħħet iktar permezz tal-linja magħfusa u b'saħħitha li kien fihom, aspett li jirrifletti l-istudju li Nicholette għamlet fl-'*interior design*'. Wieħed jista' jgħid li hemm anke' ċertu element ta' primittivizmu fil-maġġoranza tax-xogħolijiet; dan deher partikolarment fl-uċuħ tal-figuri, li ħafna drabi kienu jixbħu lil xi tip ta' maskra Afrikana. Aspett ieħor prominenti kien l-element ta' kollettività u ta' ripetizzjoni li ta effett ta' disinn u għaqda lil dawn ix-xogħlijiet. Din il-kollezzjoni ta' pittura u skultura mingħajr l-iċken dubju kienet ċertament memorabbli għall-partikolarità tagħha.

## *Għotja ta' Lm1000 lill-"Arka" minn Londra*

Nhar it-Tnejn 16 t'April, fl-"Arka Respite Center", Għajnsielem, saret il-preżentazzjoni ta' għotja ta' flus li tammonta għal Lm1,000 lill-Mons. Emmanuel Curmi, direttur tal-"Fondazzjoni Arka" mingħand is-Sinjura Tina Rapinet, membru tal-kumitat ta' assoċjazzjoni minn Londra magħrufa bħala "*The Malta Charities Association*". Din l-għotja saret possibbli fuq l-inizzjattiva tal-iskultur Għajnselmiż Joe Xuereb li rrakomanda lill-'*Arka Foundation*' biex tingħata din l-għajnuna. Dan wara li l-iskultur Xuereb ilu jgħin lil '*Malta Charities Association*' għal dawn l-aħħar 7 snin, billi jagħtihom biċċa skultura minn tiegħu li tkun irkantata ġewwa Londra matul ballu li jsir ta' kull sena qabel il-festi tal-Milied. Din is-sena, '*The Malta Charities Association*' żammet l-ikla tagħha biex tiġbor il-fondi, ġewwa l-lukanda prestiġjuża l-'*Landmark Hotel*'. L-iskultura ta'daqs medju ta' Xuereb, inbiegħet għas-somma ta £1600 u din għinet sabiex u f'attivita' waħda inġabret is-somma ta'madwar £15,000 (sterlini).


*Mons. Emmanuel Curmi jirċievi l-għotja mingħand is-Sinjura Tina Rapinett, fil-preżenza ta'l-iskultur Joe Xuereb.*

Matul dawn l-aħħar 19 il-sena li ilha mwaqqfa *"The Malta Charities Association"* tqassmu ġewwa Malta madwar £250,000 (sterlini) lill-organizazzjonijiet diversi ta' karita'. Din kienet il-ħames darba li Soċjeta' Għawdxija ibbenifikat mingħand din l-Assoċjazzjoni Ingliża.

DM

**David's Bakery Caterers**

**Il-Kwalità l-ewwel!**

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

**RIFLESSI** — *Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard*

# 100 SENA MIT-TWAQQIF TAL-MUSEUM

**Biex jitfakkar l-ewwel Ċentinarju mit-twaqqif tas-Soċjetà tad-Duttrina (Museum) fil-gżejjer tagħna, nhar it-Tlieta 10 ta' April 2007, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Sollenni fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu mgħejjun minn għadd sabiħ ta' saċerdoti u li għaliha kienu preżenti s-soċji u s-Superjuri Għawdxin tal-Museum flimkien ma' bosta soċji minn Malta kif ukoll mill-Oqsma fl-Awstralja.** Kien is-Superjur Ġenerali tal-Museum li fetaħ din l-okkażjoni sabiħa b'diskors qasir ta' merħba waqt li s-Superjura Ġenerali għalqet il-funzjoni b'diskors ta' radd il-ħajr lil dawk kollha b'xi mod involuti f'din l-okkażjoni ta' tifkira.

Fil-messaġġ tiegħu s-Superjur Ġenerali, Delicata, ħeġġeġ lil membri kif ukoll lill-pubbliku li attenda



biex kulħadd jagħmel id-dmir tiegħu, 'kif kien ta' spiss jgħidilna Dun Ġorġ', għaliex meta nidħru quddiem Alla dan mhux ser jistaqsina x'għamel il-Beatu Dun Ġorġ imma x'għamilna aħna, kull wieħed u kull waħda minna.

Wara Velja qasira ta' talb li matulha nqraw ukoll kitbiet tal-Fundatur, ħarġet il-quddiesa mmexxija mill-Isqof Djoċesan li waqt l-omelija tiegħu, għamel riferenza għall-Vanġelu li kien għadu kemm inqara u fisser ix-xebh li jeżisti bejn Dun Ġorġ u dik is-silta tal-Vanġelu. Marjam, Pietru, Ġwanni u l-bqija tad-dixxipli ma rawx lil Kristu fil-qabar vojt imma emmnu. Għax nemmnu, aħna naraw, għaliex nisimgħu l-Kelma ta' l-Iskrittura. L-Isqof fisser kif Dun Ġorġ huwa xhud ta' Kristu Rxuxtat għax emmen il-Kelma. Dan is-saċerdot qaddis kellu ħafna għal qalbu l-Kurċifiss, il-Ktieb il-Kbir. Kien jemmen fil-misteru tar-Reżurrezzjoni u b'hekk seta' jaqra s-sinjali taż-żmenijiet. L-Isqof ħeġġeġ lill-membri preżenti biex jissoktaw jikbru fl-imħabba tagħhom għall-Kelma t'Alla fejn tinstab il-verità li għandu bżonn il-bniedem tal-lum. Kristu ta l-mandat tiegħu lill-ewwel appostli biex ixandru l-Kelma, il-bxara t-tajba. "Mhux dan huwa l-wirt li ħallielna Dun Ġorġ?" kompla jgħid l-Isqof. Huwa radd ħajr lis-soċji kollha għall-appostolat tagħhom u ħeġġiġhom biex ikomplu jxandru l-Bxara t-Tajba lill-bnedmin tal-lum u nkuraġġihom biex isibu mezzi ġodda kif jistgħu jxandru lil Kristu Rxuxtat.

Mons. Isqof Mario Grech temm il-messaġġ tiegħu billi awgura li din l-Opra ta' Dun Ġorġ tibqa' miexja 'l quddiem fuq il-passi tal-Fundatur biex b'hekk Kristu jibqa' jasal għand il-bniedem tal-lum.

# IL-ĠNIEN "TAGASTE" INAWGURAT



**Kull min iżur il-Kunvent li l-Patrijiet Agostinjani għandhom fil-qalba tal-Belt Victoria jinduna mill-ewwel il-bidla li għadda minnha dawn l-aħħar xhur. Il-Provinċja Agostinjana daħlet għal spiża enormi biex setgħet iddur dawra kif imiss ma'dan il-bini antik li issa ħa dehra ferm isbaħ u komda.**

Il-kmamar (ċelel) kollha ġew irranġati waħda 'nobis' u l-ġnien li nsibu fuq in-naħa ta' ġewwa ta' dan il-kunvent ġie rrestawrat, imnaddaf, maħdum u mżewwaq b'għadd ta' bankijiet u dwal. Il-kunvent issa jista' jakkomoda sa 80 ruħ li minn żmien għal żmien ikunu jixtieqU jaħarbu għal ftit mill-għagħa u l-istorbju tal-ħajja ta' kuljum għal xi ftit mumenti ta' riflessjoni.

Nhar il-Erbgħa fil-għaxija, 11 ta' April, il-Provinċjal ta' l-Ordni P. Luċjan Borġ fetaħ uffiċjalment ġnien tassew sabiħ li jdawwar in-naħa ta' wara tal-kunvent u li tbierek mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Il-Ġnien jismu **"Tagaste"** għall-belt fejn twieled Sant'Wistin. Huwa ġnien tassew ikkultivat b'għadd ta' ħxejjex u siġar, barra li matul fil-għaxija huwa mdawwal u fejn, kemm il patrijiet kif ukoll dawk li jkunu alloġġjati fil-kunvent isibu fejn jistrieħu fis-skiet u l-ġmiel li toffri n-natura.

Biex titfakkar din l-okkażjoni u t-tmiem ta' dan il-proġett kollu li sewa, qaluli, madwar 25,000 lira, fil-knisja tal-patrijiet sar kunċert ta' mużika klassika mill-*International String Orchestra* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Djorn Bantok, taħt il-Patroċinju ta' l-Isqof Djoċesan u l-Provinċjal ta' l-Agostinjani. Kienu preżenti bosta mistednin fosthom il-President tal-Kamra tad-Deputati u s-Sinjura tiegħu, il-Ministru għal Għawdex, is-Sindku tal-Belt Victoria u s-sinjura kif ukoll membri Parlamentari. Ħadet sehem ukoll l-*Island Brass Quintet*. Id-Direttur Artistiku tas-serata kien Mro. Carmel P. Grech.

Kummentarju (2)

# Il-Kunsilli Lokali Jeħtieġu Riforma!




*minn MARĊELL MIZZI*

**Fl-10 ta' Marzu 2007 kellna l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Dawn saru avveniment ta' kull sena ta' interess għal min iħobb il-piki partiġġjani. Mhux biss. Dejjem kienu jfissru spiża, infieq ta' flus il-poplu li jinġabru b'ħafna modi.**

L-aħħar elezzjoni tal-Kunsilli swiet aktar mis-snin ta' qabel. Id-dokument tal-vot intbagħat lil kull elettur f'ittra reġistrata. Il-votazzjoni ssir quddiem xi tlitt assistenti kummissarji f'kull post fejn jintefa' l-vot. Imbagħad hemm dawk li jgħoddu l-voti. Dawn kollha jitħallsu xi Lm40 kull wieħed u waħda. Ħafna minn dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu ffrankati. Minn flok il-*voting document* tintuża l-karta ta' l-identità, il-passaport jew il-liċenzja tas-sewqan tal-vetturi. F'pajjiżi aktar evoluti minna, hekk jagħmlu.

L-ewwel Kunsill Ċiviku li sar b'liġi kien il-Kunsill t'Għawdex fl-1958. Kien mitlub minn ħafna Għawdxin meta l-gvern elett tal-Partit Laburista rriżenja u għal erba' snin ma kellniex gvern awtonomu Malti. Il-promoturi kienu Dr. Anton Tabone u s-Sur Ġużeppi Vella Muskat. Il-Kunsill t'Għawdex kien jikkonsisti mill-membri nominati mill-kumitati ta' kull lokatità, wieħed minn kull kumitat. Dr. Anton Tabone kien president. Is-seduti kienu jsiru fil-Banca Giuratale fir-Rabat u l-pubbliku kien jista' jattendi u kien hemm fejn jistgħu joqogħdu bilqiegħda.




Spejjeż għall-votazzjoni ma kienx hemm u ħadd mill-membri ma kien jitħallas. Kollox volontarju u pika partiġġjana ma kienx hemm. Fil-Kunsill, nies bħal Dun Ġużepp Zammit għall-Għasri, Wenzu Apap għal San Lawrenz, is-Surmast Anton Buttiġieġ għall-Qala, kienu attivi ħafna u ħadmu biex isir xogħol mill-Gvern Ċentrali għal toroq aħjar, anke dawk użati biex jintlaħaq b'karrettun jew *truck*, raba' li qabel kienu biss mogħdijiet imħarbta li minnhom tista' tgħaddi biss "bir-riġel", estensjoni ta' l-elettriku u tad-drenaġġ u ħtiġijiet oħra.

Dak iż-żmien u għal ħafna snin wara, anke meta raġa' kellna Gvern Ċentrali awtonomu u anki wara li sirna pajjiż indipendenti, kellna kollox taħt it-treġija ta' ftit dipartimenti, tmienja, li żdiedu meta ħadna l-indipendenza. Kellna impjegati "taċ-ċivil" ta' l-affari tagħhom u dixxiplinati u jaħdmu mill-aħjar li jafu u jistgħu, ikun liema jkun il-partit politiku li qed jamministra.

Il-Kunsilli Lokali kif inhuma llum hemm ħafna ħela ta' flus fihom. Tinħtieġ riforma radikali. Almenu nibdew billi namalgamawhom fi tlettax-il distrett avolja n-numru ta' l-abitanti ma jkunx l-istess - imma jkunu kunsilli konsultattivi u mhux kif inhuma llum.

Irridu niftakru li Malta, Għawdex u Kemmuna fid-daqs ta' l-art u fin-numru ta' abitanti huma iżgħar minn ħafna bliet fil-bqija tad-dinja u li jitmexxew aħjar u b'inqas spejjeż mill-gżejjer tagħna. Jista' jkun li għalhekk ħafna eletturi mhumiex imorru jivvutaw.

Għandna wkoll il-problema tal-vot trasferibbli. Mhux kull votant jagħżel il-preferenzi skond kif jixirqilhom il-kandidati. Jista' jiġri li jiġu eletti nies inqas kapaċi jew affidabbli minn dawk li ma jitilgħux. Ħafna votanti jkollhom kandidat wieħed preferit u mbagħad ikomplu l-preferenzi l-oħra minn fuq għal isfel skond il-lista alfabetika tal-kandidati.



# L-EWWEL KOR TAT-TFAL GĦAWDXIN

Dan l-aħħar f'Għawdex ġie mwaqqaf il-*Gozo Children's Choir*. Dan il-kor għandu l-iskop li jlaqqa' tfal minn Għawdex kollu,sabiex jitgħallmu diski popolari minn matul iż-żminijiet differenti, u mbagħad jesibixxu ruħhom f'attivitajiet f'Malta u Għawdex, kif ukoll fi programmi televiżivi.

Għall-*Gozo Children's Choir* applikaw madwar sittin tifel u tifla ta' etajiet differenti li jvarjaw minn sitt snin sa madwar erbatax-il sena.

Il-Kor jinsab taħt it-tmexxija ta' Miriam Christine Borg li qed tlaqqa' dawn it-tfal kull nhar ta' Sibt fil-għodu ġewwa l-*Lumen Christi Media Centre*, Victoria. Miriam Christine qaltilna li s'issa l-esperjenza hija waħda pożittiva ferm u hemm ħafna entużjażmu mit-tfal li qed jattendu.

Għad baqa' l-aħħar ftit postijiet li qed jiġu offruti għall-*Gozo Children's Choir*. Għalhekk, kull min huwa interessat jista' jikkuntattja lil Miriam Christine permezz tat-telefon fuq 99421606 jew inkella permezz ta' l-email fuq **info@miriamchristine.com**.




**OFFICE NEEDS**



**MARIO ZAHRA**

Triq il-Muniċipju Ruman,
Victoria, Gozo, Malta.

Res. Tel: 21 563072
Off. Tel: 21 556500
Fax: 21 556500
Mob: 99459387



**gozo press**

Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net



**Xerri l-Bukkett**



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

KLIEM FIN-NUMRI

# Mistoqsija u Tweġiba fil-Parlament



***Għawdex - Depożiti u Self Mill-Banek***

**23400. L-Onor. Anton Refalo** *staqsa lill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kienu d-depożiti fil-banek u s-self mill-banek f'Għawdex fl-aħħar ta' Diċembru 2005 u fl-aħħar ta' Diċembru 2006?*

23/01/2007

**Onor. Lawrence Gonzi:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant li d-depożiti fil-banek u s-self mill-banek f'Għawdex fl-aħħar ta' Diċembru l-2005 u ta' l-2006 huma kif jidher fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra.

| | |
|---|---|
| *Diċembru 2005* | |
| **Depożiti** | **Lm 198,550,000** |
| Numru ta' Kontijiet | **75161** |
| **Self globali** | **Lm 109,309,000** |
| Numru ta' kontijiet | **5081** |
| *Diċembru 2006* | |
| **Depożiti** | **Lm 208,884,000** |
| Numru ta' kontijiet | **78923** |
| **Self globali** | **Lm 118,875,000** |
| Numru ta' kontijiet | **5309** |

Seduta 493
12/02/2007

***Għawdex - Bini ta' Qorti Ġdid***

**23953. L-Onor. Justyne Caruana** *staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid jekk sarx xi studju dwar l-għażla tas-sit għall-bini tal-Qorti ġdid biswit l-iskola Ninu Cremona?*

19/02/2007

**Onor. Giovanna Debono:** Il-pjan tal-bini tal-Qorti l-ġdid, tant meħtieġ għal Għawdex, jindika li l-entratura tal-bini ikun fi Triq Fortunato Mizzi.

L-iskola l-ġdida li ser tinbena ser tibdel l-entratura minn dik eżistenti u din l-entratura se tkun fi Triq l-Ewropa. Din l-iskola ser tinbena fuq medda ta' art ferm iżgħar minn dik attwali, iżda se tkun imqassma aħjar, bi klassijiet darba u nofs aktar mil-lum u b'żieda fin-numru ta' klassijiet u faċilitajiet.

Għalhekk hu ċar li dawn iż-żewġ binjiet, l-iskola u l-Qorti, mhux ser ikunu biswit xulxin.

Seduta 499
26/02/2007

***Ħaddiema taċ-Ċivil Għawdxin - Training Courses***

**23952. L-Onor. Justyne Caruana** *staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid xi training courses qed jingħataw lill-ħaddiema taċ-Ċivil Għawdxin li se jiġu ttrasferiti lejn Għawdex? In oltre, tista' tgħid kemm se jiġu ttrasferiti u meta?*

19/02/2007

**Onor. Giovanna Debono**: Ninsab infurmata li hi prassi li qabel ma l-ħaddiema taċ-Ċivil Għawdxin jiġu trasferiti lejn Għawdex sabiex iwettqu x-xogħol ta' *back office*, dawn dejjem jingħataw it-taħriġ neċessarju mid-Diviżjoni / Dipartiment konċernat/a f'Malta. It-trasferiment ta' dawn l-impjegati isir meta min ikun qiegħed jagħti t-taħriġ ikun sodisfatt li huma ngħataw t-taħriġ kollu neċessarju. Bħalissa qiegħed jingħata taħriġ lil ħmistax-il impjegat sabiex dawn jibdew jagħmlu minn Għawdex ix-xogħol konness mas-salarji u l-pensjonijiet tad-Dipartiment tat-Teżor.

Seduta 499
26/02/2007

***Għawdex - Ħaddiema fis-Settur Privat***

**24151. L-Onor. Anton Refalo** *staqsa lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impiegi: Nerġa' nirreferi l-Ministru għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 21163 dwar il-ħaddiema fis-settur privat. Jista' l-Ministru issa jagħtini l-istess informazzjoni sena sena mill-2000 sal-lum?*

26/02/2007

**Onor. Louis Galea:** It-tagħrif għas-snin 1999 sa l-2006 ser jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 504
07/03/2007

| Year | *1999* | **2000** | **2001** | **2002** | **2003** | **2004** | **2005** | **2006** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Direct Production | 1460 | 1483 | 1453 | 1410 | 1181 | 1106 | 1085 | 1134 |
| Market Services | 1679 | 1765 | 1754 | 1842 | 1918 | 1917 | 2119 | 2249 |
| Self-Employed | 1415 | 1380 | 1385 | 1406 | 1428 | 1460 | 1490 | 1521 |
| Total | **4554** | **4628** | **4624** | **4684** | **4543** | **4498** | **4711** | **4921** |

*1. Information was not saved for 1998 2. Figures are for end - December of each year.*

ATTWALITÀ

# Id-Dikjarazzjoni ta' Malta dwar il-Gżira Reġjun ta' Għawdex

## *Qed ninterpretawha sew?*



*Notamenti ta' Saviour Grech*

Għal ħafna snin il-bidu ta' Mejju kien prinċipalment assoċjat ma' attivitajiet iffokati fuq is-sehem tal-ħaddiem fid-dinja tax-xogħol. Id-diversi għaqdiet li jirrappreżentaw lis-setturi differenti tal-ħaddiema, il-partiti politiċi u anke il-Knisja jorganizzaw attivitajiet li permezz tagħhom ipoġġu fiċ-ċentru ta'l-attenzjoni lill-ħaddiem. Minn tliet snin 'l hawn l-ewwel ġimgħa ta' Mejju kisbet sinifikat ġdid. Dan għaliex l-ewwel ta' Mejju jimmarka ukoll l-anniversarju ta' meta Malta issieħbet fl-Unjoni Ewropea. Fl-istess ħin nhar id-disa' ta' Mejju jiġi iċċelebrat Jum l-Ewropa. Għalhekk fil-kalendarju politiku ta' pajjiżna daħlet l-użanza li f'dawn il-ġranet jiġu infilsati attivitajiet biex jitfakkru dawn id-dati. Il-partiti politiċi bdew ukoll jużaw dawn il-ġranet biex waqt l-attivitajiet tagħhom jagħmlu riferenza għad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u jagħtu interpretazzjoni ta' kif jaraw l-andament tal-pajjiż, fl-isfond li issa nagħmlu parti minn din l-Unjoni. Din is-sena ma kienetx eċċezzjoni.

Anke f'Għawdex saru diversi attivitajiet kemm politiċi kif ukoll kulturali biex jiġu mfakkra dawn l-avvenimenti. Fid-diskorsi li saru waqt uħud mill-attivitajiet li ġew organizzati din is-sena f'Għawdex, saru riferenzi għall-effett tajjeb jew inqas tajjeb li d-dħul ta' Malta fi ħdan l-Unjoni Ewropea kellu fuq Għawdex. Kif inhu xieraq issemmew bi prominenza il-proġetti u inizjattivi li qed jitwettqu f'Għawdex permezz ta' fondi Ewropej. Saru riferenzi għal xi diffikultajiet li d-dħul ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea ħoloq f'diversi setturi. Intqal kliem li dan għadu l-bidu u l-quddiem l-affarijiet ser imorru aħjar. Issemmiet kemm il darba d-deċiżjoni tal-Gvern Malti li għaxra fil-mija tal-fondi strutturali akkwistati minn Malta qed jiġu allokati għal bżonnijiet t'Għawdex. Iżda fl-ebda ħin ma jidher li saret xi riferenza għal dak li forsi huwa l-ikbar akkwist li Għawdex kiseb mad-dħul fl-U.E.



*Il-Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami jiffirma t-trattat ta' sħubija ta'Malta fl-Unjoni Ewropeja fiċ-ċerimonja storika li saret f'Atene nhar l-Erbgħa, 16 ta'April 2003. Ħdejh jidher ukoll l-Onor. Joe Borg*

### *Id-Dikjarazzjoni dwar ir-Reġjun t'Għawdex*

Meta nhar l-1 ta' Mejju 2004 Malta issieħbet fl-Unjoni Ewropea daħal fis-seħħ il-ftehim ta' addeżjoni li Malta kienet iffirmat is-sena ta' qabel. Fl-istess ħin daħlu fis-seħħ id-dokumenti kollha li kienu annessi ma' l-istess ftehim. Fost dawn id-dokumenti kien hemm dak imsejjaħ "Dikjarazzjoni minn Malta Dwar il-Gżira Reġjun ta' Għawdex". Din id-dikjarazzjoni kienet tfasslet waqt in-negozjati li Malta kien qed ikollha ma'l-Unjoni Ewropea. Il-qbil finali dwar it-test ta' din d-dikjarazzjoni kien intlaħaq matul is-*Summit* Ewropew li kien sar fil-Belt ta' Copenhagen, f'Diċembru 2002. Kien ġie ukoll deċiż li din d-dikjarazzjoni dwar il-Gzira Reġjun t'Għawdex tiġi mehmuża mat-trattat tas-sħubija ta' Malta.

Kopja ta' din id-dikjarazzjoni kienet ġiet ippubblikata f'Edizzjoni Speċjali tal-fuljett *Aġġornat*, li kien ġie ippubblikat miċ-Ċentru ta' Informazzjoni dwar Malta u l-Unjoni Ewropea (MIC) fi Frar 2003. F'dan il-fuljett kien ġie spjegat li l-iskop, li tiġi fformulata din d-dikjarazzjoni dwar Għawdex bħala parti mit-trattat tas-sħubija, kien sabiex ikunu enfasizzati l-bżonnijiet speċifiċi ta' Għawdex (bħala distinti minn dawk ta' Malta) u l-bżonn li dawn l-istess ħtiġijiet jkunu ttrattati anki wara li Malta tissieħeb fl-UE.

Id-deċiżjoni li fit-trattat ta'l-adeżjoni tiddaħħal din id-dikjarazzjoni kien pass ta' importanza storika kbira għal Għawdex. Dan għaliex, dak li kien dejjem magħruf, jiġifieri li Għawdex huwa gżira maqtugħa mill-bqija tal-pajjiż - u li għalhekk ibati minn diffikultajiet strutturali li jxekklu l-iżvilupp tiegħu - kien se jiġi rikonoxxut bi trattat

## DIKJARAZZJONI MINN MALTA DWAR IL-GŻIRA REĠJUN TA' GĦAWDEX

*Il-Gvern ta' Malta,*

*Jinnota li l-gżira reġjun ta' Għawdex għandha problemi speċifiċi ekonomiċi u soċjali kif ukoll żvantaġġi li jirriżultaw mill-effett kongunt ta' l-insularità doppja tagħha, tal-fraġilità ambjentali tagħha, tad-daqs żgħir tal-popolazzjoni tagħha flimkien ma' densità għolja ta' popolazzjoni kif ukoll ir-riżorsi limitati inerenti,*

*Jinnota li l-Prodott Gross Domestiku ras għal ras għall-gżira reġjun ta' Għawdex hu b'mod sinifikanti inqas minn dak ta' Malta kollha,*

*Jinnota li qed isegwi politika ekonomika u soċjali speċifika fir-rigward tal-gżira reġjun ta' Għawdex, bil-għan li jingħelbu l-iżvantaġġi permanenti u strutturali li tbati minnhom,*

*Jagħraf li, mas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, bħala riżultat tal-ftehim dwar l-eliġibilità ta' Malta għall-Objettivi tal-Fondi Strutturali u għall-għajnuna mill-Fondi ta' Koeżjoni, kif ukoll tal-ftehim relatat ma' l-eżenzjoni mill-VAT għat-trasport tal-passiġġieri bejn il-gżejjer u l-perjodu ta' transizzjoni għat-trasport bejn il-gżejjer ta' prodotti agrikoli, Għawdex se jibbenefika minn miżuri li jitrattaw speċifikament l-iżvantaġġi strutturali tiegħu, barra mill-parteċipazzjoni f'miżuri ta' benefiċċju ekonomiku u soċjali aktar ġenerali,*

*Jagħraf ukoll li l-klassifikazzjoni ta' NUTS III mogħtija lill-gżira reġjun ta' Għawdex tista', waħedha, ma tassigurax l-implimentazzjoni ta' l-impenn dikjarat ta' l-Unjoni Ewropea li tieħu miżuri għall-benefiċċju tar-reġjuni l-anqas vantaġġjati,*

*Jiddikjara li, qabel it-tmiem ta' kull perjodu tal-budget tal-Komunità li jkun jeħtieġ definizzjoni mill-ġdid tal-politika reġjonali tal-Komunità, Malta se titlob li l-Kummissjoni tirraporta lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali ta' Għawdex u, b'mod speċjali, dwar id-differenzi fil-livelli ta' żvilupp soċjali u ekonomiku bejn Għawdex u Malta. Il-Kummissjoni se tintalab tipproponi miżuri xierqa, kif meħtieġ, fil-qafas tal-politika reġjonali tal-Komunità jew policies Komunitarji oħra relevanti, biex tkun assigurata l-kontinwazzjoni tat-tnaqqis tad-differenzi bejn Għawdex u Malta kif ukoll l-integrazzjoni ulterjuri ta' Għawdex fis-suq intern b'kundizzjonijiet ġusti. B'mod partikulari, fil-każ li Malta, kollha kemm hi, ma tkunx aktar eliġibbli għal ċerti miżuri tal-politika reġjonali, ir-rapport se jara jekk is-sitwazzjoni ekonomika speċifika ta' Għawdex tiġġustifikax it-tkomplija ta' leġibilità ta' Għawdex għal dawn il-miżuri, u ta' liema kundizzjonijiet, matul il-perjodu ta' referenza.*

internazzjonali maqbul u iffirmat mill-kapijiet tal-gvernijiet tal-pajjiżi msieħba fl-Unjoni Ewropea.

Barra li tirrikonoxxi bl-iktar mod ċar d-diffikultajiet li Għawdex iħabbat wiċċu magħhom, din id-dikjarazzjoni dwar Għawdex tipprovdi l-istrumenti li bl-użu tagħhom jistgħu jingħataw rimedji għal dawn id-diffikultajiet. Għodda mportanti msemmija f'din id-dikjarazzjoni tikkonsisti f'rapport dwar Għawdex li l-Kumissjoni Ewropea ser tkun mitluba biex tagħmel kull meta tiġi biex tfassal il-Baġit tagħha. Il-paragrafu finali tad-dikjarazzjoni dwar Għawdex igħid speċifikament li l-Gvern Malti intrabat li *'qabel it-tmiem ta' kull perjodu ta' Budget ta 'l-Unjoni Ewropea'* kien se jagħmel talba lill-Kummissjoni Ewropea biex *'tirraporta lill-Kunsill dwar u s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali ta' Għawdex'.* Dan ir-rapport għandu jiffoka b'mod partikulari *'fuq id-differenzi fil-livelli ta' zvilupp ekonomiku u soċjali bejn Għawdex u Malta'.* Barra minhekk il-Kummissjoni se tintalab li tipproponi miżuri xierqa biex ikun assigurat li d-differenzi bejn Għawdex u Malta jkomplu jonqsu u biex Għawdex ikompli jintegra fis-suq intern Ewropew.

Barra minhekk id-dikjarazzjoni tipprovdi wkoll għal eventwalità li tista' tinqala' jekk u meta Malta, bħala pajjiż, ma tibqax eliġibi biex tgawdi minn l-ogħla livell ta' fondi mill-UE. Jekk dan jiġri u Malta ma tibqax tikkwalifika għal dawn il-fondi, ir-rapport tal-Kummissjoni dwar Għawdex ikollu janalizza jekk is-sitwazzjoni ekonomika speċifika ta' Għawdex tiġġustifikax li Għawdex bħala gżira reġjun jkompli jgawdi dawn il-fondi.

### *Ir-rapport li kellu jitlesta fl-2006 baqa' ma sarx*

Minn meta Malta issieħbet fl-Unjoni Ewropea, ġie fit-tmiem tiegħu l-baġit ta'l-Unjoni Ewropea għas-snin 2000-2006 u daħal fis-seħħ il-baġit finanzjarju għas-snin 2007-2013. Għalhekk kif kienet tipprovdi l-istess dikjarazzjoni dwar Għawdex, il-Gvern Malti kien fid-dmir li jwettaq dak li minn rajh kien intrabat li jwettaq, jiġifieri li jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tħejji rapport dwar is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali t'Għawdex. Jidher li din it-talba lill-Kummissjoni Ewropea qatt ma saret. Minn risposti għall-mistoqsijiet parlamentari magħmula minn l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għal Għawdex iddikjarat li dak li hemm miktub fid-Dikjarazzjoni dwar Għawdex, jidħol fis-seħħ meta Malta bħala pajjiż ma tibqax eliġibbli għall-għola livell ta' fondi reġjonali. Skond din ir-risposta jidher li l-Gvern Malti qed jaqra b'mod differenti dak li hemm miktub bl-iswed fuq l-abjad fl-istesss dikjarazzjoni.

**L-interpretazzjoni li jidher li llum qed tingħata lil dak li hemm imniżżel fid-Dikjarazzjoni dwar Għawdex, tikkontrasta bis-sħiħ ma dak li hemm dikjarat fl-*Aġġornat* ta' Frar 2003 fejn hemm imniżżel li *'l-ewwel rapport dwar Għawdex se jsir qabel il-budget li jmiss ta' l-UE li se jkun adottat fl-2006'.***

X'inhi r-raġuni li kien hemm din il-bidla fl-interpretazzjoni?

*Kummentarju (3)*



# Għawdex Dormitorju?

*minn Franco Masini*

**Kuljum mijiet kbar ta' studenti u ħaddiema Għawdxin jaqsmu għal Malta biex jitgħallmu jew jaħdmu hemm. Dan ifisser li normalment matul il-ġimgħa dawn il-mijiet ta' Għawdxin jerġgħu jiġu lura Għawdex biex jorqdu biss. Dan jagħmel lil Għawdex speċi ta' dormitorju kbir għal dan in-numru kbir ta' nies. Xi jfisser dan? Ifisser li hemm konsegwenzi serji kemm mil-lat soċjali kif ukoll ekonomiku. Ifisser ukoll li għal dawn il-mijiet ta' Għawdxin barra mill-ispejjeż, is-sagrifiċċju u t-tbatija tagħhom Għawdex huwa biss post fejn jorqdu.**

Iktar inkwetanti huwa l-fatt li ħafna u ħafna minn dawn l-Għawdxin qatt ma għandhom speranza li jqattgħu l-futur tagħhom ġo Għawdex. Għal ħafna f'tarf is-snin twal ta' studju li jagħmlu Malta ikun hemm biss futur 'l bogħod minn Għawdex. Numru żgħir biss minn dawk li jaħdmu Malta jistgħu jittamaw li finalment sejrin isibu posthom ġo Għawdex stess. Ir-riżultat ta' dan kollu jfisser li ħafna minn dawk li jgħaddu snin twal jivvjaġġaw kuljum (it-Taljani jsejħulhom *pendolari* u l-Ingliżi *commuters*) jispiċċaw biex jitfgħu l-ankri ġo Malta u forsi anke barra b'telf kbir mhux għalihom biss iżda għal Għawdex ukoll.

Jekk wieħed janalizza r-raġuni għal dan kollu wieħed malajr jasal għall-konklużjoni li f'Għawdex għandna nuqqas kbir ta' opportunitajiet u għandna wkoll numru kbir ta' Għawdxin li ġustament għandhom l-ambizzjoni li jistudjaw u li jkabbru l-orizzonti tagħhom. Ma nafx qatt sarx



reċentement xi studju serju fuq id-demografija ta' Għawdex. Għandi għax naħseb li dan l-istudju jekk isir, żgur li juri li l-problema tal-*ageing* f'Għawdex se tkun ħafna iktar pronunzjata u gravi minn dik ta' Malta. Dan għar-raġuni li għidt qabel li ħafna minn dan ir-riżors uman Għawdxi, speċjalment żagħżugħ, se jsib ruħu frustrat u jrid u ma jridx f'xi żmien iħalli 'l Għawdex forsi għal dejjem. U gżiritna tisfa miżgħuda bl-anzjani. L-iżbilanċ fl-etajiet tal-Għawdxin jista' f'qasir żmien jitfa' lil Għawdex lura ħafna għal dik li hi kwalità ta' ħajja u żvilupp.

Naturalment wieħed isaqsi x'jista jsir biex nilqgħu għal dan? L-ewwel nett il-fatt li mijiet ta' Għawdxin imorru jistudjaw u jaħdmu f'Malta sa ċertu punt huwa ħaġa pożittiva. Għaliex aħjar hekk milli jkollok dawk il-mijiet jgħixu l-ġurnata kollha f'Għawdex iżda mingħajr impieg jew mingħajr opportunità ta' fejn jistudjaw. Dan rajnih fil-passat u wieħed jittama li ma nerġgħux ngħixuh. Iżda dan ma għandux ikun skuża biex ma nagħmlu xejn f'Għawdex.

Jiena wieħed li nemmen li l-industrija tal-manifattura għad għandha futur f'Għawdex. Jagħmel żball u żball kbir min jaħseb, u jgħid li din ma għandhiex futur f'Għawdex. Iż-żmien li għaddejt kemm bħala president kif ukoll uffiċjal tal-FOI għallimni li ħaddiema bieżla u kapaċi huma l-bażi ta' industrija qawwija. Ngħiduha kif inhi Għawdex mhux nieqes minn nies bieżla u kapaċi. Iż-żminijiet jitbiddlu u t-teknoloġija titbiddel b'mod aċċellerat ħafna iżda riżorsi umani ttrenjati tajjeb u b'*work ethic* pożittiv huma veru teżor. Jekk nibqgħu nitilfu dawn l-imħuħ u d-dirgħajn Għawdxin biex jiggwadanjahom ħaddieħor inkunu qed nitilfu kapital soċjali imprezzabbli. Mela ejja nagħtu skoss biex nerġgħu nibdu lejn pajjiżna industriji tal-manifattura.



Barra minn hekk illum l-industrija tas-servizzi qed tikber ġmielha u Għawdex joffri verament futur għal din l-industrija. Barra mill-industrija turistika hemm industriji moderni li jistgħu jassorbu mijiet ta' żgħażagħ Għawdxin. Per eżempju *call centres* u industriji ab bażi tal-*i.t.* huma ideali biex jiftħu f'Għawdex. Dak li dari kien ostaklu llum ma għadux għax bl-iżvilupp tal-komunikazzjoni dawn l-industriji jistgħu ikunu kullimkien. L-istess kunċett ta' *call centres* jindika dan. Bqajna lura wisq biex niġbdu lejn gżiritna dawn it-tip ta' industriji. Hemm bżonn urġenti biex isir dan. L-awtoritajiet, speċjalment il-Ministeru għal Għawdex għandhom jistinkaw kemm jifilħu biex dan isir. Min bħali għex is-sittinijiet jiftakar li kien hemm ħafna f'Malta u xi ftit anke f'Għawdex li kienu jaħsbu li l-Għawdxin mhuma tajbin għal xejn. Iżda l-isforzi kbar li saru dak iż-żmien taw bidu għall-industrijalizzazzjoni ta' Għawdex. Il-fabbriki bdew tilgħin u l-postijiet tax-xogħol bdew jitkattru. Dak iż-żmien l-Għawdxin taw prova tal-bżulija u l-kapaċità tagħhom u l-investituri baqgħu mistagħġbin bil-ħila li kienu juru għal dik li hi produzzjoni.

Hemm bżonn ta' sforzi kbar biex nerġgħu nagħtu lill-Għawdxin mijiet ta' postijiet tax-xogħol deċenti fi gżiritna stess. Min irid ifittex opportunitajiet f'Malta jew barra ħalli jagħmel hekk. Iżda ma jistax ikun li l-Għawdxin ikunu kostretti miċ-ċirkostanzi li jitilqu gżirithom biex jaħdmu. L-ideal huwa li f'Għawdex ikun hawn opportunitajiet biżżejjed biex kull Għawdxi li jrid jaħdem isib xogħol hawn. Hekk biss Għawdex ma jibqax għal mijiet ta' Għawdxin matul il-ġimgħa dormitorju biss.


HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884




LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA



# XI STORJBU FINA AĦNA L-MALTIN!

minn GEORGE N. CASSAR

### ONOMATOPEJA

Fesfes pespes żaqżaq baqbaq laqlaq
textex fexfex ħaxwex barqam
ċekċek ċapċap ċaflas
żaqżaq żanżan
waħwaħ

Kliem bħal dan ta' hawn fuq, kliem li jimita l-ħsejjes naturali li jrid ifisser, fl-ilsien Malti għandna kemm trid. Niftakar darba staqsejt wieħed mill-istudenti tal-Form VI għaliex jaħseb li f'ilsienna nsibu ruxxmata kliem ta' dix-xorta. Weġibni b'nofs daħka u qalli, b'ton kemmxejn spirituż, li dal-kliem hu hekk abbundanti għaliex aħna l-Maltin inzertajna dilettanti tal-ħsejjes u l-istorbju. Dak in-nhar naf li tbissimt u ħadtha b'ċajta, imma llum ngħidlu : "Kien ħaqqek ċapċipa u żewġ punti ! " Bħalissa qed jaħbat ma' moħħi l-'kompliment' li kważi mitejn sena ilu Lord Byron kien għadda fuq Malta, l-art ħelwa tagħna, meta sejħilha:

***"island of yells, bells and smells."***
("gżira ta' għajat, qniepen u rwejjaħ").

Aħna u n-Nordiċi f'dil-ħaġa ma nixxebhux. Dawk bilkemm tismagħhom jitkellmu, imma aħna l-gost tagħna ngħollu leħinna. Imbagħad nitkażaw biċ-ċrieċer! Il-ħsejjes intgħaġnu għaġna waħda ma' ħajjitna. Inġorruhom magħna fit-toroq u l-pjazez, fuq ix-xtajta, fejn naħdmu u fejn niddevertu, xi drabi sa ndaħħluhom magħna fil-knisja, biċ-ċekċik tal-flus u t-tisbit tas-siġġijiet u l-ġinokkjaturi, jekk mhux bit-'telefonino' wkoll. Kullimkien qisu tagħna. X'naqgħu u nqumu li qed indejqu u nagħtu fastidju lil min irid jistrieħ jew jistudja fil-kwiet. L-anqas jaħbat ma' moħħna li forsi qed inweġġgħu lil min hu marid f'qiegħ ta' sodda, li qed inwerwru lit-trabi u l-annimali.

Waslet il-festa tar-raħal. Għandek ġimgħa sħiħa bumbardament sħiħ. X'ġimgħa ġimgħa! Fuq dil-ħolqa ta' gżira għandek l-isbaħ sajf tikkriepa, tisma' t-tfaqqigħ tal-murtali li xi kultant iriegħdu l-ħitan, ħsejjes qawwija li jġenġlulek rasek sa tard bil-lejl. L-erba' kapurjuni tal-festa, fis-sakra tal-pika, ma jafux xinhi moderazzjoni. Hekk jew hekk iridu jwikku lill-proxxmu kollu bid-delizzju tagħhom, b'murtali tal-beraq li jaħsduk u jtaqqbulek it-tambur ta' widnejk. Meta kiteb dal-ħajku li ġej, Oliver Friggieri mar iktar 'il bogħod minni :

*"Murtal tal-bomba.*
*Qaddis fis-sema mwerwer*
*jistaqsi x'ġara."*

### *Il-ħsejjes ma jaqtgħux*

Ħadd mhu sa jilmenta meta tgħaddi l-ambulanza maħruba lejn l-isptar, bis-sirena ddoqq il-ħin kollu, imma ma nafx min jista' jiggosta lil dak il-gustuż, fanatiku tal-mużika rokk. Ħareġ għodu għodu jdur bil-karrozza. Irid jisma' hu u jidhirlu li miegħu għandha tisma' t-triq kollha. Nitħassar il-ġirien tiegħu għax meta jinġabar id-dar nisthajlu jibqa' sejjer bl-istess damdim. Għandu mnejn issibu jirraġuna li f'daru kulħadd jagħmel li jrid. Issa għadu kif wasal tal-ħut. Jaf dan l-imbierek li l-għajta nofs il-bejgħ, għalhekk jiftaħ ħanġra daqsiex : "Ħajjin! Ħajjin!" Imma daqshekk biss mhux biżżejjed; jitfagħlek idu fuq il-ħorn tal-vann u jfernżek bil-ħoss werżieqi tiegħu. Tal-gass, għalkemm tisimgħu ġej minn xi erba' kantunieri 'l bogħod, xorta jpaqpaqlek meta jasal ħdejk. Il-ħsejjes ma jaqtgħux. Mananni ħarġet u ħalliet il-kelb waħdu, marbut fil-gallarija, jingħi u jinbaħ. Tal-Belt rebħu l-kampjonat tal-futbol. Arahom ħerġin f'serbut ta' karozzi jduru ma' kull rokna tal-gżira, jgħannu u jgħajtu u jtawtu kemm jifilħu. Morna tieġ u l-orkestra bdiet tħanxar. Biex tiftiehem ma' ta' maġenbek bilfors ikollok tgħajjat. Tispiċċa biex tinġabar lura d-dar b'uġigħ ta' ras. Din hija fil-qosor il-kakofonija tal-kultura moderna tagħna. L-ambjentalisti ilhom żmien iħambqu biex lil Malta tagħna nżommuha nadifa. Mhux li nidraw inżommha wkoll daqsxejn fil-kwiet ! Daqs ħamsin sena ilu kien nibet fostna moviment favur il-kwiet imma mid-deħra din l-inizzjattiva mietet fuq

ommha. Kieku baqa' ħaj dal-moviment, kont nazzarda nagħmillu suġġeriment ċkejken. Kont nipproponilu li dik il-minuta silenzju li s-soltu ssir f'xi ċerimonja speċjali nibdew nagħmluha kuljum biex forsi nidraw napprezzaw il-ħemda, is-skiet u l-kwiet.

### *Għadu inviżibbli*

Il-ħsejjes, meta jkunu kontinwi u qawwija, ta' min isejħilhom l-għadu inviżibbli ta' saħħitna. Tista', iva, tidrahom bħalma drajna l-makkinarju u l-inġenji storbjużi li naħdmu bihom, imma l-ħsara hemm tibqa'. Kieku jagħtuk fastidju biss fiha u ma fihiex, imma huma noċivi daqs l-egżost tal-karozzi li għadna nibilgħu sal-lum. Għajnejna malajr nagħlquhom meta jitfaċċa quddiemna xi dawl għammiexi, imma widnejna, assedjati bil-ħsejjes ta' kull xorta, jibqgħu miftuħa, esposti għat-tortura. L-istorbju, iwissuna t-tobba, jagħmel ħsara fil-moħħ; iżidlek it-tensjoni, itellagħlek il-pressjoni u jnaqqaslek il-konċentrazzjoni. U l-ħsara tkompli tikber jekk itelliflek l-irqad. Hemm ħsara oħra iktar serja għal min jgħix f'ambjent storbjuż; dan jispiċċa biex jibda jbati bit-*tinnitus*, jekk ma jitlifx is-smigħ għal kollox. Jiena ċert l-inqas li jħabblu għajnhom b'dat-*tinnitus* huma ż-żgħażagħ, devoti tad-diskows.

Naturalment hemm ħsejjes u ħsejjes. Hemm ħsejjes li jwennsuk, iferrħuk u jfarrġuk, u oħrajn li jdejquk u jmarrduk jew jaqtgħuk minn ġewwa. F'widnejn l-omm li waslet biex teħles, bla dubju l-isbaħ ħoss li tista' tisma' huwa t-twerżiq tat-tarbija li tkun għadha kif ġabet fid-dinja. Imma l-ħoss li nista' nitpaxxa bih jien, lilek forsi jagħtik fastidju. Darba fost l-oħrajn Napuljun, hu u sejjer għall-gwerra x'imkien fl-Italja, sama' d-daqq tal-qniepen jidwi fil-bogħod. Baqa' hekk imsaħħar b'dan id-daqq li minnufih waqaf jissamma' u amar li miegħu tieqaf l-armata kollha. Min joqgħod għad-dell ta' xi kampnar ta' xi waħda mill-knejjes parrokkjali tagħna, flok jissaħħar, għandu mnejn jiddejjaq ma' l-iċken mota li jisma', jew tant ikun drahom li l-anqas biss jagħti kashom. Taqta' barra xi erba' mġelġla bħal dawk li nzertajt nisma' kuljum jien, id-daqq tal-qniepen huwa sabiħ meta jsir bil-qies u f'waqtu, imma aħna l-Maltin neżaġeraw f'kollox. Il-Papa Ġwanni XX111 kien ferm iktar prudenti minna. Jekk niftakar sew, huwa ried li f'Ruma, qabel is-sebgħa ta' filgħodu, il-qniepen tal-knejjes ma jindaqqux .

Kif aċċennajt fil-bidu, il-ħsejjes saru parti minn ħajjitna. Fil-fatt, b'sensiela ta' ħsejjes midmuma fi ftit versi sempliċi, il-poeta Ġorġ Pisani rnexxielu jagħtina minjatura ta' ħajjet il-bniedem:

*Ħsejjes ta' benniena.*
*Ħsejjes ta' ilma.*
*Ħsejjes ta' passi żgħar.*
*Ħsejjes ta' ballun jogħla.*
*Ħsejjes ta' kotba.*
*Ħsejjes ta' ġiri mgħaġġel.*
*Ħsejjes ta' ċapċip.*
*Ħsejjes ta' flus.*
*Ħsejjes ta' passi tqal.*
*Ħsejjes ta' bastun.*
*Ħsejjes ta' biki.*
*Ħsejjes ta' qanpiena.*
*Ħsejjes ta' ftuħ ta' qabar.*
*U dan kollu flimkien jissejjaħ ħajja.*


TA' KENUNA
Bar & Restaurant
Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices
Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.

GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN

GREZZJU BONELLO
Jiġi jagħtik stima b'xejn
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: 2155 7694 Mob: 9946 9102

SMUGGLER'S CAVE
BAR ® RESTAURANT ® PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY


**SFIDI TA' ŻMIENNA** *kitba ta'* **Joe Rapa**

# PROBLEMI LI QED TIFFAĊĊJA L-FAMILJA FIŻ-ŻMINIJIET TAL-LUM



**Qed ngħixu fi żmien ta' attakki dejjem jikbru u sistematiċi kontra l-familja. Din it-theddida serja qed tiġi mgħejjuna u mbuttata 'l quddiem minn ambjenti setgħana fil-*media* li "jikkatekiżżaw" il-bniedem tat-triq b'messaġġi superfiċjali iżda li jimpressjonaw. Quddiem din is-sitwazzjoni la għandna naqgħu f'pessimiżmu li jipparalizzana, iġegħilna nintelqu u naqtgħu qalbna u lanqas għandna nidfnu rasna fir-ramel, imċajprin minn ottimiżmu bla sens li jserrħilna rasna għax pajjiżna dejjem kien "Nisrani-Kattoliku" u hekk se jibqa'. It-taqbida għall-valur tal-familja hi iebsa iżda Alla jeżisti, Hu Sid l-Istorja u dejjem joħroġ il-ġid mid-deni.**

Madankollu, aħna rridu nagħmlu l-parti tagħna. Kemm se ndumu naraw minoranza "liberali" tiddomina l-*media* tagħna u bil-mod il-mod tgħawweġ l-opinjoni tal-kotra? Għaliex aħna "Knisja tas-Silenzju" quddiem din il-mewġa kontra l-familja u kontra l-ħajja li bdiet fl-Ewropa ta' fuq u issa niżlet sa xtutna? Għaliex għandna nibżgħu meta jgħajruna li għadna fil-Medju Evu u jferrgħu l-arroganza tagħhom fuqna?

### *L-Għajta tad-Divorzju*

Kotba sħaħ qed jinkitbu u f'dawn il-versi nistgħu biss immissu mal-problema. Illum qed nassistu għall-għibien tal-viżjoni ta' familja frott ta' żwieġ nisrani fejn ulied huma ġġenerati, mogħtija l-fidi u mdaħħla fis-Saltna; fejn ir-raġel jaf li l-mara mhix qegħda hemm sempliċement għall-qadi tiegħu iżda wkoll biex tgħinu jikkonverti. F'dan l-ambjent nisrani fejn kollox jgħin għall-għarfien dejjem ikbar u isbaħ t'Alla, fejn kollox jieħu sens u allura s-sagrifiċċju jiġi naturali, ma jistax ikun li wieħed iwaħħalha f'moħħu li jaqbad u jitlaq.

Diżgrazzjatament, il-bniedem għalaq is-sema b'saqaf tal-konkrit. Qed nitilfu d-dimensjoni glorjuża tal-Ħajja ta' Dejjem li tibda ġa minn hawn u allura teżisti biss il-ħajja t'hawn, ħajja mhedda li fi tmiemha hemm il-mewt. Kif jista' bniedem ma jsirx egoista meta ċekken ħajtu għal hawn biss? Hu jiddefendiha għax din biss għandu.



Isibha bi tqila jingħata, waqt li jrid li ħaddieħor jingħata għalih. Għalhekk fid-dinja progressiva (!?!), id-drittijiet saru tant importanti. Għalhekk l-għajta għad-dritt tad-divorzju. Tlifna s-sens tat-tbatija għax din il-ħajja biss għandna.

Jista' jkun li xi wħud minn dawk li qed jippromwovu l-għajta għad-divorzju qed jagħmlu dan b'intenzjoni tajba u għax skandalizzati mit-tbatija li hawn madwarna. Huma jserrħu l-kuxjenza billi jgħidu li d-divorzju li jridu huma mhux divorzju għal ħaġa ta' xejn iżda f'każi fejn iż-żwieġ m'għandux tama li jissewwa. Il-verita hi li, mingħajr ma jafu, qed jgħinu qawwiet moħbija li l-aġenda tagħhom hi l-qerda tal-familja. F'pajjiżi oħra dawn dejjem ħadmu billi daħħlu d-divorzju u l-abort u anke l-ewtanasja, inkiss inkiss; dejjem jirrevedu l-liġijiet fis-snin ta' wara sakemm id-divorzju tista' tieħdu anke għall-ħmerija u malajr, waqt li l-abort li fil-bidu jillegalizzawh għall-ewwel ftit ġimgħat tat-tqala, wara jwassluh biex anke jsir waqt li t-tarbija qed titwieled, kif daħħlu Clinton fl-Amerika. Dan hu l-liberaliżmu! Din hi d-demokrazija li għandna! Sa hawn jasal il-bniedem li ma jemminx li għandu jkollu kontrolli fuq l-istinti tiegħu!

### *L-Attakk fuq il-Fertilità u l-Ħajja*



L-abort hu biss parti minn attakk fuq il-familja u fuq il-ħajja. Il-fertilità tal-bniedem tal-punent tinsab fi kriżi li issa qed tħawwad anke l-mexxejja politiċi għax hu ċar li bir-rata tat-twelid dejjem nieżla, ir-razez "progressivi" se jgħibu minn wiċċ l-art. Issa qed jagħtu inċentivi finanzjarji biex familja jkollha iktar minn wild wieħed. Dan wara għexieren ta' snin li fihom immalafamaw il-Knisja għax kienet favur il-ħajja u għajru lill-familji numerużi li kienu "antiki u injoranti". Lil min xtaq it-tfal u ħass ġibda biex ikun miftuħ għall-ħajja ġagħluh iħoss ruħu emarġinat saħansitra anke fil-Knisja. Issa qed jibżgħu.

Dan it-taħwid hu kollu prodott ta' l-ideja "nagħżel jien; niddeċiedi jien". Għad-dinja tal-lum fiċ-ċentru ta' kollox hu l-bniedem, u mhux Alla, - il-bniedem li fis-suppervja tiegħu qed jerġa' jibni t-torri ta' Babel fejn ħadd mhu jifhem x'inhuma l-valuri tal-bniedem modern. Anke fil-Knisja, xi insara qed jgħixu taħwida sħiħa għax jaraw il-Knisja qisha *supermarket* li minnha jieħdu dak li jridu biss, jagħżlu x'jemmnu u x'jobdu bħal meta jmorru jixtru u jagħżlu biss dak li jaħsbu li jgħodd għalihom. Anzi, inkunu sinċieri u nammettu li fuq xi prinċipji profondi, bħalma huma l-prokrejazzjoni u l-kontroll tat-twelid, il-Knisja tħossha daharha mal-ħajt u ssibha diffiċli ssemma' leħinha anke fil-knejjes!



### *L-Attakk mill-Ekonomija Globalizzata*

Dan l-attakk fuq il-ħajja u fuq il-familja bħala l-ambjent li l-bniedem għandu bżonn biex jikber moralment u psikoloġikament b'saħħtu, ġej ukoll mill-ekonomija moderna. Din hi dinja ta' konsum. Fejn qabel il-bniedem kien jixtri dak li għandu bżonn, illum qed jixtri dak li jaljenah, dak li hu superfluwu, żejjed, jgħaddi mingħajru. Iż-żgħażagħ u t-tfal tagħna qed ikunu bbumbardjati mill-*media* biex jixtru, jixtru, jixtru u min joqgħod pass lura jħossu marsus minn *"peer pressure"* li hi serja ħafna. Biex tlaħħaq ma' din il-ħajja li jgħidulna li hi isbaħ minn ta' dari, il-mara qed ikollha (bil-fors u mhux bi dritt, ngħid jien), toħroġ taħdem. Tiġi lura filgħaxija, trid tagħmel almenu ħafna mix-xogħol tad-dar li kienet tagħmel qabel. Ir-raġel flok xogħol wieħed jara kif isib tnejn u anke tlieta u f'daqqa waħda x-xogħol li kien barka issa jsir għadu tal-familja għax barra t-tensjoni li dan il-ġenn kollu joħloq, issa m'għadx baqagħalna iktar ċans nitkellmu, ngħaddu ħin prezzjuż flimkien - nitolbu flimkien. Mistrieħ wieħed hemm minn dan kollu: intefa' quddiem it-T.V. u erħilhom jagħġnulek moħħok kif iridu huma.

### *Kriżi għall-Figura tal-Missier*

Sadanittant bil-mara taħdem, daħlet fi kriżi l-figura tal-Missier. Ninsabu fi żmien ta' l-"Eklissi tal-Missier", kif isejħilha l-Kardinal P. Cordes. Il-Missier qed iċedi r-rwol tiegħu fil-familja. Qabel ċeda r-rwol tal-"*bread-winner*" kien diġa ċeda r-rwol ta' edukatur prinċipali, dak li jgħaddi l-valuri lil uliedu, dak li jgħasses fuq it-trobbija u l-imġieba ta' l-ulied. Fl-imgħoddi kienet fit-tradizzjoni Lhudija-Nisranija li kien il-missier li kellu r-responsabbiltà li jgħaddi l-fidi u l-valuri tajba lill-ulied. Illum tefa' kollox fuq il-mara. Staqsi lit-tfal min l-aktar li jsuqhom biex jimxu 'l quddiem fl-istudju.

Il-waqgħa tal-missier ġejja wkoll mill-fatt li ddgħajfet id-dixxiplina. Illum hu "posh" u "modern" tkun ħabib tat-tfal u mhux ġenitur, li tkun permissiv u mhux tgħum kontra l-kurrent. Għall-kuntrarju, d-dixxiplina hija mħabba. Hemm bżonn nedukaw biż-żewġ idejn: ix-xellugija li hi iktar ħarxa u l-leminija li żżiegħel iżjed. Nedukaw permezz tal-missier u ta' l-omm. Ara ma jkunx hawn min jaħseb li dan hu faċli. Insibu nies kbar u qaddisa fil-Bibbja li fallew ma' wliedhom. Lanqas ikun hemm tama ta' dixxiplina tajba fid-dar jekk l-ulied jaraw li m'hemmx għaqda bejn il-ġenituri.

### *Problema Għawdxija*

Problema li hu tipiku tal-familja Għawdxija hu l-bżonn li ħafna żgħażagħ ikollhom jinqatgħu mill-kenn u l-affett tal-familja biex jistudjaw jew jaħdmu Malta. Dan hu problema finanzjarju, iżda wkoll morali/spiritwali. Tgħid wasal iż-żmien li l-Għawdxin f'Malta jkollhom iċ-Ċentru Spiritwali-Rikrejattiv tagħhom immexxi minn xi saċerdot li kapaċi jirbaħ il-fiduċja tagħhom?

### *Is-Sinjali taż-Żminijiet*

Fil-qalba ta' dawn il-problemi li qed jherru s-sisien tal-familja, (u hemm iżjed iżda m'għandniex spazju biex niktbu fuq kollox), in-Nisrani għandu jkun kunfidenti li fil-Knisja hemm qawwa li hi ikbar mill-ħażen kollu, u din hi l-qawwa ta' l-Ispirtu Qaddis t'Alla. Hu importanti li niddawlu minnU biex nagħrfu x'qed jgħidilna Alla permezz ta' dawn is-sinjali taż-żminijiet. Aħna kieku nixtiequ li kollox jibqa' dejjem statiku, kif inhu mingħajr ir-riskju u ċ-"challenge" tal-bidla. Iżda Alla tagħna hu Alla li l-ħin kollu qed iġedded kollox. Id-dinja kif konna nafuha tletin, erbgħin sena ilu, irridu u ma rridux qegħda tmut. Dan kollu qed jippermettih Alla. Illum spiċċa ż-żmien li nkun Nisrani għax nisma' l-imbierka quddiesa tal-Ħadd jew għax jien akkanit għall-festa jew għall-opri fil-knisja. Issa drajna naraw familji "tajbin" jitfarrku. Mingħajr Fidi Adulta ma jistax ikollna familji nsara. Dawn il-problemi li semmejna ma jistgħu qatt idgħajfu familja li hi tassew Nisranija.

### *Urġenza ta' Evanġelizzazzjoni Ġdida*

U ma nistgħux nibnu l-Familja Nisranija tal-lum mingħajr evanġelizzazjoni. Kif sikwit jgħid l-Isqof tagħna, għandna bżonn katekeżi għall-adulti, katekeżi li ma tieħu l-fidi ta' ħadd '*for granted*', katekeżi li tibda mill-bażi: il-Kerygma, l-Aħbar it-Tajba u tibni fuq hemm. Għandna bżonn, bħala Knisja, mhux sempliċi laqgħat iżda sistema ta' edukazzjoni għall-fidi li tkun progressiva (ma tistax titkellem fuq id-Diskors tal-Muntanja mill-ewwel) u permanenti (għal ħajtek kollha). Il-Fidi hi kollox. Fejn hi nieqsa hi, jiffjorixxi l-gwaj; fejn tissaħħaħ hi, ikollna żgur rebbiegħa ġdida Nisranija.

DAWL GĦALL-ĦAJJA

# GĦAT-TAGĦLIM, QATT LA



## 1 DUN ĠORĠ PRECA DWAR IT-TAGĦLIM

1) Il-bidu ta' kull għerf huwa l-Biża' t'Alla.
2) Fejn m'hemmx ir-Reliġjon Kattolika, m'hemmx edukazzjoni,m'hemmx xjenza sħiħa u vera.
3) Min irid jagħraf lil Alla l-Imbierek, jitgħallem,u jibqa' jitgħallem.
4) **IT-TAGĦLIM HUWA BAĦAR IMMENS.**
5) **MIN JGĦALLEM ID-DUTTRINA** huwa l-akbar benefattur tal-patrija (ta' art twelidu).
6) **IT-TAGĦLIM HU GĦAJN TA' KULL ĠID.**
7) Fil-Kredu tinġabar is-sustanza tal-fidi tagħna.
8) Fil-Għaxar Kmandamenti ta' Alla tinġabar is-sustanza tal-liġijiet.
9) Min irid jgħallem lill-oħrajn, għandu jkun l-ewwel wieħed li jitgħallem hu.
10) Il-gwaj kollu li hawn fid-dinja ġej min-nuqqas ta' tagħlim.
11) Mingħajr tagħlim huwa diffiċli li wieħed isalva.
12) Alla jara sbieħ ir-riġlejn ta' dawk li jgħallmu ħwejjeġ tajba.
13) Fejn hemm it-tagħlim, hemm l-ordni u hemm il-paċi.
14) It-tagħlim ta' l-Iskrittura jagħmel lill-bniedem perfett.
15) It-tagħlim miftuħ liż-żgħażagħ, huwa l-prosperità tal-pajjiż.
16) L-iblah ifittex il-flus, l-għaqli jfittex it-tagħlim.
17) **IL-KTIEB TAL-VERU GĦERF HUWA KRISTU KURĊIFISS.**
18) Min ikun għamel u għallem, dan huwa l-ikbar fis-saltna tas-smewwiet.

*(Siltiet mill-ktieb ta' Dun Ġorġ "L-Iskola Kattolika")*

## 2 M'HEMMX VERA EDUKAZZJONI MINGĦAJR EDUKAZZJONI RELIĠJUŻA

**DON BOSCO:**
"Xjenza mingħajr kuxjenza hi r-rovina tal-erwieħ."

**SILVIO PELLICO** (kittieb kbir Taljan):
"Min jgħallem il-Katekiżmu hu
- l-ikbar ħabib ta' Alla
- u l-ikbar benefattur tal-pajjiż."

**PAPA ĠWANNI PAWLU II**
"Ir-reliġjon hija element essenzjali fl-edukazzjoni".
*(Lit-teachers tal-iskejjel sekondarji ta' l-Italja - 15 ta' Marzu 1986)*

**O'SHEA:**
"L-aqwa skop,l-ogħla skop tal-edukazzjoni hu li tiżviluppa karattru tajjeb."

*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*

# TGĦID NAF BIŻŻEJJED...

**KARDINAL BASIL HUME SDB** (li kien Kardinal ta' Westminster):

"Mingħajr edukazzjoni reliġjuża ma hemmx progress fis-soċjeta'"

Dwar l-istudenti ta' llum li jafu ruxxmata ta' suġġetti bħall-*Accounts*, *Computer*, Xjenzi, Lingwi, eċċ iżda ma jafux ir-RELIĠJON, il-Kardinal kien jgħid fuqhom:

**"They are clever but not wise"**

**HUMA "BRAVI"(FL-ISKOLA), IŻDA MHUX "GĦAQLIN".**

## 3 IT-TIFEL BĦAL QARNITA

It-tifel(tifla) hu/hi bħal qarnita bi tmien swaba.

Jifrex idejh u irid imiss u jaqbad kull ma jara.

Hu x'inhu, ikel tajjeb jew velenu.
Ma jafx jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin.

Ir-radju u TV, il-ħbieb u l-*playground*, l-istampi u l-kotba - kollha huma "teachers" għalih. U minnhom ser jixrob
- jew it-tajjeb jew il-ħażin.

Għalhekk attenti, ġenituri, x'jara, x'jaqra u x'jisma'ibnek.

Omm mhi ser tħalli qatt lil binha jew bintha jieklu mil-landa taż-żibel.

Mela agħmel l-istess, qatt tħalli l-velenu jew il-ħażen jidħol f'moħħ ibnek jew bintek. (p.96)

*(L-Isqof Fulton J. Sheen, The Power of Love", Image Books, New York)*



## 4 IL-MOĦĦ BĦAL ĠNIEN

Il-kittieb **James Allen** fil-ktieb tiegħu *"As a Man Thinketh"*:

***Il-moħħ tal-bniedem tista' xxebbhu ma' ġnien.***
**Tista' tikkultivah, jew**
**Tista' tittraskurah.**

Jekk tikkultivah u tiżra żerriegħa tajba, jagħtik il-frott.
Jekk tittraskurah, jinbet ix-xewk u l-għollieq.

L-istess dwar il-moħħ.

Kif il-ġennien jieħu ħsieb tal-ġnien tiegħu, jaqla' il-ħaxix il-ħażin u jiżra' iż-żerriegħa tajba.

Hekk għandu l-bniedem jieħu ħsieb il-ġnien ta' moħħu:

a) **ikeċċi ħsibijiet ħżiena u li ma humiex xierqa,**
b) **u jdaħħal f'moħħu dak li hu tajjeb, sabiħ u veru.**

*(Ikkwotat fil-ktieb ta' Brian Cavanagh, "Sower's Seed Third Planting", Ediz.StPaul's Press)*

**RUDYARD KIPLING**
"Agħtini l-ewwel sitt snin tal-ħajja tat-tifel u tista' tieħu l-kumplament."

"L-essenza ta' l-edukazzjoni hi li toħroġ l-aħjar kwalitajiet li hemm fik."
*MAHATMA GHANDI*

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (55)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IR-RABA' PARTI)*

## L-EVANĠELJU DWAR IL-MISTERU TAL-KNISJA

**F'ħafna mit-testi tal-Vanġelu, li fihom Kristu tkellem dwar il-Knisja tiegħu, hemm moħbija fihom tifsira li tiżboq ir-raġuni umana u li hija marbuta mal-misteru. "Araw, jien nibqa' magħkom sa l-aħħar taż-żminijiet" (*Mt.*28,20) tfisser biċ-ċar l-assistenza divina għax-xogħol li Kristu kien qiegħed jafda lill-Appostli tiegħu. Timplika wkoll preżenza misterjuża li tigwida l-Knisja.**

Hekk ukoll il-kelmiet "Bħalma l-Missier bagħat lili hekk jien nibgħat lilkom" (*Ġw.* 20,21) jindikaw li l-missjoni ta' l-Appostli hija l-istess missjoni ta' Kristu nnifsu li għadha tiġi kontinwata matul iż-żminijiet kollha.

Barra mit-testi li semmejna hemm ukoll żewġ diskorsi ta' Kristu li jiddeskrivu l-misteru hekk kbir tar-relazzjoni ta' Kristu mal-Knisja tiegħu:

- "Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn. Jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal fergħa, u jinxef mbagħad, friegħi bħal dawn jiġbruhom u jixħtuhom fin-nar u jinħarqu" (*Ġw.*15,5-6). Il-perfezzjoni tar-relazzjoni ta' Kristu mal-Knisja tista' tintlaħaq u sseħħ permezz tal-misteru ta' l-unjoni ta' kull nisrani ma' Kristu u ma' dawk kollha li huma magħqudin ma' Kristu.



- "Jien hu l-ħobż tal-ħajja... Fuq hekk il-Lhud tlewmu bejniethom, u bdew jgħidu: "Kif jista' dan jagħtina ġismu biex nikluh?" Ġesù mela qalilhom: "Tassew tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta' Bin il-bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom. Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum. Għax ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu xorb tassew" (*Ġw.*6,48,52-55). Il-konnessjoni diretta bejn iż-żewġ diskorsi qegħda f'dan il-vers "Min jiekol ġismi u jixrob demmi, jibqa' fija u jiena fih" (*Ġw.*6,56).

Dawn l-espressjonijiet ma humiex metafori jew tixbihat biss u jfissru wisq iżjed mill-unjoni morali li għandu jkun hemm bejn il-membri ta' xi organizzazzjoni naturali jew artifiċjali iżda jfissru realtà spiritwali, li għad li ma nagħrfuhiex bir-raġuni, iżda nemmnu fiha għax naċċettawha bil-fidi.

### *Karatteristiċi opposti fil-Knisja?*

**Fil-Knisja hemm ċerti karatteristiċi li jidhru donnhom opposti għal xulxin u li min ma jemminx fil-misteru tagħha, isib diffikultà li jifhimhom u li jfissirhom. Difatti, kif jgħid il-Papa Pawlu VI, fl-enċiklika "*Ecclesiam Suam*" (n.40) mingħajr fidi, jkun diffiċli li wieħed jammetti "kif il-Knisja hija fl-istess waqt viżibbli u spiritwali, ħielsa u suġġetta għad-dixxiplina, komunitarja u ġerarkika, diġà qaddisa u għadha teħtieġ li titqaddes, kontemplattiva u attiva".**

Il-Knisja hija viżibbli fil-membri tagħha, fl-organizzazzjoni esterna, fir-relazzjonijiet bejn superjuri u sudditi, u ma hi xejn inqas viżibbli minn kull soċjetà oħra tal-bnedmin. Il-Knisja hija viżibbli mhux biss kif teżisti llum u fil-ġejjieni, iżda wkoll kif kienet fl-istituzzjoni divina tagħha, jiġifieri kif kienet fit-twaqqif tagħha. Il-Knisja hija viżibbli preċiżament kif kien viżibbli l-Fundatur Storiku u r-Ras ewlenija tagħha, il-Bniedem Alla, meta waqqafha.

Barra minn hekk, il-Knisja hija inkarnata għaliex teżisti fid-dinja magħmula mill-bnedmin u hija minsuġa ma' l-istorja ta' l-umanità; iżda fl-istess waqt hija tranxendenti, għaliex hija wisq ogħla mis-soċjetajiet umani l-oħra u tiżboqhom kollha "bħalma l-grazzja tiżboq in-natura u dak li huwa immortali jittraxendi dak li jispiċċa u jintemm".

Il-Knisja hija mifdija kif jgħallimna San Pawl "Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha. U dan għamlu biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil ta' l-ilma u l-kelma" (*Efes*.5,25-26). Hekk ukoll fl-Apokalissi Kristu jissejjaħ "Dak li ħabbna, u li ħallna minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu, u li għamilna Saltna, Qassisin għal Alla tiegħu Missieru" (*Apok*.1,5). Imma hija wkoll dik li tifdi lill-oħrajn, għaliex biha jinqeda Kristu sabiex iwassal lill-bnedmin it-tagħlim u l-grazzja tiegħu.

Ngħidu li hija wkoll perfetta u imperfetta, għaliex hemm fiha bnedmin ta' kull għamla; qaddisin u midinbin, tajbin u ħżiena, puri u impuri kif qal Ġesu: "tixbaħ lix-xibka mitfugħa fil-baħar, li taqbad kull ġens ta' ħut" (*Mt*.3,47). "Il-Knisja li għandha fi ħdanha ukoll il-midinbin, li hi qaddisa, iżda fl-istess ħin dejjem fi ħtieġa ta' purifikazzjoni, qatt ma tehda tagħmel penitenza u ġġedded lilha nfisha" (*Lumen Gentium*,n.8). Il-Knisja hija misteru ta' poplu li għad li jħaddan fih il-midinbin, iżda għandu wkoll il-wegħda tas-salvazzjoni, għaliex huwa estensjoni tal-Ġisem ta' Kristu. Fiha l-bniedem jista' jsib id-dawl, il-maħfra u l-grazzja "għat-tifħir tal-glorja t'Alla" (*Efes*.1,14).

Barra minn hekk, il-Knisja fuq l-art, hija dejjem imminaċċjata mit-tentazzjoni tal-poter, tal-għana u tal-prestiġju u għalhekk jeżisti l-periklu li tabbanduna l-Mulej fqir u mżeblaħ fuq is-salib. L-eżistenza tal-Knisja matul is-sekli hija storja ta' dwal u ta' dellijiet.

Il-Knisja għadha tivvjaġġa qalb il-perikli tad-dinja, iżda ħsibijietha u xewqatha huma fl-art imwiegħda fejn diġà waslu ħafna minn uliedha u għalhekk hija mġarrba u gglorifikata fl-istess ħin. Il-Konċilju jgħallimna li waqt li l-Knisja fuq din l-art qed tagħmel il-pellegrinaġġ bogħod mill-Mulej (cfr:*2 Kor*.5,6) u tqis ruħha bħala tturufnata u tfittex u tixtieq il-ħwejjeg tas-Sema, fejn Kristu qiegħed fil-lemin ta' Alla hija mġarrba għaliex għadha tgħix fuq l-art u kif naqraw fil-*Lumen Gentium* (n.8) : "Il-Knisja tkompli l-pellegrinaġġ tagħha fost il-persekuzzjonijiet tad-dinja u l-konsolazzjonijiet ta' Alla u tħabbar il-passjoni u l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi".

Il-Knisja għandha dimensjoni storika, għaliex teżisti matul iż-żminijiet u hija marbuta mas-soċjetà tal-bnedmin, iżda hija wkoll eskatoloġika għaliex hija tittama li tilħaq il-perfezzjoni tagħha u tikseb il-glorja meta tintemm id-dinja u jkun hemm art ġdida u smewwiet ġodda. Il-Knisja "mill-qawwa ta' Kristu mqajjem mill-mewt issib il-forza biex bis-sabar u bl-imħabba tirbaħ it-tiġrib u d-diffikultajiet li jiġuha minn barra u minn ġewwa u biex tirrivela lid-dinja bil-fedeltà, ukoll jekk fost id-dellijiet, il-misteru tiegħu sakemm fl-aħħar taż-żminijiet huwa juri ruħu fil-milja tad-dawl tiegħu" (*Lumen Gentium*, n.8).

## *Sagrament ta' Kristu*

**"Il-Knisja hija fi Kristu - tgħidilna il-Kostituzzjoni "*Lumen Gentium*" (n.1) - bħal sagrament, jew sinjal u strument ta' l-għaqda intima ma' Alla u ta' l-unità tal-ġens tal-bnedmin kollha".**

Hija s-sagrament ta' Kristu (*Kol*.1,15) jiġifieri l-kontinwazzjoni misterjuża tiegħu fl-istorja u fid-dinja, ix-xhieda tiegħu, il-preżenza tiegħu fostna. Ngħidu li l-Knisja hija l-kontinwazzjoni ta' Kristu, matul iż-żminijiet u mxxerrda ma' l-art kollha, għaliex Huwa jkompli jwettaq il-ħidma salvifika tiegħu fost il-bnedmin ta' kull żmien u ta' kull razza, permezz tal-Knisja. Hija li twassal it-tagħlim divin tiegħu u li permezz tal-Liturġija u l-mezzi l-oħra ta' tqaddis tqassam il-grazzji miksubin minnu, bil-passjoni u l-mewt glorjuża tiegħu.

"Is-seba' sagramenti - naqraw fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (n.774) - huma s-sinjali u l-istrumenti li bihom l-Ispirtu s-Santu jxerred il-grazzja ta' Kristu, li hu r-Ras, fil-Knisja li hi l-Ġisem tiegħu". Il-Knisja mela tippossiedi u tqassam il-grazzja inviżibbli li hi tfisser. Hu f'dan is-sens analoġiku li l- Knisja tissejjaħ 'sagrament'. "Dan ifisser li hemm xebh bejn is-sagramenti, min-naħa l-waħda, sinjali li jfissru u jagħtu l-grazzja, u min-naħa l-oħra l-Knisja li tgħin lill-bnedmin biex jiksbu l-qdusija".

Il-Knisja tissejjaħ sagrament ta' Kristu u tas-Saltna tiegħu kif lil Kristu jsejħulu wkoll Sagrament ta' Alla. Difatti Kristu wriena u għadu jurina l-preżenza ta' Alla fid-dinja u għadu jwettaq il-ħidma divina tiegħu fost il-bnedmin.

Meta ngħidu li l-Knisja hija sagrament universali tas-salvazzjoni jfisser li hija sinjal u strument tar-rikonċiljazzjoni u tal-għaqda tal-bnedmin kollha ma' Alla u tal-għaqda tal-ġens uman kollu (Il-*Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (n.152).


**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**




© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Il-Ħamsa u Ħamsin Parti )* *(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)*

## *IL-BIEDJA F'GĦAWDEX WARA T-TIENI GWERRA DINJIJA (1939-1945)*

Il-Biedja f'Għawdex wara t-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945) għaddiet minn bidla u trasformazzjoni kbira li ż-żgħażagħ ta' llum diffiċli ferm biex jifhmuha għax ma għexux il-ħajja iebsa ta' dari u jafu biss dak li raw b'għajnejhom fi żmienhom. Imma min qed jikteb jiftakar żminijiet oħra, għalkemm min hu ikbar minnu jiftakar iżjed. F'dan l-aħħar artiklu se naraw fil-qosor x'kienet tfisser għall-biedja f'Għawdex din il-bidla u kif il-ħajja tal-bidwi nbidlet bħal mil-lejl għan-nhar.

### *Il-Għażiq u l-Ħart*

Il-għażiq u l-ħart kienu jsiru bl-idejn b'għodod bħalma huma l-fies, il-fiesa, il-gorxin, l-imgħażqa, iz-zappun, u l-moħriet tal-bhima. Il-bhejjem bil-mod inbidlu mill-baqra u l-gendus għall-bagħal u l-ħmar. Imma l-akbar bidla saret meta daħlu l-imħaret tan-nar, imsejħin bl-Ingliż *Caterpillars*, b'żewġ ktajjen kbar tal-ħadid, b'sikka kbira tal-ħadid li kapaċi taqleb il-ħamrija sa pied u nofs fond. Dawn l-imħaret tan-nar bdew jaħartu r-raba' u jqallbuh bl-aktar mod effiċjenti. Il-metodu tal-ħart kien jew idur mal-għaqla u jħalli żewġ widien f'nofs il-għalqa, inkella jaħrat fuq ġenb (l-aħjar metodu) u jħalli wied wieħed fuq ġenb wieħed.

Mal-*caterpillars* daħlu wkoll *tractors, tillers* u *cultivators* ta' kull xorta. Il-*cultivators* kienu magni li jagħżqu l-art u mhux jaħartuha. Aħna konna ġibna wieħed mill-Awstralja magħmul mid-ditta Howard. Kien jismu Howard Rotary Hoe 12 ta' saħħa kbira. Imma billi kien jaħdem bl-imgħażaq kellu ħabta jballat l-art fejn l-imgħażqa ma tinżilx. Il-*cultivators* li ġew wara, bħall-Bruni, jagħżqu b'għadd ta' ganġijiet biex kemm jista' jkun l-art ta' taħt ma titballatx. Dawn il-*cultivators*, minbarra li jagħżqu, jxattbu wkoll l-art u jlestuha kemm wieħed jiżra' jew iħawwel fiha.

Dawn il-magni ffrankaw ħafna xogħol u tbatija lill-bdiewa tagħna, imma qerdu s-sistemi folkloristiċi kollha tal-għażiq u t-tixtib tar-raba'.

### *It-Tisqija*

Minkejja li Għawdex hu gżira li tagħti ħafna ilma, il-bdiewa tagħna kellhom is-saqwi tagħhom biss fejn kien hemm għejun li jagħtu l-ilma fil-wiċċ u li dan l-ilma seta' jittieħed fir-raba' bil-kanali u s-swieqi bla tbatija ta' xejn, eżempji, l-inħawi tax-Xagħra, tan-Nadur, il-Lunzjata u l Imġarr. L ilma minn taħt l art kien jittella' bis-swieni li minnhom kellna biss it-Taflija, fil-limiti tar-Rabat (flok l-MMU), u fil-Wied tax-Xlendi. L-ilma l-ieħor mill-bjar u l-ispieri kien jittella' bl-idejn bil-grabja jew bil-ġakrun. Imbagħad tfaċċaw l-imtieħen tar-riħ. Dawn kien jinħadmu minn kumpanija Amerikana *The Airmotor Co. Chicago.* Dawn kienu jeħtieġu l-bini ta' ġiebja fejn jinħażen l-ilma biex imbagħad jintuża mill-bidwi xħin ikollu bżonn isaqqi.

Dawn kienu popolari ħafna f'Għawdex li malajr imtela bihom u ħolqu dehra sabiħa u pittoreska. Kienu jaħdmu b'irħis għax idawwarhom ir-riħ, imma malajr taw daqqa ta' ħarta lis-swieni. F'Malta dawn l-imtieħen ta' l-ilma kienu ġew ristretti għax f'xi nħawi bdew itellgħu l-ilma ta' l-*aquifer* minfejn kien jittieħed l-ilma tax-xorb mill-Gvern.

Imbagħad ġew il-muturi ta' l-ilma, bħalma kienu l-JAP mill-Ingilterra jew il-Bernard Moteurs ta' Franza, li minkejja li dawn kienu jaħdmu bil-petrol jew bil-pitrolju, kienu effiċjenti iżjed għax tista' teħodhom fuq liema bir trid. Ibatu biss meta l-ispiera tkun fonda ħafna, għax inkella kien ikun meħtieġ li tniżżel il-mutur isfel. Il-*carbon monoxide* li bih kienet timtela l-ispiera kien ikun ta' periklu kbir għal min jipprova jinżel jitfi l-mutur hemm isfel. Inċidenti serji kienu nqalgħu wkoll. L-ilma tal-mutur kien jitwassal fejn irid il-bidwi permezz ta' manek apposta.

Illum Alla jbierek għandna l-ilma tal-*boreholes*, bil-permess u bla permess, u biex l-ilma jinħela inqas daħlet ukoll it-tisqija bit-taqtir, *drip irrigation*.

### *Id-Dries u l-Ħsad*

Id dries dari kien isir bil qiegħa fuq l-andar. Fil-bidu tas-seklu għoxrin il-Gvern kien ġab xi magna tad-dries taħdem bl-idejn. Imma din xogħolha kien biex jaraw liema tipi ta' qmuħ kienu jagħmlu l-iżjed. Imbagħad wara l-Gwerra ġew il-magni tad-dries. Niftakar li kienu kbar ħafna u jisimhom RANSOMES. Kienu jinġibdu mill-moħriet tan-nar (*Caterpillar*) u jitħaddmu minnu wkoll permezz ta' ċinga twila bejn il-*caterpillar* u l-magna. Niftakar kien hawn tas-Sipa, mir-Rabat, tal-Bies mix-Xagħra, kien hemm oħra ż-Żebbuġ, u xi oħra Santa Luċija. Ma nafx jekk fadalx ritratti tagħhom. Naf li b'dawn il-magni l-bidwi f'sagħtejn kien jagħmel xogħol li dari kien idum is-sajf kollu biex jagħmlu.

Imma l-ħsad taż-żara' kien għadu jsir bl-idejn. Minn dak iż-żmien, illum daħlu wkoll il-*combined harvesters*, li jaħsdu u jidirsu ż-żara' fl-istess ħin. Magni oħrajn jiġbru t-tiben f'balal jew romblu. Hekk spiċċa il-qatt taż-żara' u l-qasbija. Intemmu wkoll il-likef, il-ħalel lesti għad-dries fuq l-andar. U għeb ukoll

il-ġarr tat-tiben bil-lożor u x-xbieki.

Daħlu wkoll magni li jaħsdu s-silla, u oħrajn li jqattgħuha u li jagħmluha balal balal jew rombli. Spiċċaw, għalhekk, il-qatt tas-silla, il-ħmiel u l-imniezel ta' dari.

### Il-Ġarr

Il-ġarr tal-prodotti tar-raba' dari kien isir kollu kemm hu bil-karrettun. Żwiemel, ħmir, bgħula, karrettuni ta' kull daqs, illum spiċċa kollox.

Wara l-Gwerra bdew deħlin kull xorta ta' trakkijiet u vannijiet li malajr ħadu post il-bhejjem. U aktar ma għadda ż-żmien, aktar bdew jikbru dawn l-inġenji, hekk li wasal fi stat fejn bdew ikissru t-toroq u l-kanni ta' l-ilma!

Id-dehra tal-karrettuni bid-dawl tal-lampa jitbandal taħt ix-xatba tal-karrettun bit-tektika tar-roti fil-waqt li jkun jiċċekilmu min-naħa għall-oħra, spiċċat ukoll u llum baqa' biss it-tifkira tagħha f'xi ritratt jew tpinġija.

Iżda hawn ta' min isemmi l-iskema tas-sussidju tal-Gvern biex il-bdiewa Għawdxin jieħdu l-prodotti fil-pitkalija ta' Malta, skema li għamlet ħafna ġid lil gżiritna.

### Qfief, kaxxi u xkejjer

Illum il-ġarr tal-prodotti f'kull xorta ta' qfief, mezez, bxiekel, u qratal spiċċa wkoll. Regolamenti tal-pitkalija jridu li l-prodotti tar-raba' għandhom jinġarru f'kaxxi tal-*plastic* apposta li jitgħabbew aħjar fil-kaxxa ta' xi trakk jew xi vann.

Inqata' wkoll l-użu ta' kaxxi ta' l-injam ta' kull daqs u sura billi dari kull kaxxa kienet tkun tajba biżżejjed biex fiha tinġarr xi ħaġa għal għand il-pitkal.

Inqata' wkoll l-użu tax-xkejjer tal-ġuta, per eżempju x-xkejjer tal-faxx li dari kien jinġarr il-pastard u l-kaboċċi fihom.

### Is-Serer

Minbarra fil-miftuħ tar-raba' u tal-għelieqi, il-bidwi ta' wara l-gwerra tgħallem ukoll jaħdem fis-serra tiegħu biex ikollu iżjed prodotti, uħud barra minn żmienhom. B'dan il-mod beda jkollna, per eżempju, it-tadam is-sena kollha. Daħlu kull tip ta' serer, inklużi dawk tal-*polythene*.

### Demel

Dari l-bidwi kien jinqeda biss bid-demel naturali tal-bhejjem tiegħu. Imbagħad beda dieħel is-sulfat u n-nitrat ta' l-ammonja, tipi ta' demel artifiċjali, demel bilanċjat għas-serer. Imbagħad sabu li fejn in-nitrat ta' l-ammonja kien jilħaq il-pjan ta' l-ilma tax-xorb, dak kien qed jikkontaminah b'detriment għas-saħħa tal-bniedem.

Daħal ukoll fis-suq il-kompost għas-serer u għall-qsari.

### Flieles mill-Inkubatur

Flok bil-qroqqa l-flieles bdew jitfaqqsu bl-inkubatur u jinxtraw flieles imfaqqsin u lesti. Spiċċa l-gost tal-qroqqa bil-flieles u l-entużjażmu li kienet iġġib magħha fost it-tfal. Jien niftakar il-qroqqa marbuta minn sieqha biex ma titbiegħedx ħafna fir-raba' fejn tista' tiltaqa' ma' saram.

### Flieles, impurtati, tiġieġ għall-bajd

Bdew deħlin ukoll flieles impurtati, tiġieġ bojod għall-bajd, għewietaq, u kapuċċelli għal-laħam. Il-kuluri li kien ikun hemm fil-bitħa tat-tiġieġ sa ftit wara l-gwerra spiċċaw kollha. Spiċċaw it-tiġieġ imlewna, dawk suwed, dawk ta' għonqhom għarwien, it-tiġieġa baħrija, insomma, it-tiġieġ saru kollha bojod, kollha l-istess, il-komuniżmu flok ma' ħakem lilna, ħakem it-tiġieġ!

### Żrieragħ ta' barra

Bdew ukoll deħlin żrieragħ ta' barra, Amerikani u Daniżi tal-ħxejjex u l-fjuri. Daħal ukoll basal ta' razza ġdida, u diversi tipi ta' żrieragħ tal-kromb. Daħal ukoll il-bettiħ ta' Iżrael bil-konsegwenza li dan dakkar il-bettiħ lokali li kien iservi sal-Għid il-Kbir, u hekk ma baqax iservi għax dak ta' Iżrael jitħassar malajr.

### Pestiċidi u bexx

Fost l-agħar affarijiet li daħlu wara l-Gwerra kien hemm l-għadd kbir ta' pestiċidi użati fil-bexx għal kontra d-dwied u l-insetti. Preparati ta' bexx, mediċini tal-bexx, misturi, bexx għad-dubbiena tal-frott, għas-susa, għall-misktiet (kollha tipi ta' mard), fluwidi kontra l-pesta ta' l-annimali jew tat-tjur, *weed killers*, u muturi u apparati oħra tal-bexx, bħall-pompa tal-vitirjol, *powder plowders*, u għodod simili. L-agħar tip ta' pestiċida kien id-DDT li nstab li dan biż-żmien kien se jeqred il-ħajja ta' l-annimali kollha fuq din l-art (ġenoċida) u għalhekk, ġie pprojbit.

Il-pestiċidi fil-bidu jagħmlu l-ġid, imma maż-żmien jagħmlu l-ħsara għax jeqirdu wkoll l-insetti tajbin, il-friefet, u tipi oħra ta' ħajja li jagħmlu l-ġid. Illum hemm moviment kontra l-użu tal-pestiċidi.

Bħala prodotti tajbin insemmu dawk tal-ħadid biex il-pjanti ma jibqgħux bil-weraq safrani.

### Il-Għalf ta' l-annimali

Il-għalf ta' l-annimali dari kien kollu ġej mill-għalqa: ħaxix, silla, weraq ta' d'indja, karrotti, faxxina ta' diversi prodotti u żrieragħ, ħarrub u pressat miż-żerriegħa tal-qoton. Imma wara l-Gwerra daħlet il-kultura tal-għalf bilanċjat ta' barra, bħas-sorghum - ġwież mill-Amerika. Bdew jiġu wkoll il-*pellets* (boċoċ) għall-fniek, konċentrati ta' vitamini, u tipi oħra ta' ġwież ta' barra. Veru li dawn it-tipi ta' għalf artifiċjali jħaxxnu iżjed, iżda l-laħam ta' l-annimal tilef il-benna tal-laħam, u xi drabi joħloq ukoll togħma ħażina. Din xi drabi tinħoloq ukoll minn kimiki li jingħataw biex l-annimali jikbru malajr.

Sa qabel is-sena 2000, iż-żewġ magni tat-tħin li kienu jitħnu l-ġwież u l-qamħ, dik ta' l-aħwa Vella, quddiem il-Villa Rundle, u l-oħra ta' l-Erbgħa, il-*Pax Flour Mills*, fi Triq it-Tiġrija 'l isfel, it-tnejn ir-Rabat, għalqu.

### Mediċina għall-Mard

Ċertu għalf ta' barra daħħal miegħu l-mard u għalhekk kellu jidħol ukoll it-tilqim, it-tagħmir artifiċjali, il-fluwidi kontra l-pesta, u tipi oħra ta' mediċini. Il-mard daħal ukoll fost il-pjanti li jinġiebu minn barra u għalhekk kienu meħtieġa wkoll is-servizzi għall-pariri bla ħlas mid-Dipartiment tal-Biedja.

### Impjant ta' Ħalib

Fl-ewwel snin ta' wara l-gwerra f'Għawdex kien jintrema ħafna ħalib meta l-ħalib ma kienx jintbagħat Malta. Fl-1956 inbena l-impjant tal-ħalib it-Taflija, li għamel ħafna ġid, għalkemm illum il-ħtieġa tiegħu spiċċat. Il-bdiewa l-kbar li jrabbu l-bhejjem għall-ħalib, illum ikollhom ukoll l-apparat biex jaħilbu l-annimali, kif ukoll l-apparat għat-tkessiħ tal-ħalib fl-irziezet tagħhom biex il-ħalib sakemm ikun għandhom jibqa' tajjeb.

### Pitkalija, Cold Stores, u Biċċerija

Ta' ġid ukoll kienu l-Pitkalija l-ġdida flok dawk il-ħwienet tar-Rabat, il-*Cold Stores* u l-Biċċerija l-ġdida li nbniet fit-tarf tar-Rabat minflok dik tat-Triq tal-Għajn. Illum (2007) suppost li din il-biċċerija qiegħda tiġi attrezzata mill-ġdid biex tkun konformi man-normi u r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea.

### Għeluq

U hekk ġejna fit-tmiem ta' dan it-tagħrif fil-qosor dwar il-biedja f'Għawdex. Għidna fil-qosor għax ma jfissirx li għidna kollox u għax fuq kull punt li semmejna wieħed jista' jikteb teżi jew ktieb. Ħafna mit-tagħrif ksibnieh mill-esperjenza, minn fomm il-bdiewa u minn kitbiet li ltqajna magħhom. Dwar xi punti negattivi li stajna semmejna wieħed irid japprezza li l-bidwi hu l-iżjed ħaddiem li jbati, l-aktar imħallas ħażin u l-inqas wieħed protett. Meta tasal is-siegħa tiegħu malajr jeħdulu l-art għall-bini jew għal xi proġett u mbagħad Alla biss irid iħenn għalih. U kultant għandna għax niskantaw bil-ħniena ta' Alla meta nafu li n-natura, il-mard, it-temp huma kollha kontra l-bidwi. U meta Alla jibgħat il-ġid u l-abbundanza, imbagħad jaqa' l-prezz.

Il-bdiewa tagħna biċ-ċajt iħobbu jgħidu: **Ir-raba' ta' bla premju!** Għax fit-tiġrija min jiġi l-ewwel, it-tieni jew it-tielet jieħu l-premju, imma tar-raba' dejjem jibqa' b'xejn. Huma tar raba', u dejjem jibqgħu b'xejn. Għal min jifhem, dan il-qawl ifisser ħafna.

Issa, wara li dħalna fl-Unjoni Ewropea, deħlin kotra kbira ta' prodotti tal-biedja minn barra, u aktar għada mil-lum, li magħhom irid jikkompeti l-bidwi tagħna. X'se jagħmel il-bidwi tagħna meta s-sussidji jieqfu? Se jibqa' tar-raba'?

Għalhekk, nagħilqu billi nistaqsu: Illum, x'futur hemm għall-biedja tagħna?

*(Ħajr lil dawk kollha li tawni xi tagħrif u solvewli xi problemi, Ġużi Abela, Victor J. Galea, Toni Calleja tal-Għasri, u oħrajn).*

**TMIEM**

**RAPPORT** — *minn Fr. EDDIE ZAMMIT*




# PELLEGRINAĠĠ FL-ART MQADDSA MA' L-ISQOF MARIO GRECH

**Fl-ewwel ktieb tal-Kronaki insibu: "Għax tassew frustieri (pellegrini) aħna quddiemek, u barranin bħalma kienu missirijietna" (l Kron, 29:15). B'dan il-ħsieb f'moħħna u qalbna, grupp ta' 53 pellegrin minn Malta u Għawdex ingħaqadna f'pellegrinaġġ lejn l-Art Imwiegħda, l-art li tnixxi ħalib u għasel, pellegrinaġġ li għandu dejjem bħala destinazzjoni Ġerusalemm, l-ewwel dik ta' l-art, imbagħad dik tas-Sema. Il-Pelleġrinaġġ għall-Art Imqaddsa, ħolma ta' kull nisrani twajjeb, isir għal dawk kollha li jieħdu sehem fih mument ta' għarfien ta' l-għeruq tal-ħajja nisranija tiegħu, u tal-fidi biblika tiegħu. Hekk kien għalina lkoll pellegrini mill-mument li rfisna din l-art qaddisa, art li fiha seħħew il-ġrajjiet kbar marbuta mas-salvazzjoni tagħna. Art li fiha l-Missier għażel li tkun dik li tilqa l-inkarnazzjoni ta' Ibnu l-Għażiż, u tkun ukoll il-pulptu kbir tiegħu li fiha jwettaq l-għeġubijiet marbuta mal-missjoni tiegħu ta' Messija u Salvatur.**

Il-Pellegrinaġġ tagħna beda fis-sigħat bikrin tal-għodwa tal-15 ta' April 2007 meta mmexxija mill-Kummissarju Malti tal-Art Imqaddsa, il-Franġiskan Patri Twannie Chircop rfisna l-ajruport Ben Gurion ta' Tel Aviv u minn hemm qbadna il-*pullman* għall-vjaġġ ta' madwar siegħa u nofs lejn il-Belt ta' Nazaret. Wasalna kmieni filgħodu u sibna ruħna fid-Dar CasaNova tal-Patrijiet Franġiskani propju quddiem il-Bażilika ta' Nazaret. Din il-Bażilika, proġett tal-arkitett G. Muzio, ġiet inawgurata fil-25 ta' Marzu 1969 u tikkonsisti fil-Kripta fejn skond it-tradizzjoni hemm il-fdalijiet tad-Dar tal-Verġni Imbierka kif ukoll fdalijiet ta' knejjes li nbnew sa minn żmien il-Biżantini li jixhdu għall-awtentiċità li l-Insara dejjem taw lil dan il-post għażiż. Propju fuq l-artal tal-kripta Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-Ewwel Ewkaristija tagħna f'dan il-pellegrinaġġ, f'dan l-imkien fejn Marija semgħet l-aħbar ta' l-Anġlu Gabriel li l-Messija mwiegħed kien ser jinkarna fil-ġuf safi ta' din il-Verġni minn Nazaret. Fil-ħsieb tiegħu l-Isqof fakkar lill-pellegrini kollha biex nimmeditaw dan il-misteru kbir u npoġġu lilna nfusna disponibbli fuq l-eżempju ta' Marija. Fit-tmiem ta' l-Ewkaristija, ħaduna naraw l-iskavi fl-għerien li jdawru l-fdalijiet tad-dar ta' Nazaret kif ukoll fdalijiet arkeoloġiċi li jixhdu għad-devozzjoni Marjana sa mill-ibgħad żmienijiet. Interessanti hija l-kitba (graffit) li għadha teżisti mit-tieni seklu w.k. bil-kelmiet XE MAPIA, kelmiet mill-Grieg li jfissru 'Ave Maria'.

Mill-Bażilika ta' Nazaret żorna mbagħad il-muntanja Tabor u saret riflessjoni fil-Bażilika li tfakkar il-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni. F'din il-Bażilika mibnija fil-quċċata ta' din il-muntanja għolja hemm ukoll iż-żewġ kappelli laterali ddedikati lil Mosè u Elija. Minn hemm żorna ukoll l-għolja tal-Karmelu u s-santwarju mibni fuq l-għar tal-profeta Elija. Filgħaxija wara ċ-ċena, Mons. Isqof żar il-Kunvent tal-Klawsura tal-Karmelu ftit metri l-bogħod miċ-ċentru ta' Nazaret u żar waħda soru Maltija, Suor Antonietta Agius li ilha f'dan il-kunvent mis-sena 1945. F'dan il-kunvent Mons. Isqof kellu laqgħa sabiħa mill-Madre Superjura flimkien mal-komunità ta' 15-il soru li huma ġejjin minn diversi pajjiżi tad-dinja.

Fit-tieni jum żorna Kafarnahum u qaddisna fil-knisja li tinsab fuq il-fdalijiet tad-dar ta' San Pietru, żorna s-sinagoga tar-4 seklu li hija mibnija fuq il-fdalijiet tas-sinagoga ta' Kafarnahum fejn Kristu jfejjaq lill-imxajtan u wara li joħroġ minn hemm ftit metri 'l bogħod, imur fid-dar ta' Pietru u jfejjaq lill-omm il-mara tiegħu. Interessanti fil-ġnien li hemm ħdejn il-fdalijiet tal-Knisja Biżantina li kienet inbniet fuq id-dar ta' San Pietru, l-iskulturi fl-irħam juru figuri tal-Arka fuq ir-roti kif ukoll l-istilel ta' Salamun u David. Iktar tard żorna s-santwarju fuq l-għolja tal-Beatitudni, il-*Mensa*



*Christi* qrib ix-xtajta tal-baħar tal-Galilea, kif ukoll is-Santwarju li jfakkar il-miraklu tal-ħames ħobżiet u żewġ ħutiet. Wara qsamna l-baħar tal-Galilea b'waqfa qasira fuqu għall-meditazzjoni qasira u komplejna lejn *Ein Gev*. F'dan il-post fil-bidu tax-xmara Ġordan, il-post marbut mal-magħmudija ta' Kristu minn Ġwanni, Mons. Isqof filwaqt li bierek u inawgura lapida bil-Malti bil-kitba mill-Vanġelu li tfakkar din il-ġrajja, mexxa funzjoni qasira tat-tiġdid tal-wegħdiet tal-magħmudija. Minn hawn għaddejna Kana tal-Galileja u fil-knisja li tfakkar il-preżenza ta' Kristu fit-tieġ ta' Kana. Hawn f'din il-knisja Fr. Joe Mizzi, Direttur tal-Moviment ta' Kana, mexxa l-funzjoni tat-tiġdid tal-wegħdiet taż-żwieġ lill-koppji preżenti.

Mill-Galilea tlaqna lejn Ġerusalemm u għaddejna minn Ġeriko. Ftit qabel ma dħalna Ġerusalemm għaddejna Betanja l-post ta' Lazzru, Marija u Martha. L-Isqof Grech mexxa l-Ewkaristija fil-knisja li tfakkar din il-ħbiberija li Ġesù kellu ma' din il-familja. Patri Twannie Chircop, Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa, ippreżenta lir-rettur tal-knisja terħa sabiħa għall-artal maħduma mill-bizzila għawdxija. Fir-raba' jum Mons. Isqof għamel l-Ingress Sollenni fil-Bażilika tar-Reżurrezzjoni. Huwa ġie milqugħ fil-bieb prinċipali mill-patrijiet li jservu f'dan is-santwarju għażiż, sar kant ta' merħba, tkanta t-*Te Deum*, u sar diskors ta' merħba bil-Malti mill-Franġiskan Patri Noel Muscat. Mons. Isqof mbagħad kien mistieden li flimkien mal-pellegrini jidħlu jqimu l-qabar ta' Kristu. Wara, Mons. Isqof flimkien mal-pellegrini, ħadna sehem fil-purċissjoni li ssir fil-Bażilika fuq l-artali li jfakkru l-ġrajja tal-passjoni u l-qawmien tal-Mulej. Postijiet oħra li żorna f'Ġerusalemm kienu ċ-Ċenaklu, is-santwarji marbuta mal-ħajja tal-Verġni Mbierka, fosthom it-twelid, il-mewt u l-qabar tagħha, kif ukoll il-knisja tal-Ġetsemani fejn Mons. Isqof fis-sigħat tard tal-ġurnata mexxa mumenti ta' adorazzjoni u wara mumenti ta' skiet u talb fil-Ġnien taż-Żebbuġ.



L-aħħar jiem tal-pellegrinaġġ ħaduna fid-deżert tas-Sinaj u hemm wara li qsamna d-deżert, tlajna fis-sigħat tal-lejl f'pellegrinaġġ lejn Ġebel Musa, l-għolja li skond it-tradizzjoni Mosè kellu l-esperjenza t'Alla. Il-mixja 'l fuq kienet esperjenza ta' ħemda, u ta' preżenza kbira t'Alla. Hemm fuq wara l-mixja twila, rajna sbieħ il-jum u tlabna flimkien biex il-Mulej bil-Liġi Tiegħu jkun dawl ta' ħajjitna, kif kien għall-poplu lhudi li għal 40 sena terraq dawk l-inħawi fil-mixja lejn l-art imwiegħda. Lura minn din l-esperjenza sabiħa li tgħaddik mid-dlam tal-lejl għad-dawl tal-jum, ltqajna lkoll fil-monasteru tat-3 seklu ta' Santa Katerina, mibni fil-post fejn skond it-tradizzjoni Mosè sema' s-sejħa tal-vokazzjoni tiegħu fis-siġra taqbad.

Fit-talba li għamilna f'dan il-post qaddis, tlabna biex fil-pellegrinaġġ ta' ħajjitna, aħna wkoll niftakru li mexjin mid-dlamijiet tal-ħajja għall-għarfien tad-dawl dejjiemi li hu Kristu mqajjem mill-Imwiet. L-aħħar Ewkaristija tagħna ċċelebrajniha propju f'Emmaus, post marbut mal-programm pastorali ta' l-Isqof Mario Grech, li bħala *motto* għall-istemma tiegħu għażel silta minn din il-ġrajja għażiża "waqt il-qsim tal-ħobż". Hemm ukoll tlabna fit-tmiem tal-pellegrinaġġ tagħna biex bħad-dixxipli ta' Emmaus, wara li rajna l-wiċċ tal-Mulej f'din l-esperjenza tal-pellegrinaġġ, nxandru fil-ħajja tagħna ta' kuljum li l-Mulej huwa tassew ħaj fostna.

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GĦAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# Ħidmiet il-Kunsill tal-Fontana f'din il-ħames leġiżlatura

**Jikteb Saviour Borg, Sindku tal-Fontana**

**F'din il-ħames leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Fontana li waslet fil-bidu tat-tielet sena tagħha, il-Kunsill ħa diversi inizjattivi b'risq il-lokalità tal-Fontana.**

**L-ewwel ħaġa li saret mal-ħatra ta' dan il-Kunsill, kien li saret il-manutenzjoni meħtieġa fuq il-proġetti u xogħlijiet oħra li twettqu mill-Kunsilli preċedenti. Wara dan tħejja programm ta' ħidma għal matul din il-leġiżlatura.**

### *Xogħlijiet infrastrutturali*

Saru l-pjanti għall-Ċentru Ċiviku, li tant għandna bżonnu għar-raġuni li l-uffiċċju preżenti hu żgħir ħafna u mhux aċċessibbli għal kulħadd. Dan qed ikun propost li jsir fi Triq tal-Għajn kantuniera ma' Triq ta' Mulejja bis-saqaf tiegħu jkun l-estensjoni taz-zuntier u l-"*playing field*". Wara li f'Marzu li għadda ġie approvat il-permess mill-MEPA, ħriġna l-offerta biex tkun tista' tibda l-ewwel fażi ta' dan il-proġett li tikkonsisti f'sala tal-komunità, latrini pubbliċi u "*multi-purpose room*". Għal dan il-għan intalbet id-devoluzzjoni ta' l-art lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex ikun jista' jinbeda x-xogħol kemm jista' jkun malajr.

Wara li l-MEPA, b'konsultazzjoni mal-Kunsill għal raġunijiet ambjentali, irrevediet il-pjanti f'tarf Triq ta' Mulejja, ħarġu l-permessi meħtieġa biex isir *Belvedere*



f'tarf din it-triq, biex tkun tista' titgawda l-veduta ta' Wied il-Lunzjata u dak tax-Xlendi. Għal dan il-għan il-Kunsill applika biex jingħata fondi mill-"*Urban Improvement Fund*" tal-MEPA, u din l-applikazzjoni ġiet aċċettata. Għalhekk dan il-proġett ser jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-MEPA li huma għad-dispożizzjoni tal-Kunsill.

### *Xogħlijiet ta' Restawr tal-Wirt Storiku*

Wara li ġew miksuba l-permessi meħtieġa mill-MEPA, sar ir-restawr tal-faċċata u n-niċċa tal-Għajn il-Kbira. Biex jiġu mħarsa aktar kemm l-Għajn il-Kbira kif ukoll l-Għajn ta' Bendu ser isiru C.C.T.V. Fl-istess inħawi ġie mnaddaf u mdawwal b'sistema ta' dawl elettriku xelter ta' żmien it-tieni gwerra dinjija. B'konsultazzjoni mal-MEPA qed isir ir-restawr tan-niċċa tas-Salvatur li tinsab quddiem il-knisja parrokkjali tagħna. Din in-niċċa storika ġa kienet teżisti qabel il-bini tal-Knisja, tant li kienet issirilha l-festa kemm bil-banda kif ukoll il-logħob tan-nar. Hemm il-ħsieb ukoll li niċeċ oħra jinżammu fi stat tajjeb.



### *Informazzjoni lill-Pubbliku*

Saret "*Website*" dwar il-Fontana, kif ukoll beda joħroġ fuljett ta' "Tagħrif mill-Kunsill" kull sitt xhur fl-okkażjoni tal-Festa Titulari u tal-Milied u s-Sena l-ġdida. Sar ukoll *DVD* dwar il-lokal tagħna.

### *Ambjent*

Saru l-applikazzjonijiet lill-MEPA biex isir it-tindif u r-riabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi, dik il-parti li hija fil-konfini tagħna.

Biex isir passaġġ bi stil rustiku li jkun jgħaqqad in-naħa ta' fuq man-naħa t'isfel ta' Wied Sickel, kif ukoll biex

tiġi rranġata l-aħħar parti ta' Triq Għajn Tuta li twassal sa Wied il-Lunzjata. Din qed tiġi proposta li ssir biċ-ċangatura u l-ġebla tal-qawwi.

Tqassam ukoll basket taċ-ċarruta lil kull residenza tal-Fontana biex jintuża minflok basktijiet tal-plastik.

### *Edukazzjoni u attivitajiet soċjo-kulturali*

Ġie organizzat kors tal-kompjuter għal diversi kategoriji li kien sussidjat mill-Kunsill.



Bħala attivitajiet soċjo-kulturali, dik prinċipali hija ta' "Jum il-Fontana" li jaħbat fl-1 ta Diċembru, il-jum li jfakkar meta l-ewwel Kunsill Lokali ħa l-ħatra tiegħu fl-1993. F'dan il-jum wara quddiesa ta' radd il-ħajr issir serata kulturali fejn jingħata l-Premju ta' "Ġieħ il-Fontana", kif ukoll issir kompetizzjoni ta' pittura u komponimenti dwar il-Fontana. Matul dawn l-aħħar sentejn ingħatat spinta lill-ħarġiet soċjo-kulturali għal diversi kategoriji tant li saru 20 ħarġa kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Ta' min jgħid li dawn ikunu kollha sponsorjati mill-Kunsill biex jikber l-għarfien kulturali tar-residenti tagħna. Ġiet ukoll organizzata ħarġa ta' jum fi Sqallija f'Lulju li għadda. Dawn l-attivitajiet hu maħsub li jkomplu jsiru matul din is-sena li ġejja. Attività oħra li l-Kunsill kien wieħed minn "*sponsors*" ewlenin kien l-Oratorju il-"Qalb Ta Kristu" li ġie mtella' mill-Parroċċa fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji li saru fl-okkażjoni tal-mitt sena mill-konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali.



### *Xogħlijiet u Inizjattivi oħra*

Matul dawn is-sentejn ukoll saret tiswija kull fejn kien hemm bżonn fit-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, bil-"*hot asphalt*". Saru wkoll diversi bankini bil-"*Paving Blocks*", kif ukoll diversi sinjali tat-traffiku.

Fil-"*Playing Field*" fejn mhux ser tiġi żviluppata mill-ġdid sar apparat ġdid tal-logħob, kif ukoll dan l-aħħar ingħatat offerta biex isiru "*Safety Carpets*".

Ser isir ukoll xogħol ta' "*printed concrete*" fi Sqaq fi Triq tal-Għajn.

Biex l-isqaqien u t-trejqat ikomplu jingħataw stil rustiku qed isiru fanali bi stil antik minflok lampi eżistenti, b'hekk fi żmien qasir dawn ser ikunu kollha lesti.

Saru wkoll aktar minn ħamsin qasrija tal-ġebel li tqiegħdu f'diversi nħawi tal-Fontana, kif ukoll għamara oħra tat-triq.

Dwar xogħlijiet tad-dawl tat-toroq minbarra li ssir il-manutenzjoni meħtieġa saru oħrajn ġodda fosthom "*belisha lights*" maż-"*zebra crossing*" fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. F'din it-triq mistenni li ssir sistema ġdida tad-dawl permezz ta' fanali dekorattivi.

F'din il-leġiżlatura wkoll fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied beda jsir it-tiżjin fi Triq tal-Għajn, kif ukoll fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi.

Inizjattiva oħra li ttieħdet matul din l-aħħar sena kienet li fl-okkażjoni tal-Festa Titulari u tal-Milied l-anzjani li jgħixu waħidhom qed jingħataw mill-Kunsill l-ikla ta' nofsinhar. Dan il-ġest ġie apprezzat ħafna. Bħal ma stajtu taqraw għalkemm lokalità żgħira u bi ftit fondi, b'mod kostanti ttieħdu dawn l-inizjattivi kollha, tant li matul din is-sena d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħabbar li minn fost 22 Kunsill Lokali assesjati qal li l-Kunsill Lokali tal-Fontana għandu l-ogħla rata t'effiċjenza u li kompla tejjeb l-operat f'kull qasam li ġie assesjat fuqu.

**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar jew bl-email lill-Gozo Press *gozopress@onvol.net.*


**RAYMOND CEFAI**

***TAL-KELBA LTD.***

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532    Mob: 9949 3169**




### *Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja tal-Knisja*

Fil-qari oranti tal-Bibbja u fl-impenn ta' ħajja li joħroġ minnu, jinsab is-sigriet taż-żogħżija li qatt ma tieqaf tal-Knisja, qal Benedittu XVI. Dan nifhmuh mit-tagħlim ta' Origene Alessandrin, li tkellem dwaru l-Papa fl-udjenza ġenerali ta' l-Erbgħa, 25 ta' April 2007, li fiha ħadu sehem aktar minn 25,000 ruħ fi Pjazza S. Pietru.

Barra minn hekk, bil-pubblikazzjoni tal-*Lineamenta* bi tħejjija għall-Assemblea Ġenerali tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet tal-2005, is-Santa Sede varat fis-27 ta' April 2007 konsultazzjoni mondjali dwar il-Kelma ta' Alla. Infatti, is-suġġett ta' l-imsemmi Sinodu se jkun: "Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja".

### *Sinjali pożittivi minn 'survey' fl-Italja*

It-Taljani għadhom jgħidu li huma Kattoliċi. Dan jistqarru, forsi b'xi ftit eżitazzjoni, *survey* Demos-Eurisko, ikkummissjonat mir-*Repubblica*. Għalkemm it-titlu mal-ewwel jiġbed l-attenzjoni għal "le" għall-'indħil' min-naħa tal-Knisja, jekk wieħed imbagħad jaqra fil-paġni ta' ġewwa jiskopri li 86.4% tal-popolazzjoni tistqarr li hi Kattolika u li 88 % - u 75 ta' dawk li ma jipprattikawx - iżommu bħala importanti li tagħti lill-ulied edukazzjoni kattolika. F'paragun ma' *survey* simili tal-2004, dawk li jaċċettaw id-divorzju naqsu fi tliet snin minn 62.4 % għal 55 % u rigward l-abort minn 29.7 % għal 23.4 %.

### *Aktar minn 11,000 saċerdoti lura għall-ministeru*

Fl-aħħar 30 sena aktar minn 11,000 saċerdot, wara li kienu telqu l-eżerċizzju tal-ministeru saċerdotali, imbagħad irritornaw biex jeżerċitawh, skond ma rrivelat *La Civiltà Cattolica*. Id-Direttur ta' din ir-rivista, il-Ġiżwita Gianfranco Salvini, skond indikazzjonijiet li waslu l-Vatikan mid-djoċesijiet, mill-1964 sal-2004 telqu l-ministeru 69,063 saċerdoti. Mill-1970 sal-2004, 11,213 irritornaw għall-ministeru tagħhom. "Hu fenomenu ta' rilevanza pastorali notevoli, li juri wkoll it-tieba' tal-Knisja", spjega s-saċerdot Ġiżwita. Rigward il-proporzjon ta' tluq tas-saċerdoti, ir-rivista fissret li llum dan m'huwiex paragonabbli ma' dak tas-snin Sebgħin. Tgħid li mill-2000 sa l-2004, kull sena, il-medja ta' dawk li abbandunaw is-saċerdozju kien 0.26% tas-saċerdoti.

### *Il-ġuf ta' l-omm sar l-aktar post perikoluż għall-ħajja*

L-Isqof Rodrigo Aguilar Martinez wissa li bl-liġi l-ġdida li tillegalizza l-abort, il-kapitali tal-Messiku qed tagħmel il-ġuf "li għandu jkun l-aktar post sigur fil-ħajja", l-"aktar post perikoluż" għal dawk li għad ma tweldux. Huwa ħadha kontra l-leġiżlaturi li fissru l-abort "b'daqqa waħda ta' pinna" bħala "l-interruzzjoni tat-tqala wara t-tnax-il ġimgħa tal-ġestazzjoni". Huwa nkoraġġixxa n-nies jieħdu ritratti u vidjos ta' dawk li għad ma tweldux tul l-ewwel trimestru u jaraw huma stess li dak li jinsab fil-ġuf m'huwiex xi "dudu" jew "żrinċ" imma "esseri uman".

### *Il-vokazzjonijiet saċerdotali fl-Ingilterra u Wales jiżdiedu*

Il-Knisja Kattolika fl-Ingilterra u Wales ħarġet statistiċi li juru li, għar-raba' sena, żdied l-għadd ta' dawk li daħlu s-seminarju. Fl-2003, in-numru kien 28; is-sena li għaddiet dan żdied għal 44, u b'hekk in-numru totali ta' rġiel jistudjaw għas-saċerdozju għad-djoċesijiet ta' l-Ingilterra u Wales sar 150.

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -154

Riċerka ta' Joseph Bezzina

© 2007

# Il-Paga ta' Ġurat

**Id-dokument numru mija u erbgħa u ħamsin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu l-ħlas tal-paga lit-teżorier ta' l-Universitas, il-persuna responsabbli mill-amministrazzjoni finanzjarja ta' l-Universitas. Il-ħlas kien awtorizzat nhar is-17 ta' April, 1707. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530-1798), manetta (1706-1707), folju 22v (NAG, UG, *Acta,* 9/1706-1707, f. 22v).**



Din hi traskrizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni tal-ħlas:

***Signore Notaio Aloysio Grech, giurato e tesoriere, di questa Università del Gozo ritinerete in nostro potere Scudi trenta di moneta; mi si devono per nostro salario di un anno incominciato il primo settembre ultimo passato da finirsi l'ultimo agosto prossimo venturo, cioè Scudi cinque come giurato e Scudi venticinque come tesoriere; mi da detta Università per nostro trattenimento, quali vi si fanno boni nei nostri conti, li 17 aprile 1707.***

Din hi l-ewwel darba li sibt il-paga ta' ġurat u ta' teżorier irreġistrati b'mod daqstant ċar. L-Università ta' Għawdex normalment kien ikollha tliet ġurati. Jista' jinzerta li f'xi sena minnhom, wieħed jiltaqa' ma' erba' ismijiet. Dan jiġri għax xi wieħed mill-ġurati kien jispiċċa, jirriżenja, jew imut u jilħaq ieħor floku. Il-kap ta' l-Università kien il-Gvernatur. Dan, milli wieħed jista' jaqbad mid-dokumenti li għandna, kien jattendi biss meta jkunu diskussi materji importanti.

L-Università kien forma ta' gvern reġjunali għal Għawdex. Kien responsabbli, fost l-oħrajn, għażżamma tajba tal-ħitan taċ-Ċittadella, tat-torrijiet madwar il-kosta ta' Għawdex, ta' l-iġene fis-suq, u ta' l-indafa tat-triqat. Obbligu importanti ħafna kien dak li tipprovdi l-qamħ u x-xgħir minn barra għall-ħtiġijiet tal-Għawdxin.

Tliet mit sena ilu, fis-sena 1707, il-ġurati kienu n-Nutar Aloysio Grech, imsemmi f'dan id-dokument, Salvatore Tonna-Pontremoli, Paolino Caruana, u Giovanni Zammit. Il-Gvernatur ta' Għawdex kien Fra Giacinto de Montfort, kavallier tal-lingwa ta' Alvernja.

Dan id-dokument jixhed li l-ġurati kienu jagħmlu dan ix-xogħol b'mod volontarju - l-istess bħalma jagħmlu l-kunsillieri fil-Kunsilli Lokali ta' żmienna. Kellhom madankollu onorarju żgħir ta' ħames skuti (€0.97) fis-sena. L-onorarju hi għotja żgħira li tingħata lil xi ħadd b'sinjal ta' apprezzament għal ħidmietu.

L-Università ta' Għawdex, permezz ta' dan id-dokument, qiegħda tawtorizza lin-Nutar Aloysio Grech, ġurat u teżorier tagħha, biex jieħu għalih nnifsu s-somma ta' tletin skut (€5.82). Din kienet il-paga tiegħu ta' sena mill-1 ta' Settembru, 1706, sat-31 ta' Awissu, 1707. Ħames skuti (€0.97) kienet il-paga jew aħjar l-onorarju tiegħu bħala ġurat; ħamsa u għoxrin skut (€4.85) kienet il-paga tiegħu bħala teżorier.

Din kienet paga tajba għal dak iż-żmien għax in-Nutar ma kienx igħaddi jum sħiħ f' dan ix-xogħol, kien għalih xogħol *part-time*. Il-kumplament tal-jum kien igħaddih jaħdem bħala nutar.

***Nota: Lm1 = 12-il-skut = 2.33 Ewro. Għalhekk 1 skut = € 0.194***

*Għawdxin li għadna niftakru - 43* *Minn Pawlu Mizzi*

# MARIROŻ IL-MAJJISTRA

Lil din Mariroż, ma naħsibx li kien hemm familja li ma kinitx tafha lejn Fuq it-Tomba, ir-Rabat. Aħna konna nsibuha bħala 'il-majjistra'. U dawk ta' fejn San Ġorġ tal-Ħaġar, 'ta' QarabOċċu', kif kienu jafu lil missierha. Għalina t-tfal kienet sempliċement Mariroz u b'hekk jien bqajt niftakarha sa ma mietet.

Jien dejjem bl-għonella rajtha. Imm' hi kienet aktarx mara xiplija. Min jafha sew jgħid li kien qisha miżwet. Kulfejn sejra dejjem eleganti. Ġakketta sewda, magħluqa sa l-għonq bi tberfila tal-bizzilla miegħu, u dublett twil sa għarqub saqajha. Kważi tkaxkar ma' l-art. U b'bagalja żgħira ta' l-injam f'idha l-leminija, mgħottija taħt għonnella! Tħares lejha kienet iġġiblek suġġezzjoni!

Lili hi wellditni.

Nistħajjilha qaltilha lil ommi dak inhar kif semgħetni nwerżaq l-ewwel tweżiqiet: '*Tifil ijħur, Reġejn!*'

U ommi - dak iż-żmien ftit ikbar minn tifla - għajjiena u bla saħħa, titbissmilha, u bla ma tkellimha tweġibha b'sinjal b'rasha. U wara, tħares lejha, u minn taħt l-ilsien tgħidilha: '*Iwa! Iwa!*'

U bħali, min jaf lil kemm oħrajn kienet welldet, din Mariroż. Eluf, 'k ikolli ngħid! Mhux faċli li tagħmel kalkoli. L-iktar jekk tgħodd dawk li kienu jitwieldu l-isptar. Terġa' barra minn hekk, il-majjistri (hekk konna ngħidulhom, mhux qwiebel) kienu *free-lance* u kull waħda kellha ċ-ċirku soċjali tagħha fejn isservi. Ma kienx faċli għal waħda li kienet isservi f'ċertu settur tmur isservi f'settur ieħor. Kollha bil-klijentela tagħhom. Bi ftit immaġinazzjoni matematika, imma, nasal ngħid li din Mariroż f'ħajjitha serviet f'xi ħamest elef ħlas.

Skond il-*Blue Books* tas-snin għoxrin u tlietin it-twelidijiet fir-Rabat u fl-ambjenti ta' madwaru kellhom medja ta' xi 128 fis-sena. Il-biċċa l-kbira tagħhom - jekk jinqatgħu l-ftit li kienu jsiru fl-isptar - kienu isiru mill-erba' majjistri li kien hemm fl-aħħar tat-tletinijiet, Marija taċ-Ċiċra, Marija tal-Pejla, Ġuża Dimech u Mariroż Gatt. Nikkalkula, għalhekk, li minnhom Mariroż serviet ta' l-inqas kwart.

Id-dar tagħna kont naraha ġejja u sejra. Min jaf kemm-il darba kull sena. Qatt ma kont indunajt għaliex. Kienu jibagħtuna għand iz-zija. U ftit wara kienu jgħidulna: 'Għandkom tifel!' Jew: 'Għandkom tifla!'

Meta kellna 'l Doris - is-seba' waħda fost ħuti - kont staqsejtha liz-zija: 'Dawn it-tfal min qed iġibhomlna?'

U z-zija kienet pronta qaltli: 'Mariroż! Fil-bagalja tagħha!'

U għadda ż-żmien u hekk bqajt naħseb. Li Mariroż kienet iġġibhomlna t-tfal! U kbirt u sirt *teacher* u l-bagalja ta' Mariroż baqgħet ma marritx minn moħħi.

Mbagħad iżżewwiġt u nsejtha l-istorja tal-bagalja ta' Mariroż. Darba, imma, ħafna snin wara kont qed nagħmel il-ktieb ta' Rita Borg Xuereb *Ħajja Ġdida,* u din l-imbierka bagalja ta' Mariroż reġgħet ħabtet ma' moħħi!

U ma' kull tpinġija f'dan il-ktieb kont niftakar u nitbissem.

Kien ktieb kollu stampi. Wieħed mill-isbaħ li qatt ħriġt fil-Klabb Kotba Maltin. Għax jgħallem. U, għal min bħali ftit kien jaf fuq il-ħajja, kien iqalleb fih, u jsib it-tweġiba għal kull mistoqsija li seta' jagħmel. *Text-book* fil-veru sens tal-kelma. Mill-konċepiment sat-twelid. It-tqala xahar b'xahar.

Niftakar l-ewwel darba li ħriġnih fil-Fiera tal-Ktieb ta' l-1992 ma kienx hemm student jew studenta mill-iskejjel sekondarji li ma ġewx fetħuh. U ħadt gost inwieġeb għal kull domanda li kienu għamluli. Waħda biss qaltli b'ton ċiniku: 'Mela mhux bil-vapuri ta' Oliver Friggieri jiġu t-tfal, ser?!'

Issib, tassew, min ma japprezzahiex il-ħajja. Tisma' bi stejjer li jkexkxuk! Stejjer tal-lum u tal-bieraħ. Għalhekk nemmen li xogħol il-majjistra hu iktar soċjali milli para-mediku. Il-mara li titqal jeħtieġ min jgħożżha u mhux min jistmellha. Tistenna min jgħejnha u mhux min jagħmlilha tieqa fl-isptar biex meta twelled ma tistħix. Illum, ħames mitt sena wara l-esperiment tat-tieqa ta' Santu Spiritu, għamilna l-kliniks, u ħafna trabi qegħdin jintremew barra fil-kaxxi tal-kartun jew fil-landi taż-żibel...

Niksaħ naqra l-istejjer!

U iktar ma naqra, iktar inbierek l-idejn ta' Mariroż li tant refgħet trabi b'imħabba.

Veru li fl-imgħoddi l-majjistra ma kenitx daqshekk stmata. Fl-1598 Bennarda Micallef - l-ewwel majjistra li nafu biha fl-istorja - ġiet mitfgħuha l-ħabs għax ma wellditx tarbija sewwa minn saqajha. Fl-1774 l-isqof Alpheran de Busan issospenda għadd ta' majjistri għax ma kinux jafu jgħammdu t-trabi sewwa bir-rit tas-sagrament skond is-Sinodu Malti. U fl-1871 ir-rivista medika *Il Barth* stqarret li 'l-majjistri huma tant injoranti li lanqas jafu l-prinċipji elementari tal-mediċina'.

Bdew jiġu mgħallma b'mod professjonali fis-seklu XIX. L-ewwel *lectures* saru bejn l-1804 u l-1806. Kien kors bit-Taljan għall-ewwel u kien organizzat mit-Tabib Francesco Butigiec. Bħalu kienu jsiru korsijiet fl-Ingilterra, Franza u l-Awstrija. Fl-1883 il-Professur S.L.Pisani kiteb *textbook* bil-Malti *Ktieb il Qabla.* Kien fih sittax-il taqsima, fosthom fuq l-anatomija, il-konċepiment, it-tqala, il-ħlas, il-kura ta' wara l-ħlas, u t-twelid b'operazzjoni ċesarja. Fl-1896 il-Professur Schembri reġa kiteb ukoll bil-Malti *Tagħlim għal-istudenti ta l-iskola tal kwiebel ta l-Isptar Centrali.* Kien ktieb iktar aġġornat minn ta' qablu u b'istruzzjonijiet li uħud minnhom baqgħu jiġu segwiti fl-Iskola tal-Qwiebel fl-1915. Wara, fl-1918, kienu ġew inklużi fir-'*Regulations Respective Midwives*'.

Ħasra li bejn l-1915 u l-1937 tfajliet minn Għawdex għal dan il-kors ma kien attenda ħadd. Kien dak iż-żmien ta' bejn iż-żewġ gwerer dinjija. Il-qgħad, l-għoli fil-prezz tal-ħobż, l-inkwiet politku, u l-pagi baxxi kienu żiedu ma' l-ispejjes li kellu l-ħaddiem Għawdxi f'Malta. Terġa', barra minnhekk, ħadd ma kien jieħu gost jorqod għat-tul 'il bogħod minn daru. La l-Għawdxin u lanqas il-Maltin. Fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex bejn l-1925 u l-1935 kien hemm isservi ċerta Franċeska Sultana. Wara li ħarġet ma setgħetx tinstab oħra

flokha. U biex ġiet Caroline Coperstone minn Malta kienu offrewlha £30 extra biex tħallas il-kera tad-dar fejn toqgħod. Mn'Alla li fl-1937 inbdew il-korsijiet f'Għawdex għall-Għawdxin għax kieku ma kienx ikollna majjistri bħal Ġorġa Tabone, Ġuża Formosa, Liberata Schembri u Tonina Scicluna.

Meta darba kont qed ngħidlu din l-istorja lil Dun Tarċis ta' Mariroż, qalli: '*Mux aġip lej lil ummoj ftejt kint naruwa!*'

Konna Marsalforn dak inhar. Għand iċ-Ċajċ għall-ikla tas-sena. Fix-xitwa, dik il-ħabta tal-Milied. Ħliefna ta' l-Oratorju Don Bosco kważi ħadd. Ma ninsihomx dawk l-ikliet. Konna nkunu qisna f'refettorju tal-patrijiet. Niċċajtaw, imma nitkellmu fuq kollox. Tijatrin, futbol, fuq in-nies. Fuq kollox. Dak inhar kellna lit-tabib Cachia Zammit u d-diskors waqa' fuq il-folklor tal-mediċina. Tradizzjonijiet tat-tqala u l-majjistra ta' l-imgħoddi b'mod partikolari. Semmejna l-qabar ta' San Kerrew li hemm il-Qala fil-knisja tal-Kunċizzjoni, fost affarijiet oħra. U kemm nies kbar kienu jżuruh b'marthom u b'uliedhom.

Qalli t-tabib: 'Aħna Malta għandna l-kappella tal-Ħlas. 'Il barra minn Ħal Qormi, lejn Ħaż Żebbuġ!' U baqa' jirrakkonta kemm kellha devozzjoni min-nisa waqt it-tqala. 'Minn żmien żemżem!' qalli. 'U tgħidx kemm hemm tpinġijiet *ex-voto!*'

Ma nsejtx dawk ir-rakkonti tiegħu. U darba nzertajt qrib il-kappella u dħalt naqta' l-kurżità ta' dawn l-*ex-voto*. Tassew interessanti. L-eqdem wieħed tas-seklu XVII. Rajthom, flejthom u erġajt dħalt rajthom. Sa artiklu kont ktibt wara fuq dik il-kappella.

Kappella dedikata lil Santa Marija. Mibnija fl-1560 u jgħidulha 'tal-Ħlas' minħabba li fil-post kien hemm kappella oħra dedikata lill-*Madonna della Libertà*. Fl-1690 kienet reġgħet inbniet fuq disinn ta' Lorenzo Gafà. Minn dak li kien hemm qabel, tħalliet il-kappella l-qadima bħala sagristija u magħha żdiedet il-knisja l-ġdida u ċ-ċimiteru.

Għaliex issejħet 'tal-Ħlas' ma nistax ngħid. Il-kelma 'ħlas' ġejja mill-verb 'ħeles', (bl-Ingliż '*to set free*'). Imma hekk ukoll in-nom l-ieħor 'ħlis'. 'Ħlas' ngħiduha għal meta mara teħles minn tqala, bl-Ingliż fid-'*del5very*'; waqt li 'ħlis' nużawha għal 'liberazzjoni'. Il-Madonna tal-Ħlas mhix il-Madonna tal-Ħlis. Ta' l-ewwel bit-taljan hi '*La Madonna del Parto*' u tat-tieni '*La Madonna della Libertà*'. Ma jidhirx li t-tnejn għandhom x'jaqsmu. Ix-xbiha tal-*Madonna del Parto* turi filfatt Madonna bilqiegħda fuq siġġu żżomm il-Bambin Ġesù fuq ħoġorha jħares 'il barra donnu qed jagħmel is-salib.

'*Almitni sew ommoj!*' qallhom Dun Tarċies lil ta' maġenbu. '*Alek kinit tħebbew lil Sant Antnojn bel Bambojn fidew!*'

U Dun Tarċis kif kont tatih il-ħabel ma kienx jieqaf. '*Ankej fuk iddor tane, finniċċe ta teħt lapramurta, puġġit vura tijew!*'

Ftaħt widnejn daqsxiex dak il-ħin. Kont ilni bil-ħerqa biex inkun naf kif u mnejn ġiet dik l-istatwa ta' Sant Antnin u min kien għamilha. Qal li kienu ġabuha minn Malta. Min għamilha, iżda, ma kienx jaf. Qalulhom, imma, li xi darba kienet fil-faċċata tal-kappella ta' Forti Manoel.

*'Lilew jew lil San Rajmundu kinit titlup mite kinit tmor ant innis. Kinit tixel xama kuddim issanta tijew u kabil tintife el-mara tkun ħelsit, kompla jirrakkonta Dun Tarċies'.*

Kien nervuż. Alla ħares tmerih. Jew tgħid xi ħaġa li ma ddoqqlux. *'Flaħħar ta ħajjite, imme, kinit kabdut ma San Domenico Savio. Kinu aadim lakkas amlewh bijutu.'*



*San Domenico Savio ma' ommu Brigida u oħtu ż-żgħira Teresa*

U qalilna l-istorja ta' Domenico Savio.

'*Dok darba ummuw kinit sa tixtrej u ew kin ket jilap l-Oratorju. Fdakka minalejħ samaħħa tajjatlow. Ikkunfunda imme ma stennix. U telek jiġrej iddor u suba fuwk essidde mitlufe bluġeħ bel majjistre ħdejje. Ajtula u ftejt wara kellim tifle.*'

Father Mangion tbissem. U bis-soltu ton diplomatiku tiegħu qallu: 'Kif kienet l-istorja sew ma nafx! Imma, bejn wieħed u ieħor hekk kienet!'

'*Marirus, imme, ekk kalitili,*' kompla Dun Tarċis. '*U dejk kinit tufum listejjir teħħim.*'

L-għada Father Mangion ġabli santa ta' San Domenico Savio bl-istorja u t-talba tiegħu. U tani labtu tiegħu ukoll. 'Dan,' qalli, 'atih lil Maria tiegħek għax lil San Domenico Savio f'Torin jgħidulu: '*Il santo delle culle e delle mamme*' u hawn b'riħiet Mariroż sa jkun magħruf 'Il-qaddis tal-ħlas it-tajjeb'.

Xerridtu, kif qalli, ma' kulmin kont naf. Nisa tqal u mhumiex. U x-xnigħa dwaru ġriet u ħafna spiċċaw b'wiċċ il-ġid. Mara waħda qaltli li kienet fl-*operation theater* meta t-tabib induna li sa teħles mingħajr intervent mediku. U oħra qalet li minkejja li t-tarbija tagħha kienet *breach* il-majjistra rnexxielha, grazzi għal San Domenico Savio, tgħinha biex twelled b'mod naturali.

Ma stajtx ma nsemmix lil San Domenico Savio. U lanqas ninsa lil Mariros. Jew il-bagalja tagħha. Inħossu ta' ġieħ għalija li nfakkarhom. U magħhom lil tant idejn oħra li laqgħuna lkoll, lili u lilek, u li f'dawk l-ewwel mumenti ta' ħajjitna għenuna nħossu l-għożża u l-imħabba!

**Dwar kif kienet l-istorja ta' San Domenico Savio wieħed jista' jaqra f'ħarġa oħra. Magħha naghtikom it-talba li tingħad waqt it-tqala kif ukoll tagħrif dwar il-labtu li għandhom jilbsu n-nisa waqt il-ħlas.*

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# Kan. Franġisk Mercieca (1805-1872)

## 4. X'qalu fuqu diversi li kienu jafuh

**Ser inġib xi siltiet minn dak li qalu diversi persuni li kienu jafuh. Ma huwiex possibbli li nġibuhom b'mod sħiħ, kemm peress li diversi tkellmu fuqu u kemm minħabba l-qosor ta' l-artiklu.**

***Dun Ġużepp Diacono, Arċipriet tax-Xagħra:***
Kien bniedem kollu umiltà; ma kellu assolutament xejn vanaglorja u amor proprju. Kien jimxi ma' kulħadd bl-akbar ħlewwa possibbli u kien iġib ruħu b'paċenzja kbira mal-midinbin, għalkemm kien juża serjetà kbira ma' dawk li kienu jittraskuraw li jirċievu s-sagramenti tal-qrar u tat-tqarbin. Kien jilbes dejjem ilbies mhux biss l-aktar diċenti, imma anki ta' ftit flus. Mhux biss kien joqgħod f'dar li kienet miżera żżejjed għal wieħed li kien kanoniku u speċjalment għal wieħed li kellu f'idejh il-kura ta' l-erwieħ bħal ma kien hu, imma kien anki jżommha dejjem miftuħa għal kull xorta ta' nies anki dawk l-aktar fqar; anzi kien jieħu pjaċir joqgħod ma' dawn milli ma' oħrajn.

***Dun Ġwann Camilleri, Arċipriet tan-Nadur:***
Din il-ħeġġa mbagħad kienet tidher fis-sbuħija kollha tagħha fil-priedki li kontinwament kien jagħmel, priedki li fihom aktar kienet titkellem il-qalb. Hu kien jaf tant tajjeb jaqsam il-ħobż tal-kelma divina lill-fidili, partikularment fi żmien l-eżerċizzi, b'tali mod li l-poplu dejjem kien imur jisimgħu bi ħġaru u kont tista' tmiss b'idejk il-ġid immens li kien jagħmel.

***Dun Bartilmew Busuttil, kappillan taż-Żebbuġ:***
Rigward il-predikazzjoni, kien l-Appostlu ta' Għawdex. Fil-parroċċa tiegħi ffirmat hawn taħt ippriedka paneġiriki u priedki morali, xi wħud minnhom bla ma tħallas. Kien mimli ħeġġa, tant kien mixgħul biż-żelu ta' Alla li kien ikun magħruf li ser jippriedka, in-nies kienu jimpikaw bejniethom biex jisimgħuh. Kull fejn kien jippriedka, kien mismugħ bi ħrara minħabba l-ħeġġa tiegħu. Kien assidwu fil-kunfissjunarju. Kienu jitgħaġġbu kemm kien jissaporti tul ta' ħin jisma' l-qrar ta' rġiel u nisa. In-noti tal-prudenza u ta' l-umiltà tant kienu jsebbħuh li kien jittieħed bħala mudell.

***Modesta, armla ta' Mikelanġ Pace, xehdet dan:***
U meta laqtitni l-kolera fl-1837 (l-ewwel darba li din il-marda dehret f'Għawdex), peress li hu kien viċiparroku, ġie jassistini u għamilli l-Griżma tal-Morda. Kien jiġi kuljum jarani ... Iż-żelu tiegħu deher b'mod speċjali fl-okkażjoni meta faqqgħet fostna l-marda li semmejt. Hija ħaġa li ma titwemminx, il-biża' li ġab f'kulħadd, il-flaġell terribbli, peress li kienet l-ewwel darba li deher fil-gżira. Iżda hu, bla biża' u kollu fiduċja fl-għajnuna ta' Alla, flimkien mal-mejjet Kanonku Dun Franġisk Saver Formosa, li dik il-ħabta kien sempliċi saċerdot bħalu, inxteħet b'ruħu u ġismu biex jassisti lil dawk milquta mill-marda u offra ruħu għall-ħtiġijiet kollha tagħhom, filwaqt li għamilha, biex ngħid hekk, ta' tabib u ta' serv. Jien li kont noqgħod, kif għidna, fi Triq il-Konservatorju, wara l-Kunvent ta' San Franġsik, kont narah b'għajnejja stess lejl u nhar jakkompanja l-kadavri saċ-Ċimiterju u b'tant kuraġġ li kulħadd kien jibqa' mgħaġġeb meraviljat.

***Ġużeppa, mart Pawlu Borg:***
Kien saċerdot imfaħħar minn kulħadd għaż-żelu tiegħu tant fil-predikazzjoni kemm fil-qrar, kif ukoll fil-mod kif kien joffri ruħu għal kull ħtieġa tal-proxxmu; kull ma kien jagħmel, kien jagħmlu għall-glorja ta' Alla. Kien iqum kmieni biex iqaddes u mbagħad joqgħod iqarar fil-knisja ta' San Ġorġ u f'dik filjali ta' San Ġakbu. In-nies kollha kienet tmur meta tkun taf li ser jippriedka hu; hekk ukoll kienu jħossu ruħhom ixxurtjati dawk li kien jirnexxilhom iqerru għandu ...

Jalla nimxu fuq il-passi tal-Kan. Franġisk Mercieca speċjalment fl-għajnuna lil min huwa fil-bżonn.

*(Din is-sensiela ta' artikli fuq il-Kan. Franġisk Mercieca kienet msejsa fuq il-ktieb ĠAWHRA MILL-GĦASRI, ta' Mons. Anton Gauci, Għawdex 1988).*

***Angelo Xuereb***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

**LETTERATURA GĦAWDXIJA** *Esej u Poeżija*

# MEJJU U L-OMM FIL-POEŻIJA

*minn* **Dun Anton Dimech**

Fix-xahar ta' Mejju niftakru fl-iktar persuna għażiża li għandna - l-omm. Min qatt jista' jinsa lil ommu? Naturalment daqs kemm l-omm tista' tinsa lil uliedha... Is-sens matern huwa mfakkar minn Kristu meta xebbah il-ħsieb tal-Missier lejn il-bnedmin mal-kura ta' l-omm lejn uliedha.

Għall-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila, l-omm hija misteru ta' ħlewwa u virtù :

*"Omm... xi ħlewwa, xi tjieba ta' isem!*
*Omm... il-kelma tal-faraġ fil-hemm,*
*Omm... il-kelma tal-ħniena fil-ħtija,*
*Omm... il-kelma li trażżan id-demm."*



Hija grazzja li mara tkun omm u tkun il-gwida tajba għal uliedha. L-istess poeta Dun Karm ifakkar b'għożża kif ommu mexxietu fit-triq lejn is-saċerdozju wara li ħejjietu għall-ewwel tqarbina :

*"... ... ...Fik, anġlu ta' mħabba*
*omm għażiża, ftakart li, minn kif nibtet*
*il-fehma f'moħħi, nissilt f'qalbi x-xewqa*
*ta' dan il-Ħobż, u forsi kienet il-bidu*
*ta' l-oħra li wasslitni fil-quċċata*
*ta' l-artal ta' Ġesù."*

Il-poeta Ġorġ Borġ ipoġġi wkoll lil ommu bħala ewlenija fost il-bnedmin. Għall-'Bejjiegħ tal-Gazzetti',

*"min ma jixtrix ma jeżistix... ... iżda ommu d-dar;*
*għalkemm ma tixtrix u ma taqrax, għalih hi kollox."*

Ninu Cremona wkoll jurina l-għożża kbira li għandu jkollhom l-ulied lejn ommhom meta din tinsab marida. Missierhom jgħidilhom :

*"Itolbu għal ommkom f'raqda midfuna:*
*- Ġesù, Ġużeppi, Ommna l-Għażiża,*
*magħna żommuha."* .

**Omm Oħra**

Mejju jfakkarna f'Omm oħra - dik li nsejħulha l-Omm ta' l-Ommijiet - l-Imqaddsa Verġni Marija. Ix-xahar tal-Madonna jqanqal fina l-għożża marjana li tifrex għeruqha fil-ħajja tas-soċjetà Maltija. Il-poeżiji marjani huma bla għadd. Inġibu ftit biex nifirxu l-ħsieb matern anki fid-devozzjoni marjana. Anton Buttiġieġ jitlobha biex tgħinu jiktbilha l-isbaħ vrus :

*" Għinni biex xewqti sseħħ, ngħannik il-Ġawhra*
*fil-mantâr t'Alla li jgħattik bħal star,*
*Verġni u Omm li ebda dnub ma tabba'."*

Xi ħlewwa ta' l-iben li jserraħ rasu fi ħdan Ommu Marija! Il-Kan. Dun Ġużepp Mejlak, jgħid li kull fil-għaxija:

*"immidd rasi fuq qalbek u nħossha*
*għax imnikkta qed tħabbat sħiħ."*

Bħal kull bniedem ieħor, kull wieħed minna jħoss il-piż kiefer tal-ħajja l-iktar fil-mard. Min jintlaqat minn xi mard qalil ma jistax ma jiftakarx il-versi tal-poeta Rużar Briffa meta f'isem l-imġiddem jistqarr lill-Madonna :

*"Ma stmerrejtx*
*Inti l-imnikket ġewwa darek,*
*'Mma tbissimt minn fuq artalek,*
*Kollok ħlewwa, kollok ħniena,*
*Serraħt Int il-qalb għajjiena."*

# IS-SLIEM GĦALIK, MARIJA

*mill*-**Kav. Joe M. Attard**



Meta nitfa' ħarsti fuqek
Kemm inħossni nieħu r-ruħ;
Min qatt jista' lili jmieri
Fik il-faraġ insibuh.

Inti kont li sa mill-bidu
Lis-serpent Int sħaqt b'riġlejk,
Mal-Missier mill-ġdid ħabbibtna
U qarribtna iktar lejk.

Ibnek lilek tana b'ommna
Qabel miet fuq is-salib
Biex jifdina u jsalvana -
M'hawnx aqwa minn dal-ħabib.

Minn ġon-nieqa sa ġol-qabar
Lil Ġesù ma ħallejt qatt;
Lilna wkoll titlaqx Marija
Lilek ma nibdluk ma' ħadd.

Int nissilt ħielsa mill-ħtija
Dana kien ta' Alla l-pjan;
L-infern triegħed, beża', tkexkex,
Twerwer, tilef ix-xitan.

Bħala wliedek, aħna lilek,
O Marija, inħobbuk,
Minn filgħodu sa fl-għaxija
Aħna rridu nqimuk.

Int Marija l-"mamma" tagħna,
Żommna miegħek, dejjem ħdejk;
Meta nkunu sejrin nogħtru
Titlaqniex minn taħt għajnejk!

**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# "FIS-SKIET U L-ĠABRA"




***tal-Kan. Joe Mejlak***

Wara ġurnata xogħol u strapazz, ħafna drabi l-bniedem iħoss li għandu jerfa' ħsibijietu 'l fuq lejn il-Ħallieq u jirringrazzjah ta' dik il-ġurnata. Il-Kan. Joe Mejlak għadu kemm ħareġ daqsxejn ta' ktejjeb biex jgħin lill-bniedem sabiex jilħaq dan il-għan. Il-ktieb stampat b'mod pulit ħafna għand il-BCD Printing ta' Victoria, jismu Fis-Skiet u l-Ġabra u jiġbor fih għadd sabiħ ta' ħsebijiet għal tmiem il-jum. Il-kanonku, li huwa magħruf wkoll għall-poeżiji u d-drammi tiegħu jagħtina f'din il-pubblikazzjoni tiegħu numru ta' *essejs* qosra, biex insejħilhom hekk dwar suġġetti varji bħal ngħidu aħna: l-Għira, il-Ġudizzju, il-Korrezzjoni, l-Ottimiżmu, is-Solitudni, il-Kalunja, il-Bruda, l-Iskrupli u oħrajn.

Jiena ċert li dan il-ktejjeb jgħin lil dak li jkun biex jagħmel riflessjoni tassew f'postha qabel imidd rasu fuq l-imħadda għal lejl ta' mistrieħ. Hija pubblikazzjoni tajba u addattata għall-membri tal-familja kollha u li tiswa ħafna iktar mill-ftit flus li tħallas għaliha. Tinkiseb mill-ħwienet ewlenin tal-kotba kif ukoll mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Knisja ta' San Ġorġ, jew mil-"Lumen Christi Bookshop", fil-Victoria.

# "COUNTRY WALKS"

***ta' Dr. Mario Saliba***




It-tabib Mario Saliba, li issa ilu jgħix fin-Nadur għal dawn l-aħħar 25 sena, għadu kemm tana f'idejna pubblikazzjoni veru stampata *de luxe* mżewqa b'għadd sabiħ ta' ritratti bil-kulur dwar għadd ta' passiġġati li wieħed jista' jagħmel man-Nadur. L-ewwel edizzjoni ta' dan ix-xogħol kienet ħarġet madwar tlett snin u nofs ilu iżda kienet diġà nbiegħet kollha wara biss ftit xhur. Qabel ġie biex jerġa' jippubblika t-tieni edizzjoni tal-ktieb tiegħu, it-tabib Mario Saliba ġera ġirja man-Nadur u nnota li fir-raħal kien sar xi tibdil li ma setax iħallih għaddej bla ma wieħed jagħti kasu. Ngħidu aħna l-awtur innota l-bidla li saret fil-barriera tal-Qortin, ix-xogħol li issa tlesta fuq it-Torri Ta' Sopu, il-ħolqien ta' *belvederes* u monumenti ġodda, l-asfaltar ta' toroq ġodda, apparti l-fatt li kellu jirrevedi xi wħud mill-passiġġati għal raġunijiet diversi.

Ċert li pubblikazzjoni bħal din għandha tissokta tgħinna nkomplu niskopru s-sbuħija naturali tar-raħal tan-Nadur iddedikat liż-żewġ pilastri tal-Knisja, San Pietru u San Pawl li jinsabu meqjuma f'waħda mill-isbaħ knejjes li nsibu f'Għawdex. In-Nadur hu magħruf għall-widien sbieħ tiegħu li jfuru b'ħafna frott frisk u bnin bħal tuffieħ u lumi, blat, bajjiet u raba' u ħitan tas-sejjiegħ tant pittoreski. Il-Maltin u l-barranin bla dubju f'pubblikazzjoni bħal din isibu l-għajnuna kollha biex jiskopru l-ġmiel u s-seħer tal-kampanja, bogħod mill-istorbju u l-għagħa tal-pass imgħaġġel tal-ħajja fil-bliet u l-irħula tagħna.

L-awtur ma jonqosx li jinkludi f'din il-pubblikazzjoni tagħrif ġenerali li jinkludi lista ta' Bars u Restoranti, fran u ħwienet tal-ħelu flimkien ma' lista ta' numri tat-telefon ta' postijiet importanti fin-Nadur kif ukoll is-servizz tal-*buses*. Il-ktieb huwa miktub bl-Ingliż għax l-awtur jemmen li llum il-ġurnata kulħadd jaf jitkellem bl-Ingliż anke l-ħafna barranin li jiġu jżuruna.

Jalla iktar persuni bħat-tabib Saliba jitħajru jiktbu dwar ir-raħal fejn joqogħdu biex b'hekk ikomplu jiftħu tieqa fuq il-lokal tagħhom għal dawk kollha li huma barranin u ġodda għall-bliet u l-irħula tagħna.

**Kav. Joe M.Attard**

Passiġġata Biblika - 26

*"Bħalma omm tfarraġ lil binha, hekk jiena nfarraġ lilkom..." (Is 66:13)*

# ĦARSA LEJN ID-DON TA' L-OMM FIL-BIBBJA

**minn Fr. Charles Buttigieg**

***L-Omm fil-Kultura Biblika***

Il-kultura tal-poplu Lhudi mqabbla ma' kulturi oħrajn semitiċi u pagani, għandha rispett kbir lejn id-dinjità tal-mara u fuq kollox lejn dik ta' l-omm (bil-Lhudi: *'em*; bil-grieg: *meter*). Il-familja li nsibu fl-Antik Testment hija waħda patrijarkali fejn hu l-missier li huwa l-kap tal-familja iżda r-rwol ta' l-omm huwa preżenti ukoll fil-familja lhudija. Fil-fatt l-omm kellha rwol importanti ħafna fil-ħajja familjari, b'mod partikulari fl-ewwel snin tat-trobbija ta' l-ulied, li huma l-iktar snin delikati fil-ħajja tal-bniedem. Anzi l-imħabba għat-tfal hi l-ikbar teżor tal-qalb għal kull omm fil-kultura biblika. L-omm bla tfal kienet ta' għajb kbir, u l-piż ta' din il-mistħija kollha kien jaqa' dejjem fuqha. Każijiet ta' sterilità li mbagħad Alla jippremjahom bil-wild: huma Sara, omm Iżakk; Rakela omm Ġużeppi u Benjamin; Anna omm Samwel u Eliżabetta, omm Ġwanni l-Battista.

Anke fis-soċjetà lhudija, forsi kontra kull ideja ġenerali li wieħed jista' jkollu, naraw diversi personaġġi nisa li kellhom rwol importanti. Insemmu lil Debora, omm u profeta, mart Lappidot li kienet imħallef importanti f'Iżrael (ara Imħ 4:4). Għandna ukoll l-istorja tar-reġina Ester, ferm maħbuba mil-Lhud. Ta' min isemmi hawnhekk il-'Gebira' (jiġifieri l-'Kbira') li kienet omm is-sultan u li kellha s-setgħa tagħha ukoll fit-tmexxija.

Il-kmandamenti ta' Alla u l-liġijiet li nsibu fil-bibbja jagħtu ġieħ kemm lill-missier kif ukoll lill-omm kif jurina r-raba' kmandament: "Weġġaħ lil missierek u lil ommok, sabiex jitkattru jiemek fuq l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, jagħtik" (Eż 20:12) u "Kull wieħed għandu jweġġaħ lil missieru u lil ommu u jħares is-Sibtijiet tiegħi. Jiena hu l-Mulej Alla tagħkom."(Lev 19:3). Per eżempju min kien jaħbat għal missieru kif ukoll lil ommu jew jisħithom, kien ikun ħaqqu l-kastig: "Min jisħet lil missieru jew lil ommu, ikun ħaqqu l-mewt " (Eż 21:17, ara ukoll Dt 21:18-21).

Is-salmista ukoll ikompli juri l-kobor ta' l-omm u t-telfa kbira meta hija tmut: "bħal min jagħli għal ommu nxħett fin-niket" (Salm 35:14). Fil-ktieb ta' Proverbji nsibu kontinwament li wieħed għandu juri mħabba u ubbidjenza lejn ommu: "Iben bil-għaqal iferraħ lil missieru, imma l-iblah ikasbar lil ommu (Prov 15:20). Anke n-nazzjon ta' Iżrael huwa mxebbah ma' l-omm u l-poplu bħala uliedha: "Imma ommkom waqgħet f'mistħija kbira; dik li wilditkom waqqgħuha fil-għajb, rawha, ġiet l-aħbar fost il-ġnus, saret deżert, art niexfa u xagħra" (Ġer 50:12).

***L-Omm u l-Familja Lhudija***

Bħalma diġà semmejna jidher b'mod ċar li l-omm kellha sehem importanti fl-edukazzjoni ta' l-ulied b'mod partikulari fl-ewwel snin tat-trobbija. L-ulied kienu jinfatmu minn ommhom wara xi sentejn u nofs jew tlett snin; il-bniet kienu jinfatmu ħafna qabel is-subien. Infatti fl-ewwel snin it-tarbija kienet taħt il-kura stretta ta' l-omm u anke meta l-ulied kienu jikbru hija kienet tibqa' tagħti l-pariri u l-kunsilli tagħha.

Kienet l-omm, li kienet tagħti l-ewwel tagħlim morali lit-tifel jew lit-tifla. Meta mbagħad l-ulied kienu jilħqu l-età ta' l-adolexxenza, dik tat-tnax-il sena, l-ulied kienu jgħaddu taħt il-kura tal-missier. Din it-tranżizzjoni kienet kruċjali ħafna fil-ħajja tat-tifel jew tat-tifla b'mod partikulari meta kienu jgħaddu mill-kuntrast kbir tat-tenerezza għall-id tal-ħadid tal-missier.

Minbarra dan, l-omm kellha x-xogħol tagħha tad-dar; it-tisjir u t-tindif tad-dar, kienet taħseb ukoll sabiex tmur iġġib l-ilma mill-bir jew mill-għejjun tal-villaġġ, kif ukoll kienet tgħin fix-xogħol tal-għalqa, l-iktar meta kien ikun hemm iż-żriegħ jew il-ħsad jew il-ġbir tal-frott, tal-għeneb u taż-żebbuġ.



***Ommijiet bħala Personaġġi Bibliċi***
Fil-Bibbja nsibu lista twila ta' ommijiet bħala protagonisti ta' l-istorja tas-salvazzjoni. L-ewwelnett insemmu lil Eva, omm il-ħajjin kollha u li ġabet flimkien ma' Adam l-ewwel waqgħa tad-dnub oriġinali (ara Ġen 3:20). Sara, il-mara ta' Abraham, li tat tifel fi xjuħitha lil Iżakk, u b'hekk saret omm ta' nazzjon sħiħ: "Għax jien inberikha u minnha wkoll nagħti lilek iben. U jien inberikha u tkun omm ta' popli li minnha joħorġu slaten ta' ġnus" (Ġen 17:16). Għandna lill-mara ta' Iżakk, Rebekka u tippreferixxi lil binha Ġakobb minn binha l-ieħor Għeżaw u narawha taħdem biex Ġakobb jieħu minn idejn ħuh il-barka ta' missieru.

Insibu lil Rakela l-mara proprja u mwegħda ta' Ġakobb, li kellha xewqa kbira għat-tfal u fl-aħħar Alla jagħtiha lil Ġużeppi u lil Benjamin; insemmu lil Siffora minn Midjan, il-mara ta' Mosè; lil Tamar; lil Raħab; u lil Debora. Għandna wkoll l-istorja ħelwa taż-żewġ ommijiet, Noemi u Rut, il-mara Mowabita. Insemmu lil Batsabea omm Salamun, il-mara li waqgħet f'adulterju ma' David is-Sultan. Għandna lil Seruja li kienet oħt David li kellha tlett ulied. U xi ngħidu għall-kuraġġ kbir ta' l-omm tas-seba' ulied Makkabin, omm tassew eċċezzjonali li tara l-martirju ta' uliedha kollha.

Fil-Ġdid Testment għandna lil Santa Eliżabetta, omm xiħa imma magħżula biex tkun Omm Ġwanni l-Battista; għandna omm il-mara ta' Pietru, l-omm u l-armla ta' Najm, omm Ġakbu u Ġwanni l-appostli, u Marija omm Ġakbu ż-żgħir u Ġosè. Fuq kollox għandna lil Marija ta' Nazaret, Omm il-Feddej, l-Omm ta' l-ommijiet kollha.

***Marija, l-Omm ta' l-ommijiet***
Alla l-Imbierek għażel li jibgħat lil Ibnu l-Waħdieni fid-dinja billi jitwieled permezz ta' Omm. Hekk il-profeta Iżaija ħabbar mijiet ta' snin qabel dwar din l-omm speċjali li kellha tkun Omm il-Messija: "Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el, Alla magħna" (Iż 7:14). Fl-Iskrittura Mqaddsa naraw b'mod ċar lil Marija bħala dik l-Omm li qalet 'Iva' għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!" (Lq 1:38). San Irinew jgħid dan dwar il-Madonna, li l-għoqda tad-diżubbidjenza ta' Eva nħallet bl-ubbidjenza ta' Marija, dak li rabtet Eva bin-nuqqas ta' fidi tagħha, ħallitu Marija bil-fidi tagħha. Marija hija dik l-Omm li dejjem trid tara lil uliedha jifirħu flimkien; "Billi ma kienx fadal iżjed inbid, Omm Ġesù qatlu: "Ma għandhomx inbid." (Ġw 2:3). Fl-aħħar kelmiet tiegħu, Ġesù fuq is-salib ta bħala omm lil ommu stess lid-dixxiplu biex tkun Ommna lkoll.

***Konklużjoni***
Rajna b'mod ċar li l-Bibbja titkellem kontinwament dwar il-maternità, mill-ewwel ktieb tal-Ġenesi sa l-aħħar ktieb fejn għandna l-'Mara ta' l-Apokalissi'. Hemm ukoll diversi metafori u tixbihat fil-bibbja li huma marbutin mal-figura ta' l-omm il-Knisja, mwaqqfa minn Kristu u li tagħha aħna lkoll membri, hi ukoll ommna u trid tiġborna lkoll flimkien biex inkunu tassew merħla waħda (ara Gal 4:26 u Apok 21:2).

Il-Papa Ġwanni Pawlu I f'wieħed mill-ewwel diskorsi li kien għamel fil-Pontifikat ferm qasir tiegħu kien ħareġ bil-



frażi famuża u ġdida ta' Alla bħala Omm. Jekk niflu sewwa dan il-ħsieb fil-bibbja, naraw tassew lil Alla Missier iħobb bit-tenerezza tal-qalb ta' l-omm: "Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha, u ma tħennx għal bin ġufha? Imqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt! (Iż 49:15). Alla hu Mħabba u għalhekk ibierek żgur lil dik l-omm li tagħżel li tagħti dejjem il-ħajja lil uliedha. Din hija s-sejħa u l-missjoni tagħha.

***Biblijografija***

COOK, J.E., "*Pseudo-Philo's Song of Hannah: Treatment of a Mother in Israel*", in *JSP* 9 (1991) 103-114.

MILLER-MCLEMORE, B., *Also a Mother: Work and Family as Theological Dilemma*, Nashville (TN) 1994.

O'CARROLL, M., *Theotokos. A Theological Encyclopedia of the Blessed Virgin Mary,* Washington – Delaware 1982.

ROLLER, L.E., *In Search of God the Mother; the Cult of Anatolian Cybele*, Berkeley 1999.

ZUFFI, S., *Episodi e personaggi del Vangelo*, I Dizionari dell'Arte 4, Milano 2002.



Ta' Vestru

Bar, Restaurant & Pizzeria

Specializing in Local & Italian Food

Open daily for Lunch and Dinner

5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274




## (L-ERBATAX-IL PARTI)

### Is-Sehem tal-Knisja fil-Kura tal-Morda matul iż-Żminijiet

Il-kura tal-morda u tal-batuti minn dejjem kienet parti integrali mit-tradizzjoni Kristjana. Fil-Medju Evu wieħed minn kull żewġt itfal kien imut qabel ma jkollu 10 snin. Minn dawk li jgħixu forsi wieħed minn kull tlieta kien igħix sa 50. Analiżi xjentifika ta' l-oqbra ta' dak iż-żmien turi li ħamsa u sittin fil-mija tan-nisa u sitta u tletin fil-mija ta' l-irġiel kienu jmutu qabel ma kien ikollhom ħamsa u tletin sena. Disgħa fil-mija biss minn dawk li kienu jindifnu kellhom sittin sena jew iktar. Anke dawk privileġġjati li kellhom ħajja pjuttost komda u kellhom anke min jieħu ħsiebhom u ikel tajjeb ma kinux igħixu fit-tul. Ħadd mit-tnejn u għoxrin re ta' Franza li għexu bejn s-sena 1000 u 1500 ma għex iktar minn 70 sena u fil-fatt tlieta biss għexu sa 60. Dan in-"nuqqas" kienu jagħmlu tajjeb għalih il-Patrijiet Minuri li bħal missierhom Franġisku kienu involuti sa mill-bidu, fix-xogħol qalb il-morda, speċjalment il-lebbrużi. Dan ix-xogħol qalb il-morda kien isir ukoll minn Ordnijiet oħra Franġiskani fosthom il-Kapuċċini. Forsi xhieda ta' dan huwa l-fatt li waqt il-pesta ta' l-1630-1631 fl-Ewropa, fl-Italja biss kienu mietu ħames mitt Kapuċċin li urew qlubija kbira meta baqgħu fl-ibliet jikkuraw u jieħdu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tan-nies waqt dawn iż-żminijiet koroh.

L-ewwel sptar f'Malta u wieħed mill-eqdem fil-Mediterran kollu fil-fatt kien jismu l-**Isptar ta' San Franġisk** u wara żmien beda jissejjaħ **Sptar Santo Spirito** bħal ta' Ruma. Dan kien imwaqqaf madwar s-snin 1340 - 50. Kien jinsab fir-Rabat u fl-1372 kien jopera taħt it-tmexxija tat-Terzjarji Franġiskani taħt ir-rettorat tal-Patri Franġisk Niccolo' Papalla li kien appuntat mir-**Re Federiku IV**. Fl-1433, it-tmexxija ta' l-Isptar San Franġisk u l-ftit l-isptarijiet l-oħrajn fil-Gżejjer kienet trasferita mir-Re Alfonso l-Manjanimu għall-Ġurati ta' l-Universitas. L-ewwel sptar f'Għawdex sar fl-1454 fuq xewqa testimentali ta' **Francesco Bonniċi** li miet fit-22 ta' Frar 1454 u li ħalla somma flus biex jinbena sptar għall-pelligrini li juru din il-gżira. Dan l-isptar kien jikkonsisti biss fi ftit kmamar mibnija, skond l-istoriku Għawdxi Rev. Dr. Joseph Beżżina, ħdejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, u ma tantx intuża. Il-flus li ħalla Francesco Bonniċi kienu qed jingħataw għall-karità. Fiż-żjara tad-Deligat Appostoliku, Dusina fl-1575 huwa ordna biex jerġa' jinfetaħ. Fl-1680 l-isqof Molina ta xi flus għall-bini ta' sptar ikbar imma baqa' ma sar xejn. Fl-1732 l-isqof Pawlu Alferan ħa ħsieb l-isptar u ġabar fondi flimkien ma' li ta hu biex jinbena sptar li kien tan-nisa li kien iddedikat lil San Ġiljan. L-isptar ta' l-irġiel twaqqaf minn flus l-aħwa qassisin Għawdxin Ġanmari u Girgor Camilleri fis-sena 1719. Wara ħafna diffikultajiet dan ittella' fuq pjanta li ħażż l-inġinier Henri Mondoion fi żmien il-Granmastru Anton Manwel de Vilhena u s-semma għal San Ġwann Evanġelista.

Ġo Firenze, t-Terzjarji li kienu jissejħu *bonuomini*, waqqfu sptar kbir San Paolo għall-kura tal-morda foqra. L-istess ġara fl-Ewropa ta' Fuq fejn gruppi ta' persuni nisa li kienu jissejħu *beguinini* kienu jagħmlu tista' tgħid l-istess xogħol tal-*bonuomini*. Ix-xogħol ta' dawn il-komunitajiet Franġiskani kien rikonoxxut mill-isfqijiet ta' diversi postijiet u saż-żminijiet tan-Nofs in-numru tagħhom kien kiber ġmielu.

Kif rajna anke hawn Malta l-ewwel kura lill-fqar u l-morda kienet tingħata minn *Istituzzjonijiet tal-Karità tal-Knisja* u l-ewwel sptar għall-kura medika hawn Malta kien imwaqqaf mill-*Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann*, li kien ordni reliġjuż.

Minħabba żmien ta' taqlib soċjali u fatturi finanzjarji x-xogħol ta' diversi Ordnijiet Terzjarji ħa daqqa lura bejn l-1400 u 1800. Ħafna minn dawn l-isptarijiet kellhom jgħalqu u l-komunitajiet li kienu jaħdmu fi sptarijiet mal-morda kienu mġiegħla josservaw iktar il-voti tagħhom reliġjużi. Għalhekk kienu kostretti li jillimitaw ix-xogħol tagħhom fl-isptarijiet mill-awtoritajiet tal-Knisja. Fl-1611 **Apollina Rademacher** waqqfet fil-Ġermanja komunità ġdida li l-membri tagħha kienu jaħdmu fi sptarijiet żgħar. Dawn ma kinux isejħu lilhom infushom reliġjużi iżda "soċjetà ta' nisa twajba" biex b'hekk jevitaw il-liġi kanonika li kienet tirrestrinġihom li jgħixu f'kunvent. Fl-1622 din il-kongregazzjoni lajka kienet kibret mhux ħażin tant li l-awtoritajiet ċivili fdaw f'idejn din il-kongregazzjoni t-tmexxija ta' sptar kbir. Fuq dan l-eżempju nħolqu diversi kongregazzjonijiet oħra ta' nisa

lajċi li mexxew sptarijiet oħra kemm fl-Ewropa kif ukoll fl-Amerika.

Ir-Rivoluzzjoni Industrijali tas-Seklu 19 ġabet magħha ħafna tibdil fl-Ewropa tal-Punent. Eluf ta' nies ħallew il-kampanja u resqu lejn l-ibliet il-kbar biex jaħdmu fil-fabbriki u l-minjieri tal-faħam. Il-Franġiskani ma' baqgħux lura u huma wkoll organizzaw ruħhom biex ikunu jistgħu jilqgħu l-bżonnijiet soċjali u reliġjużi ta' dawn il-komunitajiet ġodda. L-istess ġara fl-Istati Uniti ta' l-Amerika fejn il-Franġiskani bdew jerġgħu jiftħu sptarijiet u knejjes. Dawn l-isptarijiet Franġiskani kienu xempju ta' kura mhux biss tal-mard fiżiku tal-bniedem imma kura tal-persuna sħiħa. Il-motto ta' dawn l-isptarijiet kien li ma' tistax tissepara l-bżonnijiet tal-ġisem mill-bżonnijiet tar-ruħ u għalhekk il-pazjent kien jingħata kura kompleta kemm tal-ġisem kif ukoll tar-ruħ. Dawn l-isptarijiet Kattoliċi kienu l-mudell ta' sptarijiet oħra. Ir-reliġjużi ma setgħux jagħmlu x-xogħol kollu weħidhom. Għalhekk bdew jinfetħu skejjel ta' tagħlim għall-kura tal-morda li biż-żmien wasslu għan-Nursing Schools moderni.



Fil-perjodu ta' bejn l-1870 u l-*Ewwel Gwerra Dinjija* (1914 - 1918) in-numru ta' dawn l-isptarijiet kattoliċi fl-Istati Uniti ta' l-Amerika żdied għal 250. Wieħed mill-aqwa sptarijiet fl-Amerika llum, il-*Mayo Clinic* ra l-bidu tiegħu lil Madre Alfred Moes li fl-1889 waqqfet sptar żgħir St Mary f'Rochester Minisota. Hija kienet avviċinat lil tabib Protestant **William Mayo** biex igħin fil-ftuħ ta' dan l-isptar. Biż-żmien dan l-isptar żgħir żviluppa f'dik l-istituzzjoni kbira ta' kura medika, riċerka u tagħlim fil-qasam mediku. *Mayo Clinic* hija magħrufa mad-dinja kollha. Fiha wieħed isib professuri, speċjalisti u tobba minn madwar id-dinja fosthom uħud mill-Gżejjer Maltin.

Fiż-żminijiet moderni dawn l-istituzzjonijiet Franġiskani kemm fl-Amerika u kemm fl-Ewropa nqabdu f'ambjent kumpless ta' kompetittività u żvilupp imgħaġġel fil-qasam mediku u tat-teknoloġija medika. It-tibdil soċjali ta' wara t-*Tieni Gwerra Dinjija* (1939 - 1945) wassal għal żvilupp ieħor fil-qasam mediku fejn il-kura medika bdiet tkun patronizzata mill-istat bit-twaqqif ta' *Sistemi Nazzjonali tas-Saħħa*. Biex tkompli żżid il-kompetittività nħolqu skemi privati tas-saħħa li komplew xejnu sehem il-kongregazzjonijiet reliġjużi u lajċi tal-Franġiskani.

### *L-istat bħala l-protettur tas-saħħa*

L-istat mhux minn dejjem ħa ħsieb is-saħħa u l-kura tal-morda. Kif rajna kienet il-Knisja li għamlet l-ewwel passi f'dan il-qasam tal-kura. Minkejja dan l-istat minn dejjem kellu l-obbligu li jieħu ħsieb il-morda u f'pajjiżi fejn il-Knisja Kattolika ma tantx kella influwenza bħal l-Ingilterra, l-istat kellu parti akbar mill-Knisja.

Fl-Ingilterra, l-isptar kbir ta' San Bartilmew ilu mwaqqaf mill-1123 u dak ta' San Tumas mill-1215. Sal-bidu tas-seklu 15 fl-Ingilterra kien hemm ġa 500 sptar. Ħafna iktar wara bdew jinbnew sptarijiet madwar l-Ewropa kollha mir-rejiet ta' dak iż-żmien. Fost wieħed mill-ikbar sptarijiet kien dak ta' *Allegemeine Krankenhaus* (Sptar Ġenerali) fi Vienna li kellu 2,000 sodda u li reġa' inbena mill-*Emperatur Joseph II* fl-1784. Rejiet oħra fil-Ġermanja u r-Russja bnew sptarijiet oħra kbar.



Mhux hekk ġara fl-Ingilterra meta l-Parlament u l-Kuruna ta' dak iż-żmien ma tantx għenu. Kienu għaqdiet ta' karità li bnew sptarijiet kbar bħal *Westminister* (1720), *Guy's* (1724), *St George's* (1733), *London* (1740) u Middllesex (1745). Sa l-1800 dawn l-isptarijiet ta' Londra kienu jikkuraw iktar minn 20,000 pazjent fis-sena.

Fis-seklu 18 fl-Amerika bdew jinbnew diversi sptarijiet. L-ewwel sptar ġenerali nfetaħ fl-1751 ġo Philadelphia. Wara sar wieħed f'New York u Massachusetts (1811). Sas-seklu 20 fl-Amerika kien hemm 4,000 sptar imxerrdin madwar l-istati kollha ta' l-Amerika.

Sas-seklu 19 l-isptarijiet kienu iktar postijiet ta' wens fejn il-morda kien ikolhom saqaf fuq rashom, ftit tal-ikel u xi ftit tal-kura li kienet teżisti sa dak iż-żmien. L-iktar każijiet li kienu jingħataw kura kienu l-aċċidenti u l-kura ta' suldati feruti waqt il-ġlied. Biż-żmien bdew jinbnew sptarijiet apposta militari għas-suldati feruti. Ħafna minn dawn l-isptarijiet kif rajna kellhom l-aqwa tobba u kirurgi u fihom kienet issir ħafna kura. Qabel l-iskoperta tal-antisettiċi u iktar wara l-antibijotiċi, l-isptarijiet kienu postijiet maħmuġa fejn l-infezzjonijiet kienu jiżdiedu flok ikunu mfejqa, għalhekk l-isptar kien iservi bħala passaġġ ta' qabel il-mewt mhux biex tfieq. Huwa għalhekk li fost l-anzjani tagħna hemm dik il-biża' kollha kontra l-isptar. Tant hu hekk li mhux f'pajjiżna biss iżda kullimkien, l-isptar kien iktar għal fqar. Is-sinjuri kienu jibqgħu jieħdu l-kura fid-djar tagħhom. Dari anke operazzjoni fid-djar kienu jagħmlu kif ukoll il-ħlasijiet tat-trabi li tista' tgħid kollha fid-djar kienu jsiru.



Fis-seklu 18 bdejna naraw xi riformi fl-isptarijiet li flimkien ma' l-iżviluppi li bdew iseħħu fil-kura, fil-patoloġija u fix-xjenza medika u d-dijanjosi tal-mard, l-isptarijiet ħadu xejra oħra u bdew ikunu mmexxijin minn tobba mħarrġa tajjeb. Dawn il-bidliet wasslu biex l-idea ta' l-isptar ftit ftit tinbidel. Sas-seklu 19 bdejna naraw sptarijiet speċjalizzati. Hekk bdew jinfetħu sptarijiet għall-mard tan-nisa u tat-tqala, sptarijiet għat-tfal, sptarijiet għall-kura tal-kanċer u sptarijiet għall-kura tal-mard tas-sider. Nistgħu nsemmu xi sptarijiet speċjalizzati famużi fosthom: *Royal Hospital for Diseases of the Chest* (1814), the *Bromptom Hospital* għat-tuberkulożi: 1841), the *Royal Marsden Hospital* (għall-kanċer:1851), the *Hospital for Sick Children, Great Ormond Street* (1852), u n-*National Hospital, Queen Square* (għall-mard tan-nervituri:1860). Sptarijiet simili nbnew madwar id-dinja żviluppata f'Pariġi, Vienna, St. Petersburgh, Massachusetts, Boston u New York.

*(jissokta)*

IRQAQAT MILL-IMGĦODDI

# Il-Ġebel tal-Qawwi (1)




Il-blat ta' Malta nsibuh mqassam f'ħamest isfuf li jibdew miż-żonqor ta' fuq kif narawh fil-qċaċet tal-muntanji li għandna f'Għawdex. Taħtu hemm il-kaħla li tidher sew ta' Gelmus u ta' Ġurdan. Imbagħad hemm it-tafal li jiżżerżaq mal-faldi tal-muntanji għal fuq il-franka. Taħt il-franka, aktarx qrib il-baħar, jew f'xi wied fond, bħal ta' Mġarr ix-Xini, insibu ż-żonqor ta' taħt.

Miż-żonqor ta' fuq jinqata' l-ġebel tal-prima, li Malta jsibuh l-irħam t'Għawdex, filwaqt li dak li jaqtgħu miż-żonqor ta' taħt, l-iktar għall-ġir, jgħidulu tas-sekonda. **Għawdex il-ġebel tal-qawwi kienu jaqtgħuh mill-Qala ħdejn Għar Dorf, li l-Qalin jgħidulu Għar id-Dar, u l-oħra Ħondoq ir-Rummien, fejn illum hemm ġerħa twerwrek.**

Ta' min jgħid li ż-żonqor ta' fuq jinqasam fi sfuf oħra, li mhux dejjem issibhom kollha flimkien. L-ispiera tiegħi, is-Sruġ, ix-Xagħra, qabel tgħaddi għall-kaħla, issib is-safra, tajba għall-bini flok il-franka, bħalma wieħed jista' jara fi djar qodma x-Xagħra. Fuqha niltaqgħu ma' saff tifrik, jgħidulu *tiksir*. Hemmhekk l-ispiera titwessa' għax il-ġebel maqtugħ neħħewh biex ma jibqax nieżel isfel fil-magħżna mimlija bl-ilma. Imbagħad ġie li jkun hemm saff safrani artab biżżejjed biex jaqtgħuh għat-torba li kienu jferrxu dari fit-toroq. Fuq dan is-saff imbagħad hemm *il-katina*, saff iebes daqs il-ħadid, li l-baqqun malli jolqtu jibda jgħanni u jdoqq qisu qanpiena. Dan hu s-saff tal-ġebel tal-prima, li hemm fejn hu baxx u fejn hu għoli. Dak li għandna s-Sruġ isemmih Abela fl-1641 għax jieħu l-lustru. Minn dan il-blat hemm djar qodma mibnija bih ix-Xagħra, fosthom id-dar tan-nannu fi Triq il-Knisja. Fuq ġie li jkun hemm saff ieħor abjad li xħin twarrablu l-għoqod issibu artab biżżejjed għat-torba.



## Il-barrieri tal-qawwi

Mill-barrieri tal-ġebel tal-qawwi kienu jaqtgħu kantun żonqri, safrani qisu travertin, għaz-zokklu tad-djar minn barra bħalma għandi jien Strada Santa Marija, Marsalforn, biex jilqa' l-umdità. Ġie li ssib faċċata sħiħa bih biex tilqa' r-raxx tal-baħar. Issibu biss fi djar li nbnew ħabta ta' l-1900 bħal tiegħi u fl-irħula.

Il-Qorti tal-Belt t'Għawdex, fejn dari kien iposdi l-gvernatur fi żmien il-kavallieri għandu l-art miksija biċ-ċangatura tal-qawwi u r-Rabat għadek tara *d-dorog* mal-ġnub tat-toroq, bħalma huma t-Triq tal-Ġiżimin u t-Triq tal-Madonna tal-Karità, għall-ilma tax-xita.

It-Tokk, il-Monument tal-Gwerra sar ukoll b'dan il-ġebel tal-qawwi bħalma kien sar dak ta' Malta li hemm il-Furjana. Niftakar raġel miż-Żebbuġ, minn Strada Ponta, jaħdem fuqu b'sabar kbir f'dik id-daqsxejn ta' wesgħa li hemm wara s-Salib tat-Tiġrija, li konna ngħidulha l-Flora.

**Is-siegħa l-ħażina għall-barrieri tal-Qala bdiet fl-1904 meta l-Ingliżi xeħtu għajnejhom fuqhom biex ħadu ż-żrar tal-qawwi għall-brejkwoter tal-Port il-Kbir u l-Ħondoq tar-Rummien ħa daqqa tal-mewt meta qatgħu dak il-ħaġar kbir għall-iskoljiera tax-Xatt tagħna, fis-sittinijiet ta' l-għoxrin seklu. Ta' Ras il-Qala nbidlet f'barriera taż-żrar għax-xogħol tal-konkos. B'hekk is-sengħa tal-qtugħ u l-inġara tal-ġebel tal-qawwi ntilfet.**

*(jissokta f'ħarġa oħra)*

HREJJEF TA' ŻMIENNA

# IRBIT

*Rakkont ta' Mons. Salv Borg*

Pietru kellu issa madwar tmenin sena. Kien rabba familja ta' ħamsa. Ilkoll kienu żżewġu u erba' minnhom kienu telqu bil-familja tagħhom lejn l-Awstralja u lejn l-Amerika. Pietru baqa' jgħix flimkien ma' martu Dolora, f'dar tarf ir-raħal. Wara li mietet martu, huwa għamel xi żmien jgħix waħdu, iżda fehem minnufih li ma setax ikompli sejjer hekk. Bniedem ta' dik l-età ma kenitx ħaġa sewwa li jibqa' jgħix waħdu.

Ibnu Twanny, li kien jgħix ma' martu Janie flimkien ma' ibnu ta' erba' snin u li kien jismu Teddie, kien ipperswadih sabiex jinġabar magħhom. Pietru l-idea għoġbitu, iżda ma riedx li jkun ta' xkiel għal ibnu. Wara insistenza ta' Twanny, Pietru ġarr il-ftit affarijiet li kellu f'daru u mar joqgħod għand ibnu.

Il-post preferit tiegħu f'din id-dar ġdida kien siġġu mdaqqas imqiegħed f'nofs is-salott. Dejjem hemm kont issibu. Daqqa jaqra l-ġurnal, daqqa jisma' r-radju, daqqa jgħid ir-rużarju... L-uniku xkiel għal Twanny u Janie kien, li mingħajr ma jrid, kien iħobb jindaħal xi ftit. Araħ jaqbeż għat-tifel meta ommu u missieru kienu jċanfruh biex ma jagħmilx hekk jew ma jagħmilx xi ħaġa oħra.

F'kelma waħda, Pietru kien xi ftit għall-antika...Il-koppja bdiet taraħ żejjed, u Janie assolutament ma setgħetx iġġerrħu aktar. Il-ġlied bejn Twanny u Janie kien kollu minħabba Pietru. Għid illum u għid għada, għal Janie, Pietru kien sar verament ossessjoni. Il-ħajja ma setgħetx tibqa' għaddejja hekk. Fl-aħħar, wara xhur ta' ġlied u għajjat bejniethom, Twanny kontra qalbu kellu jaċċetta li jaqta' l-irbit li kellu ma' missieru sabiex b'hekk martu tkun tista' tgħix ħajjitha, bla rbit ta' xejn.

Kontra qalbu, Pietru għannaq lil Teddie għall-aħħar darba, u bid-dmugħ f'għajnejh ħallihom iwassluh sad-Dar ta' l-Anzjani li kien hemm f'raħal fil-qrib. Kemm Twanny kif ukoll martu wegħduh li jkomplu jmorru jżuruh ta' spiss.

Kienet wegħda li ma serviet għal xejn. Iż-żjarat bdew kulma jmur jonqsu, u spiċċaw biex kienu jmorru jarawh f'okkażjonijiet speċjali biss. Sa dan it-tant it-tifel beda jnaqqas mill-ikel. Ma ried jaf b'xejn. Sar aggressiv għall-aħħar. Beda jissuppervja ma' ommu u ma' missieru. Ingħalaq fih innifsu.

Din il-ħaġa bdiet tagħtihom ġewwa! Xtaqu ma jafux x'jaqbdu jagħmlu biex jerġgħu jaraw it-tifel fuq tiegħu, dejjem ferħan. Kellmulu ħafna tobba! L-ebda tabib ma qal li Teddie kien marid b'xi ħaġa. Ma setgħux jifhmu x'kien daħallu. Il-ġenituri sa waslu biex siefruh barra biex forsi jderri u kif ikun bogħod mid-dar jibda jiekol xi ħaġa. Iżda kien kollu ta' xejn. Kienu flus minfuqa għal xejn. Teddie baqa' li kien: tifel stinat, dejjem imnikket, l-ebda tbissima ma kienet tfiġġ fuq wiċċu.

Darba waħda saru jafu li kellu jiġi speċjalista tat-tfal u ddeċidew li jmorru b'Teddie tagħhom sabiex ikellmuh. Dan kien qiegħed jara lin-nies fid-Dar ta' l-Anzjani fejn kien rikoverat Pietru.

Dr. Henry Brown, għax hekk kien jismu l-ispeċjalista, invistah waħda sew. Beda jsaqsih diversi mistoqsijiet, biex jaqbad x'kienet ir-raġuni li kien ġralu hekk. Iżda Teddie b'rasu baxxuta kien, u b'rasu baxxuta baqa'. Kelma li hi kelma ma ħarġitx minn fommu. Il-ġenituri kienu qed jistennew f'kamra oħra.

F'daqqa waħda instema' xi kliem ta' xi ħadd li kellu leħnu oħxon. Teddie minnufih refa' ħarstu, waqqaf sewwa widnejh, u għajnejh dehru jibbru. "In-nannu Pietru!" għajjat Teddie; u b'salt qabeż minn fuq il-pultruna li kien fuqha quddiem l-ispeċjalista, u f'ħakka t'għajn sab ruħu ħdejn il-bieb. Fetħu. U dlonk għajjat: Nannu Pietru...Nannu Pietru!!"

Dak il-ħin in-nannu kien għaddej minn quddiem dik il-kamra, matul kuridur twil li kien jgħaqqad il-parti fejn kien hemm rikoverati l-anzjani, u l-parti li kienet tintuża bħala klinika fejn l-ispeċjalisti kienu jiltaqgħu mal-pazjenti tagħhom.

Teddie tgħannaq miegħu, filwaqt li nfexx f'bikja kbira. Nannuh għafsu miegħu u meta pprova jinħall minn miegħu, Teddie iktar iggranfa miegħu. L-ispeċjalista fehem minnufih għaliex Teddie kien ġralu dak li ġralu. Sejjaħ lil Twanny u lil Janie. Dawn ħarġu mill-kamra fejn kienu qegħdin, u raw dik ix-xena meraviljuża li kienet qed isseħħ f'nofs il-kuridur.

Anke huma fehmu kollox. Pietru veru kien t'irbit għalihom meta kien magħhom fid-dar tagħhom, iżda meta ġabuh f'dik id-Dar ta' l-Anzjani, bla ma ttendew qatgħu kull irbit li kien hemm bejn binhom Teddie u nannuh, irbit li ħadd ma kellu dritt jaqbad u jaqtgħu. Ġrew għal fuq Pietru. Għannquh magħhom, filwaqt li talbuh jaħfrilhom ta' l-egoiżmu tagħhom.

Teddie għadu mgħannaq ma' nannuh, qalilhom: "Irrid nibqa' man-nannu, irrid nibqa' man-nannu!" Missieru qallu li hekk kien ser jagħmel, ser jibqa' ma' nannuh, iżda mhux f'dik id-Dar ta' l-Anzjani, iżda f'darhom. Għenuh jiġbor xi ftit xarbitelli li kellu f'kamartu, u wara li Pietru sellem lir-residenti, rikeb magħhom fil-karozza fost il-ferħ tiegħu u ta' Teddie.

B'hekk dak l-irbit li kien jeżisti qabel reġa' ntrabat f'rabta li ħadd iktar ma azzarda jerġa' jħollha.

**MIX-XENA SPORTIVA** *minn* **Joe Bajada**



# Nadur Youngsters Champions! Suċċess għad-Disa' darba



Fl-iktar kampjonat missielet li kellna f'dawn l-aħħar staġuni, *Nadur Youngsters* spiċċaw rebbieħa bi *sprint* finali fejn issuperaw lil *Sannat Lions* li għall-perjodu sostanzjali kienu huma l-favoriti li jakkwistaw it-titlu. Kull kampjonat tista' tgħid li jkollu xi mumenti jew elementi li jagħmluh differenti minn dak ta' qablu, u dak li għadu kif spiċċa ma naqasx li joffri xi ħaġa li tħallih ittimbrat biha. Fil-fatt it-taħlita ta' riżultati, jew aħjar li t-timijiet hekk imsejħa żgħar jew li kienu jokkupaw il-postijiet tal-aħħar tal-klassifika, spiċċaw rebħu jew żammew *draw* lit-timijiet ta' fuq, kien karetteristika ta' dan is-57 kampjonat tal-ewwel diviżjoni organizzat mill-*Gozo Football Association*. Għall-bidu konna bdejna niddiskrivu dawn ir-riżultati bħala sorpriża, iżda mal-kontinwazzjoni ta' bosta riżultati simili, kellna naċċettaw li dan kollu kien qed iseħħ minħabba l-bilanċ qawwi li kien imsawwar bih dan il-kampjonat *Onvol* tal-ewwel diviżjoni. Jiggalvanizza dan il-bilanċ kien li ma' kull logħba bdew jinbidlu l-favoriti fejn fil-ġlieda finali kienu daħlu wkoll *Xagħra United* u għall-perjodu wkoll anke *Kerċem Ajax*.

Kif jaf kulħadd huma Nadur li ċċelebraw bil-kbir meta fl-aħħar logħba riedu bilfors rebħa kontra s-Sannatin. Hija verita li l-*Youngsters* lagħbu futbol aħjar u iktar kordinat mil-*Lions* u probabbli huma ġew ippremjati għal dan l-element. Minkejja li spiċċaw *champions*, bħat-timijiet l-oħra kollha naqsu li jkunu konsistenti fejn alternaw fil-wirjiet u fir-riżultati. Fil-fatt huma qatt ma ddominaw il-kampjonat. Bla dubju, ħassew in-nuqqas ta' Simoncic bħala *player*. Sannat minn naħa tagħhom fallew milli jirbħu l-kampjonat wara nuqqas ta' 17 il-sena, mhux biss fl-aħħar logħba kontra Nadur, iżda fallew matul l-andament tal-kampjonat fejn minkejja li kellhom kważi kollox ġej favur tagħhom, avolja ma kienux qed jagħmlu xi affarijiet kbar, huma naqsu li japprofittaw biex id-diżappunt aħħari tagħhom kien evidenti.

Fit-tielet post spiċċaw *Xagħra United*, bla dubju wieħed mill-aħjar timijiet bl-aħjar *players*. Kellhom bidu inċert u dan ħalla l-effett tiegħu fuq il-pożizzjoni finali tagħhom. Madankollu huma kienu daħlu sew fil-ġlieda finali iżda nofs żelqa kontra Qala telfitilhom iċ-ċansijiet u anke rashom. Warajhom spiċċaw *Kerċem Ajax*, tim ieħor li investa f'diversi *players*. Iżda huma għal darb'oħra alternaw wirjiet tajba ma' oħrajn ferm inqas tajba biex kif ġralhom anke fl-istaġun ta' qabel, huma tilfu punti importanti meta dehru javviċinaw l-ewwel pożizzjonijiet.

Jekk it-tellieqa għat-titlu għaddiet minn mumenti inċerti, dik tar-relegazzjoni kienet differenti. L-uniku interess kien f'min ser jispiċċa fil-post ta' qabel tal-aħħar u dan ifisser kontestazzjoni għaż-żamma tal-post mal-kbar fil-logħba *decider*. Hawn il-ġlieda kienet bejn il-ġirien Għajnsielem u Qala. Il-*Blacks* kienu li salvaw meta spiċċaw fil-ħames post. Ta' sodisfazzjon għalihom kien li huma kienu l-uniku tim li qatt ma tilfu f'dan il-kampjonat kontra ċ-*champions* Nadur, fejn it-tliet logħbiet kontriehom spiċċaw fi *draw*. *Qala St Joseph* irnexxielhom iżommu l-*istatus* tagħhom b'rebħa ta' 3-2 fid-*decider* kontra *SK Victoria Wanderers*, *runners-up* tat-tieni diviżjoni. Relegati għat-tieni diviżjoni spiċċaw *Xewkija Tigers* li sa mill-bidu ta' dan il-kampjonat deher li ser ikun ferm diffiċli għalihom li jżommu posthom mal-kbar.

Dawn huma r-riżultati finali:

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nadur Youngsters* | 18 | 9 | 6 | 3 | 40 | 26 | 33 |
| Sannat Lions | 18 | 9 | 4 | 5 | 28 | 21 | 31 |
| Xagħra United | 18 | 7 | 5 | 6 | 35 | 23 | 26 |
| Kerċem Ajax | 18 | 6 | 7 | 5 | 34 | 27 | 25 |
| Għajnsielem | 18 | 5 | 9 | 4 | 27 | 27 | 24 |
| Qala St Joseph | 18 | 4 | 6 | 8 | 22 | 37 | 18 |
| Xewkija Tigers** | 18 | 3 | 3 | 12 | 23 | 48 | 12 |

**Nadur Youngsters Champions*
***Xewkija relegati*

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

# Imkejjen Għawdxin

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratti ta' Joseph P. Zammit*





## 1. F'Wied il-Lunzjata

*L-ilma li jgelgel - mill-blata samma*
*f'Wied il-Lunzjata - tal-Gżira Għawdxija,*
*ilma wisq tajjeb - nadif u safi,*
*is-saħħa jagħti - fil-jiem sajfija.*

*It-tfal u ż-żgħażagħ - jinżlu jitgħaxxqu*
*f'dan il-wied sbejjaħ - ġenna ta' l-art:*
*għelieqi jħaddru - siġar u qasab,*
*ħxejjex għall-borma - u frott u ward.*

*Ċarċir ta' ilma - mużka mill-oħla*
*maħluq m'n Alla - f'dal-wied ħadran,*
*ġwiebi u kanali - dejjem mimlija*
*u l-art tissaqqa - bl-ilma kotran.*

*Il-knisja mħaxkna - t'Ommna Marija*
*għall-kenn tal-blata - qadima sħiħ,*
*issemma' l-leħen - qanpiena ċkejkna*
*li ddoqq u tidwi - mal-wied sabiħ.*

*l -għasfur ipespes - minn ġol-ħarruba,*
*il-bidwi jgħanni - ħdejn ir-rummiena*
*bl-imgħażqa ċċekċek - mat-tub u l-ġebel*
*jaħdem u jsewwaq - taħt ir-raddiena.*

*U l-ilma jiġri - minn ġol-kanali,*
*jiġri u jxarxar - ma jaqta' xej',*
*dejjem ibaqbaq - f'Wied il-Lunzjata,*
*dejjem igelgel - dejjem għaddej.*





# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti mill-kollezzjoni ta' Joe Zammit*

## IL-LUNZJATA - L-ISBAĦ WIED TA' GĦAWDEX










## Wealth Management Plan

Il-Wealth Management Plan mill-HSBC Life Assurance (Malta) Ltd., huwa investiment flessibli li jagħtik l-opportunità attrajenti li tkabbar il-kapital tiegħek minn firxa ta' fondi bbażati f'ishma, *bonds* u proprjetà.

Il-**Global Property Equity Fund** jħallik tidħol fis-swieq tal-proprjetà mingħajr ir-riskji ta' investiment dirett.

your euro bank

Ċempel 2380 2380
Żur hsbc.com.mt
Mur fl-eqreb fergħa

HSBC Insurance

Il-passat mhux garanzija tal-futur u l-valur ta' l-investiment kif ukoll tal-munita li fih hu denominat jista' jinżel kif ukoll jitla'. Deċiżjoni biex tinvesti għandha ssir fuq it-tagħrif li jinsab fil-ktejjeb tal-prodott u fil-prospett li jista' jinkiseb minn kull fergħa ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c. Il-HLM ABN AMRO Global Property Equity Fund jista' jiġi offrut għal bejgħ f'Malta taħt id-direttiva ta' l-UCITS u jifforma parti mill-fondi offruti għall-għażla taħt il-Wealth Management Plan. HSBC Life Assurance (Malta) Ltd. hija awtorizzata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta biex tmexxi kummerċ ta' assigurazzjoni fit-tul f'Malta taħt l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni 1998. HSBC Bank Malta p.l.c. huwa intermedjarju marbut fl-assigurazzjoni ta' l HSBC Life Assurance(Malta) Ltd. taħt l Att dwar Intermedjarju fl Assigurazzjoni 2006.

*Approvat u maħruġ mill-HSBC Life Assurance (Malta) Ltd. Hexagon House, Spencer Gardens, Blata l-Bajda MRS1990*